**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0045/2024**

20.2.2024

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679
(COM(2023)0348 – C9-0231/2023 – 2023/0202(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sergey Lagodinsky



*Magħquda fid-diversità*

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........107

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........109

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI ..........110

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........169

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....170

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679 (COM(2023)0348 – C9-0231/2023 – 2023/0202(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0348),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0231/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Parlament Żvediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0045/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C , ,, p. (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Sabiex jiġi previst il-funzjonament bla xkiel u effettiv tal- kooperazzjoni u tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim kif previst fl-Artikoli 60 u 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-twettiq ta' proċedimenti mill-awtoritajiet superviżorji f'każijiet transfruntieri, u mill-Bord matul is-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż it-trattament ta' lmenti transfruntieri. Huwa meħtieġ ukoll li din ir-raġuni tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' smigħ mill-partijiet ***investigati*** qabel l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji u, skont il-każ, mill-Bord. | (2) Sabiex jiġi previst il-funzjonament bla xkiel u effettiv tal- kooperazzjoni u tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim kif previst fl-Artikoli 60 u 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-twettiq ta' proċedimenti mill-awtoritajiet superviżorji f'każijiet transfruntieri, u mill-Bord matul is-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż it-trattament ta' lmenti transfruntieri. Huwa meħtieġ ukoll li din ir-raġuni tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' smigħ mill-partijiet qabel l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji u, skont il-każ, mill-Bord. ***B'hekk dan ir-Regolament għandu l-għan li jipproteġi d-dritt għal amministrazzjoni tajba kif imnaqqax fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Biex jilħqu dan l-għan, meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kollha tal-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jaġixxu b'mod imparzjali u indipendenti u f'konformità mal-istat tad-dritt, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Dan ir-Regolament u l-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679 jirregolaw biss ċerti elementi tal-proċedura ta' kooperazzjoni, meta jipparteċipaw fil-proċedura l-awtoritajiet superviżorji ta' aktar minn Stat Membru*** |

| | |
|---|---|
| | ***wieħed. Dan ir-Regolament ma japplikax meta parti tressaq ilment direttament quddiem awtorità superviżorja ewlenija fi Stat Membru ieħor.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Il-liġi proċedurali ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tapplika għall-awtoritajiet superviżorji sakemm dan ir-Regolament ma jarmonizzax kwistjoni. Xi elementi proċedurali, bħall-piż orizzontali tal-prova tal-kontrollur fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, diġà huma rregolati mid-dritt tal-Unjoni. F'konformità mal-primazija tad-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma japplikawx il-liġi proċedurali nazzjonali meta din tkun f'kunflitt ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2016/679. Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma tkunx limitata minħabba differenzi fil-liġi proċedurali nazzjonali. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jagħmlu użu mill-għażliet kollha skont il-liġi nazzjonali applikabbli biex jippermettu lill-partijiet fi Stat Membru ieħor jipparteċipaw fi proċeduri. Dan jista' jinkludi parteċipazzjoni bil-vidjo remota, interpreti jew mezzi ta' komunikazzjoni ġeneralment disponibbli.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-ilmenti huma sors essenzjali ta' | (3) L-ilmenti huma sors essenzjali ta' |

| | |
|---|---|
| informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja minbarra dik li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment. | informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja minbarra dik li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment. ***Għal dan l-għan, huwa rrakkomandat li jenħtieġ li jinħoloq mekkaniżmu effiċjenti għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni rapida u sigura tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġu solvuti l-ilmenti f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex ikun ammissibbli, ilment jenħtieġ li jkun fih ċerta informazzjoni ***speċifikata***. Għalhekk, sabiex l-ilmentaturi jiġu megħjuna jissottomettu l-fatti meħtieġa lill-awtoritajiet superviżorji, jenħtieġ li ***tiġi pprovduta formola*** tal-ilmenti. Jenħtieġ li l-informazzjoni speċifikata ***fil-formola*** tkun meħtieġa biss f'każijiet ta' pproċessar transfruntier fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679, għalkemm ***il-formola tista' tintuża*** mill-awtoritajiet superviżorji għal każijiet li ma jirrigwardawx l-ipproċessar transfruntier. ***Il-formola*** tista' tiġi sottomessa b'mod elettroniku jew bil-posta. ***Is-sottomissjoni tal-informazzjoni elenkata f'dik il-formola jenħtieġ li tkun kundizzjoni biex ilment relatat mal-ipproċessar transfruntier jiġi ttrattat bħala lment kif imsemmi fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** Jenħtieġ li l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tkun meħtieġa biex ilment jitqies ammissibbli. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet superviżorji li | (4) Sabiex ikun ammissibbli, ilment jenħtieġ li jkun fih ċerta informazzjoni ***minima dwar l-allegat ksur, kemm jekk għadu għaddej kif ukoll jekk seħħ fil-passat. Il-waqfien ta' ksur jenħtieġ li ma jkunx raġuni suffiċjenti għar-rifjut ta' lment***. Għalhekk, sabiex l-ilmentaturi jiġu megħjuna jissottomettu l-fatti meħtieġa lill-awtoritajiet superviżorji, jenħtieġ li ***jiġi pprovdut mudell*** tal-ilmenti. Jenħtieġ li l-informazzjoni speċifikata ***fil-mudell*** tkun meħtieġa biss f'każijiet ta' pproċessar transfruntier fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679, għalkemm ***il-mudell jista' jintuża*** mill-awtoritajiet superviżorji għal każijiet li ma jirrigwardawx l-ipproċessar transfruntier. ***L-informazzjoni*** tista' tiġi sottomessa b'mod elettroniku jew bil-posta. Jenħtieġ li l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tkun meħtieġa biex ilment jitqies ammissibbli. ***Meta lment ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti minimi, l-awtorità superviżorja jenħtieġ li tirrifjutah u tinforma lill-ilmentatur dwar l-*** |

| | |
|---|---|
| jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' lmenti f'format elettroniku faċli għall-utent filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità***, sakemm l-informazzjoni meħtieġa mill-ilmentatur tikkorrispondi mal-informazzjoni meħtieġa mill-formola u ma tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment jinstab ammissibbli***. | ***informazzjoni nieqsa. L-ilmentatur mbagħad jista' jerġa' jressaq ilment komplut. Filwaqt li jenħtieġ li l-ilmentatur ma jkunx meħtieġ jikkuntattja lill-parti li tkun qed tiġi investigata qabel ma jressaq ilment, jekk l-ilmentatur kien f'kuntatt mal-parti li tkun qed tiġi investigata qabel ma jressaq l-ilment relatat mal-istess kwistjoni, jenħtieġ li huwa jissottometti l-komunikazzjoni relatata ma' dak il-kuntatt.*** Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet superviżorji li jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' lmenti f'format elettroniku faċli għall-utent filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-awtoritajiet superviżorji huma obbligati jiddeċiedu dwar l-ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli. X'inhu perjodu ta' żmien raġonevoli jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, il-kuntest tiegħu, id-diversi passi proċedurali segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija, l-imġiba tal-partijiet matul il-proċedura u l-kumplessità tal-każ. | (5) L-awtoritajiet superviżorji huma obbligati jiddeċiedu dwar l-ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli. X'inhu perjodu ta' żmien raġonevoli jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, il-kuntest tiegħu, id-diversi passi proċedurali segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija, l-imġiba tal-partijiet matul il-proċedura u l-kumplessità tal-każ. ***L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Artikoli 41 u 47 tal-Karta jirrikjedu durata totali raġonevoli tal-proċeduri. Peress li dan jinkludi rimedji ġudizzjarji skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679, il-proċeduri quddiem l-awtoritajiet superviżorji tipikament jenħtieġ li ma jdumux aktar minn disa' xhur, sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali. Dan ir-Regolament jipprevedi estensjonijiet għal dewmien jew tfixkil li ma humiex fil-kontroll tal-awtorità superviżorja ewlenija. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati finanzjament u persunal suffiċjenti sabiex*** |

*jiġi ggarantit trattament f'waqtu u effiċjenti tal-każijiet li ma jaffettwax id-dritt għal amministrazzjoni tajba.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-interazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri u l-partijiet hija rregolata mil-liġi proċedurali nazzjonali, sakemm ir-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jew id-dritt tal-Unjoni ma jiħdux il-primazija. F'każ ta' interazzjoni indiretta ta' awtorità superviżorja ewlenija ma' parti permezz ta' awtorità superviżorja oħra, jenħtieġ li tapplika l-liġi proċedurali ta' din l-awtorità għal kwalunkwe interazzjoni diretta mal-parti. F'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament 2016/679, ilmentatur għandu d-dritt li jikkomunika biss mal-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment. Dan ma jwaqqafx lill-ilmentatur milli jikkomunika direttament ma' awtorità superviżorja oħra, inkluża l-awtorità superviżorja ewlenija, li tista' tkun aktar effiċjenti.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Biex jiżgura li r-rekwiżiti minimi ta' proċeduri ġusti u effiċjenti jiġu ssodisfati fil-każijiet transfruntieri kollha, inkluż fl-Istati Membri fejn ma hemmx liġi proċedurali nazzjonali kodifikata, ir-Regolament jistabbilixxi regoli*** |

***direttament applikabbli abbażi tal-Artikolu 41 tal-Karta.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5c) Jenħtieġ li jkun possibbli li, f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali applikabbli għall-awtorità superviżorja li l-parti tkun qed tinteraġixxi magħha direttament, jiġu applikati limitazzjonijiet strettament meħtieġa u proporzjonati b'rabta mad-divulgazzjoni jew mal-użu ulterjuri ta' informazzjoni protetta legalment, bħal data personali jew sigrieti kummerċjali protetti skont id-Direttiva (UE) 2016/943[1a]. Dan jista' jinkludi d-deliberazzjonijiet interni u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtorità. Jenħtieġ li jiġu applikati l-miżuri l-anqas intrużivi, bħal-limitazzjoni tal-użu ta' informazzjoni jew l-ingassar ta' informazzjoni. Il-partijiet jenħtieġ li dejjem ikunu infurmati li ma tħallewx jaraw xi informazzjoni, u għalxiex.*** |
| | ***[1a] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2016/943/oj).*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5d) L-awtorità superviżorja ewlenija timmaniġġja l-każ f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2016/679 u l-liġi proċedurali nazzjonali, filwaqt li tikkoopera bis-sħiħ ma' awtoritajiet superviżorji oħrajn fi spirtu ta' fehim komuni u fiduċja. L-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti u l-opinjonijiet tagħhom lill-awtorità superviżorja ewlenija. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li torganizza l-każ b'mod effiċjenti u veloċi filwaqt li tqis il-fehmiet tal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn. Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-proċedura tkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari l-arkitettura ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' punt uniku tas-servizz u l-kompetenzi tal-awtorità superviżorja ewlenija.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5e (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5e) L-awtoritajiet superviżorji jistgħu wkoll jibdew proċeduri addizzjonali, pereżempju fil-każ ta' ksur sistematiku jew ripetut. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jwassal għal ebda interferenza mad-drittijiet tal-partijiet.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5f (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5f) Il-ksur jista' jikkonċerna d-drittijiet ta' diversi suġġetti tad-data, u għalhekk, l-evidenza mill-proċeduri jaf tkun meħtieġa tintuża fi proċeduri oħra biex jiġu ffaċilitati proċedura effiċjenti u teħid ta' deċiżjonijiet konsistenti. Sabiex jiġi vvalutat b'mod oġġettiv l-ammont ta' danni mhux materjali abbażi tas-suġġett tad-data medju, il-qrati ċivili jistgħu jibbenefikaw milli jibbażaw fuq fatti u evidenza stabbiliti biex jiddeterminaw talba skont l-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5g (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5g) Kull awtorità superviżorja jenħtieġ li tiddefinixxi lingwa waħda jew aktar li taċċetta li tirċievi l-informazzjoni biha mingħand awtoritajiet superviżorji oħrajn. Jenħtieġ li tiġi ddefinita "lingwa ta' kooperazzjoni" konġunta addizzjonali li l-awtoritajiet superviżorji kollha jeħtiġilhom jaċċettaw li jibagħtu jew jirċievu l-informazzjoni biha. F'każ ta' rimedji ġudizzjarji, l-awtorità superviżorja li jitressaq rimedju ġudizzjarju kontriha jenħtieġ li jkollha d-dmir li tittraduċi d-dokumenti rilevanti kollha għal-lingwi aċċettati.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Kull ilment ittrattat minn awtorità superviżorja skont l-Artikolu 57(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi investigat bid-diliġenza dovuta kollha sa fejn ikun xieraq filwaqt li jitqies li kull użu tas-setgħat mill-awtorità superviżorja jrid ikun ***xieraq, meħtieġ u*** proporzjonat bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. ***Huwa fid-diskrezzjoni ta' kull awtorità kompetenti li tiddeċiedi sa liema punt jenħtieġ li jiġi investigat ilment.*** Filwaqt li jivvalutaw il-punt xieraq ta' investigazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprovdu riżoluzzjoni sodisfaċenti lill-ilmentatur, li ***mhux neċessarjament tkun*** tirrikjedi investigazzjoni ***eżawrjenti tal-elementi*** legali u fattwali kollha ***possibbli*** li jirriżultaw mill-ilment, ***iżda li tipprovdi*** rimedju effettiv ***u rapidu*** lill-ilmentatur. ***Il-valutazzjoni tal-firxa tal-miżuri investigattivi meħtieġa tista' ssir abbażi tal-gravità tal-allegat ksur, tan-natura sistemika jew ripetittiva tiegħu, jew tal-fatt, skont il-każ, li l-ilmentatur ħa vantaġġ ukoll mid-drittijiet tiegħu*** skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/679. | (6) Kull ilment ittrattat minn awtorità superviżorja skont l-Artikolu 57(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi investigat bid-diliġenza dovuta kollha sa fejn ikun xieraq filwaqt li jitqies li kull użu tas-setgħat mill-awtorità superviżorja jrid ikun ***effettiv,*** proporzjonat ***u dissważiv*** bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Filwaqt li jivvalutaw il-punt xieraq ta' investigazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprovdu riżoluzzjoni sodisfaċenti lill-ilmentatur, li ***tkun*** tirrikjedi ***l-elementi*** legali u fattwali kollha ***rilevanti*** li jirriżultaw mill-ilment, ***biex jiġi żgurat li deċiżjoni tkun tista' tittieħed b'mod konġunt u jkun jista' jingħata malajr*** rimedju effettiv lill-ilmentatur. ***Mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi pprovduta riżoluzzjoni sodisfaċenti lill-ilmentatur fi żmien qasir, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jinvestigaw sa punt li jippermettilhom li jkunu ssodisfati dwar jekk ilment jindikax ksur aktar serju jew sistematiku. L-ippjanar tal-proċedura huwa importanti biex jiġi żgurat riżultat rapidu. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma jirreferux għad-drittijiet*** skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/679 ***bħala raġuni biex jillimitaw l-investigazzjoni ta' lment. Biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, it-trattament ta' lment jenħtieġ li dejjem iwassal għal deċiżjoni li tista' tiġi appellata. Sakemm ilment ma jiġix irtirat, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-ilmenti jingħalqu jew jiġu tterminati mod ieħor mingħajr deċiżjoni li tista' tiġi sottomessa għal rieżami ġudizzjarju.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi ***lill-awtorità superviżorja*** li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment ***bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-progress tal-investigazzjoni bil-għan li tipprovdi aġġornamenti lill-ilmentatur***. | (7) L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi ***lill-awtoritajiet superviżorji aċċess immedjat mill-bogħod għal fajl tal-każ konġunt li jkun fih id-dokumenti rilevanti kollha tal-każ, inkluża l-informazzjoni interna jew kunfidenzjali kollha kif ukoll traduzzjoni tad-dokumenti kollha għal-lingwa ta' kooperazzjoni***. ***Barra minn hekk, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tinforma b'mod attiv lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn dwar bidliet kbar li jistgħu jirrikjedu azzjoni imminenti jew attenzjoni aktar mill-qrib. Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa wkoll peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja*** li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-awtorità superviżorja kompetenti jenħtieġ li tipprovdi ***lill-ilmentatur b'aċċess għad-dokumenti li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja tkun waslet għal konklużjoni preliminari biex tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment***. | (8) L-awtorità superviżorja kompetenti jenħtieġ li tipprovdi ***lill-partijiet aċċess mill-bogħod għall-fajl tal-każ konġunt, iżda tista' tirrestrinġi dan id-dritt tal-aċċess f'ċerti ċirkostanzi. Tali aċċess jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' rimedju ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE***. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jtemmu malajr il-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 u jwasslu riżoluzzjoni rapida għall-ilmentaturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex isolvu l-ilmenti permezz ta' soluzzjoni bonarja. Il-fatt li lment individwali ġie solvut permezz ta' soluzzjoni bonarja ma jipprevjenix lill-awtorità superviżorja kompetenti milli ssegwi każ ex officio, pereżempju fil-każ ta' ksur sistemiku jew ripetittiv tar-Regolament (UE) 2016/679. | (9) Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jtemmu malajr il-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 u jwasslu riżoluzzjoni rapida għall-ilmentaturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji ***jkunu jistgħu*** jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex isolvu l-ilmenti permezz ta' soluzzjoni bonarja ***bejn il-partijiet. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma jagħmlux it-trattament ta' lment jiddependi mill-parteċipazzjoni fi proċess ta' soluzzjoni bonarja. Is-soluzzjonijiet jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu l-għamla ta' kuntratt bejn il-partijiet skont il-liġi applikabbli, iżda jenħtieġ li jorbtu lill-awtoritajiet***. Il-fatt li lment individwali ġie solvut permezz ta' soluzzjoni bonarja ma jipprevjenix lill-awtorità superviżorja kompetenti milli ssegwi każ ex officio, pereżempju fil-każ ta' ksur sistemiku jew ripetittiv tar-Regolament (UE) 2016/679. ***Madankollu, jenħtieġ li tali possibbiltà ex officio ma tintużax biex jiġu differiti deċiżjonijiet dwar l-ilmenti.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa importanti li l-każijiet transfruntieri jiġu solvuti fil-ħin u f'konformità mal-ispirtu ta' kooperazzjoni sinċiera u effettiva li huwa l-bażi tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li teżerċita l-kompetenza tagħha fil-qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati. Bl-istess mod, jenħtieġ li l- | (10) Sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa importanti li l-każijiet transfruntieri jiġu solvuti fil-ħin u f'konformità mal-ispirtu ta' kooperazzjoni sinċiera u effettiva li huwa l-bażi tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li teżerċita l-kompetenza tagħha fil-qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati. Bl-istess mod, jenħtieġ li l- |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet superviżorji kkonċernati jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri fi sforz biex jintlaħaq kunsens, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod ipprovduti mir-Regolament (UE) 2016/679. | awtoritajiet superviżorji kkonċernati jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri fi sforz biex jintlaħaq kunsens, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod ipprovduti mir-Regolament (UE) 2016/679. ***Dan jenħtieġ li jkun f'konformità mal-mekkaniżmu ta' "punt uniku ta' servizz" tar-Regolament (UE) 2016/679 u jiggarantixxi, meta applikabbli, trattament mhux diskriminatorju tal-partijiet, ċertezza legali u indipendenza tal-ħruġ ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar aspetti ewlenin ***tal-investigazzjoni*** kmieni kemm jista' jkun u qabel ***il-komunikazzjoni ta' allegazzjonijiet lill-partijiet investigati u*** l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679, biex b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' każijiet sottomessi għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-aħħar mill-aħħar tiġi żgurata s-soluzzjoni rapida ta' każijiet transfruntieri. | (11) Huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar aspetti ewlenin ***tal-każ permezz tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin u kummenti dwar dak is-sommarju*** kmieni kemm jista' jkun u qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679, biex b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' każijiet sottomessi għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-aħħar mill-aħħar tiġi żgurata s-soluzzjoni rapida ta' każijiet transfruntieri. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li tkun ibbażata fuq djalogu miftuħ li jippermetti lill- | (12) Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li tkun ibbażata fuq djalogu miftuħ li jippermetti lill- |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet superviżorji kkonċernati jħallu impatt sinifikanti fuq il-perkors tal-investigazzjoni billi jaqsmu l-esperjenzi u l-fehmiet tagħhom mal-awtorità superviżorja ewlenija***, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi kull awtorità superviżorja, inkluż fil-valutazzjoni tal-punt xieraq biex jiġi investigat każ, u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri. Għal dan il-għan,*** l-awtorità superviżorja ***ewlenija*** jenħtieġ li tipprovdi ***lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati b'sommarju*** tal-kwistjonijiet ewlenin li jistabbilixxi l-fehma preliminari tagħha dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni. Dan għandu jiġi pprovdut fi stadju bikri biżżejjed biex jippermetti l-inklużjoni effettiva tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ***iżda fl-istess ħin fi stadju fejn il-fehmiet tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar il-każ ikunu maturi biżżejjed***. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar ***firxa wiesgħa ta' mistoqsijiet, bħall-ambitu tal-investigazzjoni u l-identifikazzjoni ta' valutazzjonijiet fattwali u legali kumplessi. Minħabba li l-ambitu tal-investigazzjoni jiddetermina l-kwistjonijiet li jirrikjedu investigazzjoni mill-awtorità superviżorja ewlenija,*** jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jagħmlu ħilithom biex jiksbu kunsens kmieni kemm jista' jkun dwar l-ambitu tal-investigazzjoni. | awtoritajiet superviżorji kkonċernati jħallu impatt sinifikanti fuq il-perkors tal-investigazzjoni billi jaqsmu l-esperjenzi u l-fehmiet tagħhom mal-awtorità superviżorja ewlenija. L-awtorità superviżorja ***li quddiemha jkun tressaq ilment jew li titlob azzjoni ex officio*** jenħtieġ li tipprovdi ***lill-awtorità superviżorja ewlenija sommarju*** tal-kwistjonijiet ewlenin li jistabbilixxi l-fehma preliminari tagħha dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni. ***L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tabbozza s-sommarju finali tal-kwistjonijiet ewlenin. Is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin jenħtieġ li jkun parti mill-fajl tal-każ konġunt, u jenħtieġ li jkun dokument ħaj li jiġi aġġornat mill-awtorità superviżorja ewlenija matul il-proċedura***. Dan għandu jiġi pprovdut fi stadju bikri biżżejjed biex jippermetti l-inklużjoni effettiva tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar ***kwalunkwe aġġornament tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jqajmu kwalunkwe tilwima mal-Bord.*** Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jagħmlu ħilithom biex jiksbu kunsens kmieni kemm jista' jkun dwar l-ambitu tal-investigazzjoni. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Fl-interess ta' kooperazzjoni inklużiva effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji kollha kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija, ***il-kummenti tal-*** | (13) Fl-interess ta' kooperazzjoni inklużiva effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji kollha kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija, ***kwalunkwe*** |

***awtoritajiet*** superviżorji kkonċernati jenħtieġ li ***jkunu konċiżi*** u ***fformulati*** f'termini ċari u preċiżi biżżejjed biex ***jinftiehmu*** faċilment mill-awtoritajiet superviżorji kollha. L-argumenti legali jenħtieġ li jinġabru flimkien b'referenza għall-parti tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati magħhom. ***Il-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jiġu ssupplimentati b'dokumenti addizzjonali. Madankollu, sempliċi referenza fil-kummenti ta' awtorità superviżorja kkonċernata għal dokumenti supplimentari ma tistax tpatti għan-nuqqas tal-argumenti essenzjali fil-liġi jew fil-fatt li jenħtieġ li jidhru fil-kummenti. Id-dettalji legali u fattwali bażiċi li wieħed jibbaża fuqhom f'dawn id-dokumenti jenħtieġ li jiġu indikati, tal-anqas f'forma fil-qosor, b'mod koerenti u li jinftiehem fil-kumment innifsu.***

***dokument li jitressaq mill-awtoritajiet*** superviżorji kkonċernati ***u l-partijiet*** jenħtieġ li ***jkun konċiż*** u ***fformulat*** f'termini ċari u preċiżi biżżejjed biex ***jinftiehem*** faċilment mill-awtoritajiet superviżorji kollha. ***Għaldaqstant, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jillimitaw it-tul tas-sottomissjonijiet mill-partijiet.*** L-argumenti legali jenħtieġ li jinġabru flimkien b'referenza għall-parti tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati magħhom. .

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Każijiet li ma jqajmu l-ebda kwistjoni kontenzjuża ma jirrikjedux diskussjoni estensiva bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex jintlaħaq kunsens u, għalhekk, jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr. Meta l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tqajjem kummenti dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tikkomunika ***s-sejbiet preliminari previsti fl-Artikolu 14 fi żmien 9 xhur***. | (14) Każijiet li ma jqajmu l-ebda kwistjoni kontenzjuża ***(każijiet mhux kontenzjużi)*** ma jirrikjedux diskussjoni estensiva bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex jintlaħaq kunsens u, għalhekk, jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr. Meta l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tqajjem kummenti dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tikkomunika ***l-abbozz ta' deċiżjoni fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-ilment***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu użu mill-mezzi kollha meħtieġa biex jiksbu kunsens fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera u effettiva. Għalhekk, jekk ikun hemm diverġenza fl-opinjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija rigward l-ambitu ***ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 li l-ksur tagħhom se jiġi investigat, jew meta l-kummenti tal-awtoritajiet*** superviżorji kkonċernati ***jkunu relatati ma' bidla importanti fil-valutazzjoni legali jew teknoloġika kumplessa, l-awtorità kkonċernata*** jenħtieġ li ***tuża l-għodod previsti*** skont l-Artikoli 61 u 62 ***tar-Regolament (UE) 2016/679***. | (15) L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu użu ***huma stess*** mill-mezzi kollha meħtieġa biex jiksbu kunsens fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera u effettiva. Għalhekk, jekk ikun hemm diverġenza fl-opinjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija rigward l-ambitu ***jew il-kwistjonijiet proċedurali ta' każ, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jqajmu l-kwistjoni malajr quddiem il-Bord. Il-Bord jenħtieġ li jkun jista' jagħmel id-determinazzjonijiet proċedurali meħtieġa. Il-Bord u l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex ilestu l-proċedimenti li għaddejjin bħalissa malajr kemm jista' jkun. L-awtorità superviżorja ewlenija jew waħda mill-awtoritajiet*** superviżorji kkonċernati jenħtieġ li ***tkun tista' titlob ukoll deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord mingħajr ma tkun saret talba*** skont l-Artikoli 61 jew 62. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) Jekk l-użu ta' dawk l-għodod ma jippermettix lill-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar l-ambitu ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li titlob deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi preżunt ir-rekwiżit ta' urġenza. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tasal għal konklużjonijiet xierqa mid-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord għall-finijiet ta' sejbiet preliminari. Id-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord ma tistax tantiċipa l-eżitu*** | ***imħassar*** |

***tal-investigazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija jew l-effettività tad-drittijiet tal-partijiet investigati li jinstemgħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bord ma jestendix l-ambitu tal-investigazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Sabiex l-ilmentatur ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679, ***l-awtorità superviżorja li tirrifjuta kompletament jew parzjalment ilment jenħtieġ li tagħmel dan permezz ta'*** deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata quddiem qorti nazzjonali. | (17) Sabiex l-ilmentatur ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu jew tagħha għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679, ***it-trattament ta' kwalunkwe lment jenħtieġ li dejjem iwassal għal*** deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata quddiem qorti nazzjonali. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) L-ilmentaturi jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni li tolqothom b'mod negattiv. Għalhekk, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment f'każ transfruntier, l-ilmentatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa qabel is-sottomissjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. L-ilmentatur*** | ***imħassar*** |

***jista' jitlob aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni li tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment.***

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment fil-każ ta' rifjut ta' lment f'każ transfruntier. Bħala l-punt ta' kuntatt għall-ilmentatur matul l-investigazzjoni, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment jenħtieġ li ***tikseb il-fehmiet tal-ilmentatur dwar ir-rifjut propost tal-ilment u jenħtieġ li*** tkun responsabbli għall-komunikazzjonijiet kollha mal-ilmentatur. Jenħtieġ li dawn il-komunikazzjonijiet kollha jiġu kondiviżi mal-awtorità superviżorja ewlenija. Billi skont l-Artikolu 60(8) u (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha r-responsabbiltà li tadotta d-deċiżjoni finali li tirrifjuta l-ilment, dik l-awtorità superviżorja jenħtieġ li ***jkollha wkoll ir-responsabbiltà li tħejji l-abbozz*** tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. | (19) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment fil-każ ta' rifjut ta' lment f'każ transfruntier. Bħala l-punt ta' kuntatt għall-ilmentatur matul l-investigazzjoni, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment jenħtieġ li tkun responsabbli għall-komunikazzjonijiet kollha mal-ilmentatur. Jenħtieġ li dawn il-komunikazzjonijiet kollha jiġu kondiviżi mal-awtorità superviżorja ewlenija. Billi skont l-Artikolu 60(8) u (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha r-responsabbiltà li tadotta d-deċiżjoni finali ***li jeħtieġ li tikkonforma mal-liġi proċedurali nazzjonali tagħha, u li*** tirrifjuta l-ilment, dik l-awtorità superviżorja jenħtieġ li ***tkun involuta mill-awtorità superviżorja ewlenija fit-tħejjija tal-abbozz*** tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) ***u kwalunkwe deċiżjoni finali skont l-Artikolu 60(7) sa (9)*** tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (21) Sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet għad-difiża kif stabbiliti fil-Karta ***tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta")***, inkluż id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv, huwa importanti li jiġu previsti regoli ċari dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. | (21) Sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet għad-difiża kif stabbiliti fil-Karta, inkluż id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv, huwa importanti li jiġu previsti regoli ċari dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ***għall-partijiet kollha involuti fil-każ. Kull parti għandu jkollha d-dritt li tirrifjuta d-dritt li tinstema'.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (22) Ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva applikata mill-awtoritajiet superviżorji meta jinfurzaw ir-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jiżguraw li l-partijiet ***investigati jkollhom*** b'mod effettiv l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-verità u r-rilevanza tal-fatti, l-oġġezzjonijiet u ċ-ċirkostanzi mressqa mill-awtorità superviżorja matul il-proċedura kollha, u b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom. Is-sejbiet preliminari ***stabbilixxew*** il-pożizzjoni preliminari dwar l-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 wara investigazzjoni. B'hekk dawn jikkostitwixxu salvagwardja proċedurali essenzjali li tiżgura li jiġi osservat id-dritt għas-smigħ. Il-partijiet ***investigati*** jenħtieġ li jiġu pprovduti ***bid-dokumenti*** meħtieġa biex ***jiddefendu lilhom infushom*** b'mod effettiv ***u biex jikkummentaw*** dwar ***l-allegazzjonijiet magħmula kontrihom***, billi jirċievu aċċess għall-fajl ***amministrattiv***. | (22) Ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva applikata mill-awtoritajiet superviżorji meta jinfurzaw ir-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jiżguraw li l-partijiet ***ikollhom*** b'mod effettiv ***id-dritt li jinstemgħu u*** l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-verità u r-rilevanza tal-fatti, l-oġġezzjonijiet u ċ-ċirkostanzi mressqa mill-awtorità superviżorja matul il-proċedura kollha, u b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom. Is-sejbiet preliminari ***stabbilew*** il-pożizzjoni preliminari dwar l-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 wara investigazzjoni. B'hekk dawn jikkostitwixxu salvagwardja proċedurali essenzjali li tiżgura li jiġi osservat id-dritt għas-smigħ. Il-partijiet jenħtieġ li jiġu pprovduti ***d-dokumenti neċessarji kollha*** meħtieġa biex ***jikkummentaw*** b'mod effettiv dwar ***kwistjonijiet rilevanti għall-investigazzjoni***, billi jirċievu aċċess għall-fajl ***tal-każ konġunt***. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) ***Is-sejbiet preliminari jiddefinixxu l-ambitu tal-investigazzjoni u għalhekk l-ambitu ta' kwalunkwe deċiżjoni finali futura (skont il-każ, jista' jittieħed abbażi ta' deċiżjoni vinkolanti maħruġa mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/679) li tista' tiġi indirizzata lill-kontrolluri jew lill-proċessuri.*** Is-sejbiet preliminari jenħtieġ li jiġu komposti f'termini li, anke jekk ikunu konċiżi, ikunu ċari biżżejjed biex jippermettu lill-partijiet ***investigati*** jidentifikaw kif xieraq in-natura tal-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679. L-obbligu li l-partijiet ***investigati*** jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu ***jiddefendu lilhom infushom b'mod xieraq*** huwa ssodisfat jekk id-deċiżjoni finali ***ma tallegax li l-partijiet investigati wettqu ksur għajr dak imsemmi fis-sejbiet preliminari u*** tqis biss il-fatti li dwarhom il-partijiet ***investigati*** kellhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Madankollu, id-deċiżjoni finali tal-awtorità superviżorja ewlenija ma hijiex neċessarjament meħtieġa li tkun replika tas-sejbiet preliminari. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun permessa fid-deċiżjoni finali li tqis it-tweġibiet tal-partijiet ***investigati*** għas-sejbiet preliminari, u, fejn applikabbli, l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, u ***l-Artikolu 65(1), il-punt (a), id-deċiżjoni*** li ssolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet superviżorji. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha stess tal-fatti u tal-kwalifiki legali mressqa mill-partijiet ***investigati*** sabiex jew tirrinunzja l-oġġezzjonijiet meta l-awtorità superviżorja ssib li dawn huma bla bażi jew | (23) Is-sejbiet preliminari jenħtieġ li jiġu komposti f'termini li, anke jekk ikunu konċiżi, ikunu ċari biżżejjed biex jippermettu lill-partijiet jidentifikaw kif xieraq in-natura tal-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679. L-obbligu li l-partijiet jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu ***jinstemgħu*** huwa ssodisfat jekk id-deċiżjoni finali tqis biss il-fatti li dwarhom il-partijiet kellhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Madankollu, id-deċiżjoni finali tal-awtorità superviżorja ewlenija ma hijiex neċessarjament meħtieġa li tkun replika tas-sejbiet preliminari. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun permessa fid-deċiżjoni finali li tqis it-tweġibiet tal-partijiet għas-sejbiet preliminari, u, fejn applikabbli, l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, u ***d-deċiżjoni mill-Bord*** li ssolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet superviżorji ***skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament***. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha stess tal-fatti u tal-kwalifiki legali mressqa mill-partijiet sabiex jew tirrinunzja l-oġġezzjonijiet meta l-awtorità superviżorja ssib li dawn huma bla bażi jew tissupplimenta u tabbozza mill-ġdid l-argumenti tagħha, kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, b'appoġġ għall-oġġezzjonijiet li hija ssostni. |

tissupplimenta u tabbozza mill-ġdid l-argumenti tagħha, kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, b'appoġġ għall-oġġezzjonijiet li hija ssostni. ***Pereżempju, il-kunsiderazzjoni ta' argument imressaq minn parti investigata matul il-proċedura amministrattiva, mingħajr ma tkun ingħatat l-opportunità li tesprimi opinjoni f'dak ir-rigward qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, ma tistax fiha innifisha tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża.***

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-partijiet ***investigati*** jenħtieġ li jingħataw id-dritt li jinstemgħu qabel is-sottomissjoni ta' abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. | (24) Il-partijiet jenħtieġ li jingħataw id-dritt li jinstemgħu ***fi stadji xierqa tal-proċedura, b'mod partikolari*** qabel is-sottomissjoni ta' abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-ilmentaturi jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jkunu assoċjati mal-proċedimenti mibdija minn awtorità superviżorja bil-għan li jidentifikaw jew jiċċaraw kwistjonijiet relatati ma' ksur potenzjali tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-fatt li awtorità superviżorja tkun diġà bdiet investigazzjoni dwar is-suġġett tal-ilment jew se tittratta l-ilment f'investigazzjoni ex officio wara li tirċievi | (25) L-ilmentaturi jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jkunu assoċjati mal-proċedimenti mibdija minn awtorità superviżorja bil-għan li jidentifikaw jew jiċċaraw kwistjonijiet relatati ma' ksur potenzjali tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-fatt li awtorità superviżorja tkun diġà bdiet investigazzjoni dwar is-suġġett tal-ilment jew se tittratta l-ilment f'investigazzjoni ex officio wara li tirċievi |

l-ilment ma jipprekludix il-kwalifika ta' suġġett tad-data bħala ilmentatur. ***Madankollu, investigazzjoni minn awtorità superviżorja ta' ksur possibbli tar-Regolament (UE) 2016/679 minn kontrollur jew proċessur ma tikkostitwixxix proċedura kontenzjuża bejn l-ilmentatur u l-partijiet investigati. Hija proċedura mibdija minn awtorità superviżorja, fuq inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' lment, fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-partijiet investigati u l-ilmentatur, għalhekk, ma humiex fl-istess sitwazzjoni proċedurali u dan tal-aħħar ma jistax jinvoka d-dritt għal smigħ ġust meta d-deċiżjoni ma taffettwax b'mod negattiv il-pożizzjoni legali tiegħu. L-involviment tal-ilmentatur fil-proċedura kontra l-partijiet investigati ma jistax jikkomprometti d-dritt ta' dawn il-partijiet li jinstemgħu.***

l-ilment ma jipprekludix il-kwalifika ta' suġġett tad-data bħala ilmentatur.

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Minkejja l-fatt li l-partijiet investigati u l-ilmentatur ma jkunux fl-istess sitwazzjoni proċedurali, hemm ċirkostanzi li fihom l-ilmentaturi jistgħu jkunu f'pożizzjoni biex jirreferu għal argumenti u xhieda waqt investigazzjoni li jistgħu jgħinu l-progress tal-investigazzjoni. Dan huwa b'mod partikolari l-każ f'ċirkostanzi li fihom korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ikunu ressqu lment f'isem suġġett tad-data jew fuq inizjattiva tagħhom stess skont l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jiffaċilitaw is-smigħ ta' tali lmentaturi fl-istadji kollha tal-investigazzjoni, inklużi investigazzjonijiet ex officio, filwaqt li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jżommu wkoll l-indipendenza tagħhom.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(26) Jenħtieġ li l-ilmentaturi jingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw bil-miktub fehmiet dwar is-sejbiet preliminari. Madankollu, jenħtieġ li ma jkollhomx aċċess għas-sigrieti kummerċjali jew għal informazzjoni kunfidenzjali oħra li tappartjeni għal partijiet oħrajn involuti fil-proċedimenti. L-ilmentaturi jenħtieġ li ma jkunux intitolati li jkollhom aċċess ġeneralizzat għall-fajl amministrattiv.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Meta jistabbilixxu skadenzi għall-partijiet ***investigati u għall-ilmentaturi*** biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar sejbiet preliminari, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jqisu l-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma fis-sejbiet preliminari***, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet*** investigati u l-ilmentaturi ***jkollhom*** opportunità suffiċjenti biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom b'mod sinifikanti dwar il-kwistjonijiet imqajma. | (27) Meta jistabbilixxu skadenzi ***u jillimitaw it-tul tas-sottomissjonijiet*** għall-partijiet biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar sejbiet preliminari, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jqisu l-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma fis-sejbiet preliminari ***kif ukoll il-kapaċità tal-partijiet*** investigati u l-ilmentaturi ***li jwieġbu, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ikollhom*** opportunità suffiċjenti biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom b'mod sinifikanti dwar il-kwistjonijiet imqajma. ***Madankollu, dan jenħtieġ li ma jwassalx għal proċeduri twal iżżejjed.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) L-iskambju ta' fehmiet qabel l-adozzjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni jinvolvi djalogu miftuħ u skambju estensiv ta' fehmiet fejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu ħilithom kollha biex isibu kunsens dwar it-triq 'il quddiem f'investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' qbil espress f'oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, li jżidu l-potenzjal ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u jittradjaw l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali mill-awtorità superviżorja kompetenti, jenħtieġ li jseħħ fil-każ eċċezzjonali ta' nuqqas tal-awtoritajiet superviżorji li jilħqu kunsens u fejn meħtieġ biex tkun żgurata l-interpretazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679. Dawn l-oġġezzjonijiet jenħtieġ li jintużaw meta vera hemm bżonnhom, meta jkunu involuti kwistjonijiet ta' infurzar konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679, peress li kull użu ta' oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jipposponi r-rimedju għas-suġġett tad-data. Peress li l-ambitu tal-investigazzjoni u l-fatti rilevanti jenħtieġ li jiġu deċiżi qabel il-komunikazzjoni tas-sejbiet preliminari, dawn il-kwistjonijiet jenħtieġ li ma jitqajmux mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati f'oġġezzjonijiet rilevanti u motivati. Madankollu, dawn jistgħu jitqajmu mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati fil-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin skont l-Artikolu 9(3), qabel ma jiġu kkomunikati s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Fl-interess tal-konklużjoni effiċjenti u inklużiva tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, fejn l-awtoritajiet superviżorji kollha jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jikkontribwixxu l-fehmiet tagħhom u filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet ta' żmien matul is-soluzzjoni tat-tilwim, il-forma u l-istruttura tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jissodisfaw ċerti rekwiżiti. Għalhekk, l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li ***jkunu limitati għal tul preskritt, jenħtieġ li*** jidentifikaw b'mod ċar in-nuqqas ta' qbil mal-abbozz tad-deċiżjoni u jenħtieġ li jiġu fformulati f'termini ċari, koerenti u preċiżi biżżejjed. | (29) Fl-interess tal-konklużjoni effiċjenti u inklużiva tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, fejn l-awtoritajiet superviżorji kollha jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jikkontribwixxu l-fehmiet tagħhom u filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet ta' żmien matul is-soluzzjoni tat-tilwim, il-forma u l-istruttura tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jissodisfaw ċerti rekwiżiti. Għalhekk, l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jidentifikaw b'mod ċar in-nuqqas ta' qbil mal-abbozz tad-deċiżjoni u jenħtieġ li jiġu fformulati f'termini ċari, koerenti u preċiżi biżżejjed. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) L-aċċess għall-fajl ***amministrattiv huwa*** previst ***bħala parti mid-drittijiet għad-difiża u d-dritt*** għal amministrazzjoni tajba mnaqqxa fil-Karta. Jenħtieġ li jiġi pprovdut aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** lill-partijiet ***investigati meta jiġu nnotifikati bis-sejbiet preliminari u jenħtieġ li tiġi stabbilita l-iskadenza biex jissottomettu t-tweġiba bil-miktub tagħhom għas-sejbiet preliminari***. | (30) L-aċċess għall-fajl ***tal-każ konġunt jista' jkun*** previst ***fl-ispirtu tad-dritt*** għal amministrazzjoni tajba mnaqqxa fil-Karta. Jenħtieġ li jiġi pprovdut aċċess għall-fajl ***tal-każ konġunt*** lill-partijiet. ***L-aċċess tal-partijiet għall-fajl tal-każ konġunt jista' jkun limitat fuq it-talba ta' parti biex tipproteġi d-drittijiet tagħha rikonoxxuti legalment jew id-drittijiet ta' oħrajn, jew fl-interess pubbliku. Tali limitazzjoni trid tkun proporzjonata fid-dawl tad-drittijiet rikonoxxuti rispettivi tal-oħrajn jew tal-interess pubbliku segwit.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Meta jagħtu aċċess għall-fajl ***amministrattiv***, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra. Il-kategorija ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra tinkludi informazzjoni għajr sigrieti kummerċjali, li tista' titqies bħala kunfidenzjali, sa fejn id-divulgazzjoni tagħha tkun ta' dannu sinifikanti għal kontrollur, proċessur jew persuna fiżika. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li l-partijiet investigati li jissottomettu jew li ssottomettew dokumenti jew dikjarazzjonijiet, jidentifikaw informazzjoni kunfidenzjali. | (31) Meta jagħtu aċċess għall-fajl ***tal-każ konġunt***, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra ***protetta legalment u l-protezzjoni ta' informazzjoni fl-interess pubbliku f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli***. Il-kategorija ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra tinkludi informazzjoni għajr sigrieti kummerċjali, li tista' titqies bħala kunfidenzjali, sa fejn id-divulgazzjoni tagħha tkun ta' dannu sinifikanti għal kontrollur, proċessur jew persuna fiżika ***jew ġuridika***. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li l-partijiet investigati li jissottomettu jew li ssottomettew dokumenti jew dikjarazzjonijiet, jidentifikaw informazzjoni kunfidenzjali ***u jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali***. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Meta tirreferi kwistjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi lill-Bord bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista' jivvaluta l-ammissibbiltà tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati u jieħu d-deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. Ladarba l-Bord jirċievi d-dokumenti kollha meħtieġa ***elenkati fl-Artikolu 23, il-President tal-Bord*** jenħtieġ li jirreġistra r-riferiment tas-suġġett ***fis-sens tal-Artikolu*** 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679. | (33) Meta tirreferi kwistjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi lill-Bord bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista' jivvaluta l-ammissibbiltà tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati u jieħu d-deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. Ladarba l-Bord jirċievi d-dokumenti kollha meħtieġa***, il-Bord*** jenħtieġ li jirreġistra r-riferiment tas-suġġett ***f'konformità mal-Artikolu*** 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1)(a), tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li tikkonċerna esklużivament kwistjonijiet li wasslu għall-iskattar tas-soluzzjoni tat-tilwim u tkun abbozzata ***b'mod*** li jippermetti lill-awtorità superviżorja ewlenija tadotta d-deċiżjoni finali tagħha abbażi tad-deċiżjoni tal-Bord ***filwaqt li żżomm id-diskrezzjoni tagħha***. | (34) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li tikkonċerna esklużivament kwistjonijiet li wasslu għall-iskattar tas-soluzzjoni tat-tilwim u tkun abbozzata ***f'lingwaġġ ċar u preċiż,*** li jippermetti lill-awtorità superviżorja ewlenija tadotta d-deċiżjoni finali tagħha abbażi tad-deċiżjoni tal-Bord. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-adozzjoni ta' opinjonijiet urġenti u deċiżjonijiet vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati regoli proċedurali rigward iż-żmien tat-talba għal opinjoni urġenti jew għal deċiżjoni vinkolanti urġenti, id-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord u li fuqhom il-Bord jenħtieġ li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu, lil min jenħtieġ li tiġi indirizzata l-opinjoni jew id-deċiżjoni tal-Bord, u l-konsegwenzi tal-opinjoni jew tad-deċiżjoni tal-Bord. | (36) Sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-adozzjoni ta' opinjonijiet urġenti u deċiżjonijiet vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati regoli proċedurali rigward iż-żmien tat-talba għal opinjoni urġenti jew għal deċiżjoni vinkolanti urġenti, id-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord u li fuqhom il-Bord jenħtieġ li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu, lil min jenħtieġ li tiġi indirizzata l-opinjoni jew id-deċiżjoni tal-Bord, u l-konsegwenzi tal-opinjoni jew tad-deċiżjoni tal-Bord. ***Il-miżuri proviżorji skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jinkludu l-miżuri kollha possibbli li jaqgħu fis-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji, skont l-Artikolu 58 ta' dak ir-Regolament.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Il-Bord jenħtieġ li jkun jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet superviżorji li jkollu bżonn biex jieħu deċiżjoni vinkolanti.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36b) Jenħtieġ li l-ilmentatur ikollu dritt għal rimedju ġudizzjarju f'każ li awtorità superviżorja ma tużax is-setgħat tagħha jew altrimenti ma tiħux azzjoni neċessarja kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-partijiet ikollhom dritt li jieħdu azzjoni kontra l-awtorità superviżorja ewlenija f'każ ta' nuqqas ta' azzjoni jew proċeduri twal wisq. Sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm lakuni fl-infurzar, jenħtieġ li l-partijiet fil-każ u l-organizzazzjonijiet skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 ikollhom is-setgħa li jfittxu rimedju ġudizzjarju fl-interess pubbliku jekk awtorità superviżorja ma tikkonformax ma' deċiżjoni tal-Bord u jekk iqisu li d-drittijiet ta' suġġett tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ikunu nkisru b'riżultat tal-ipproċessar.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ppreżentaw opinjoni konġunta ***fil-[ ]***, | (38) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ppreżentaw opinjoni konġunta ***fid-19 ta' Settembru 2023***, |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Taqsima 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Taqsima 1a*** |
| | ***Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Suġġett | Suġġett ***u kamp ta' applikazzjoni*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli proċedurali għat-trattament tal-ilmenti u t-twettiq ta' investigazzjonijiet f'każijiet ibbażati fuq l-ilmenti u ex officio mill-awtoritajiet superviżorji ***fl-infurzar*** | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli proċedurali għat-trattament tal-ilmenti u t-twettiq ta' investigazzjonijiet f'każijiet ibbażati fuq l-ilmenti u ex officio mill-awtoritajiet superviżorji ***kull meta l-*** |

| | |
|---|---|
| ***transfruntier tar-Regolament (UE) 2016/679***. | ***awtoritajiet superviżorji ta' aktar minn Stat Membru wieħed ikunu involuti fil-każ, kif ukoll regoli proċedurali dwar rimedji ġudizzjarji relatati***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Artikolu 26b ta' dan ir-Regolament japplika wkoll għal każijiet quddiem awtorità superviżorja ta' Stat Membru wieħed skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "***partijiet investigati***" tfisser il-kontrollur(i) u/jew il-proċessur(i) investigati għall-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 relatat mal-ipproċessar transfruntier; | (1) "***parti investigata***" tfisser il-kontrollur(i) u/jew il-proċessur(i) ***li jkun sar ilment dwarhom, jew*** investigati għall-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679***, kif ukoll ir-rappreżentant(i) tagħhom***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "ilmentatur" tfisser is-suġġett tad-data jew il-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li jkunu ressqu lment skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2016/679 u għalhekk jitqiesu bħala parti fil-*** |

***proċedimenti;***

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) "parti" tfisser il-parti jew il-partijiet investigati, l-ilmentatur(i) u kwalunkwe parti terza involuta fil-proċedimenti kif definit fil-liġi nazzjonali;*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) "liġi proċedurali nazzjonali" tfisser il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru li jirregolaw il-proċedura quddiem awtorità superviżorja;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1d) "proċedura ta' lmenti" tfisser proċedura li tiddetermina l-eżitu ta' lment skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2016/679;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1e (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1e) "proċedura ex officio" tfisser investigazzjoni dwar l-attivitajiet ta' persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor mibdija fuq inizjattiva ta' awtorità superviżorja skont l-Artikolu 57(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/679;*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1f (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1f) "fajl tal-każ konġunt" tfisser fajl elettroniku apposta għal kwalunkwe każ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li huwa ġestit mill-awtorità superviżorja ewlenija, u li fih l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dokumenti, sottomissjonijiet, memos u informazzjoni oħra dwar każ, jinħażnu u jsiru aċċessibbli b'mod remot għall-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-partijiet tal-każ;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1g (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1g) "awtorità li tirċievi l-ilment" tfisser l-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment skont l-Artikolu 4(22), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2016/679;*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin" tfisser is-sommarju li għandu jiġi pprovdut mill-awtorità superviżorja ewlenija lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati li jidentifika ***l-fatti*** rilevanti ewlenin u l-fehmiet tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar il-każ; | (2) "sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin" tfisser is-sommarju li għandu jiġi pprovdut mill-awtorità superviżorja ewlenija lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati li jidentifika ***l-kwistjonijiet fattwali u legali*** rilevanti ewlenin ***fl-ambitu preliminari tal-investigazzjoni,*** u l-fehmiet tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar il-każ; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "sejbiet preliminari" tfisser id-dokument ipprovdut mill-awtorità superviżorja ewlenija lill-partijiet ***investigati*** li jistabbilixxi l-allegazzjonijiet, il-fatti rilevanti, l-evidenza ta' sostenn, l-analiżi legali, u, fejn applikabbli, il-miżuri korrettivi proposti; | (3) "sejbiet preliminari" tfisser id-dokument ipprovdut mill-awtorità superviżorja ewlenija lill-partijiet li jistabbilixxi l-allegazzjonijiet, il-fatti rilevanti, l-evidenza ta' sostenn, l-analiżi legali, u, fejn applikabbli, il-miżuri korrettivi proposti; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) "verżjoni kunfidenzjali ta' dokument" tfisser dokument li jkun fih informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva li tista' tkun soġġetta għal privileġġ legali skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) "verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dokument" tfisser verżjoni ta' dokument li minnu tkun ġiet redatta informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva u li tista' tiġi pprovduta lill-ilmentatur mingħajr ma tikser id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali jew ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Taqsima 1b (ġdid) – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Taqsima 1b*** |
| | ***Regoli proċedurali*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Liġi Proċedurali Applikabbli*** |
| | ***1. Minbarra dan ir-Regolament, u dment li ma tkunx f'kunflitt ma' dan ir-Regolament, il-liġi proċedurali applikabbli quddiem awtorità superviżorja għandha tirregola l-interazzjonijiet diretti kollha bejn l-awtorità superviżorja u l-partijiet quddiemha. Dan ir-Regolament ma għandux jippreKludi lill-Istati Membri milli jispeċifikaw kwistjonijiet proċedurali mhux irregolati minn dan ir-Regolament jew mir-Regolament (UE) 2016/679.*** |

| | |
|---|---|
| | ***2. Dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2016/679 jirregolaw l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri differenti li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***3. Ilmentatur għandu jkollu d-dritt li jikkomunika biss mal-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2b*** |
| | ***Standards proċedurali komuni*** |
| | ***1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet addizzjonali skont il-liġi proċedurali nazzjonali, kull parti għandu jkollha mill-anqas id-drittijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-każ tagħha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust, u li tiġi ttrattata b'mod ugwali, anke jekk tkun quddiem awtoritajiet superviżorji differenti f'ġuriżdizzjonijiet differenti ("proċedura ġusta");*** |
| | ***(b) tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura li taffettwaha ħażin, inkluż qabel tiġi adottata deċiżjoni li tilqa', jew li tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment ("id-dritt li wieħed jinstema'");*** |
| | ***(c) ikollha aċċess għall-fajl tal-każ konġunt, ħlief għal kwalunkwe deliberazzjoni interna tal-awtorità superviżorja jew deliberazzjonijiet bejn dawk l-awtoritajiet ("trasparenza proċedurali").*** |
| | ***2. L-awtorità superviżorja ewlenija*** |

***għandha tinforma u tisma' lill-partijiet fi stadji xierqa tal-proċedura, sabiex dawn ikunu jistgħu jesprimu b'mod effettiv il-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet fattwali u l-konklużjonijiet legali kollha li jkunu saru mill-awtorità superviżorja ewlenija.***

***3. Il-fajl tal-każ konġunt għandu jinkludi l-evidenza kollha, inkriminanti u li tiskaġuna, inklużi d-dokumenti u evidenza oħra pprovduti mill-partijiet investigati.***

***4. Fuq it-talba ta' parti biex tipproteġi d-drittijiet rikonoxxuti legalment tagħha jew biex tipproteġi d-drittijiet ta' oħrajn, jew meta jkun fl-interess pubbliku jew sabiex jiġu protetti s-sigurtà operazzjonali u ċ-ċibersigurtà, awtorità superviżorja tista' tillimita d-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c). Kwalunkwe limitazzjoni bħal din għandha titwettaq f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 2a(1) għal kwalunkwe interazzjoni diretta bejn awtorità superviżorja u l-parti li tirċievi informazzjoni limitata, u trid tkun proporzjonata fid-dawl tad-drittijiet rikonoxxuti rispettivi ta' oħrajn jew l-interess pubbliku segwit. Il-parti li titlob il-kunfidenzjalità għandha tipprovdi verżjoni kunfidenzjali ta' kwalunkwe informazzjoni, kif ukoll verżjoni ssuġġerita mhux kunfidenzjali.***

***5. Il-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti li jkunu ġew ipprovduti minn parti għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità superviżorja li tagħmel determinazzjoni skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 4, filwaqt li jiġu applikati biss miżuri proporzjonati b'mod strett, bħat-tneħħija ta' partijiet speċifiċi tad-dokumenti.***

***6. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati għandu dejjem ikollhom aċċess għall-verżjoni kunfidenzjali tad-dokumenti kollha, u jistgħu joġġezzjonaw għat-tneħħija li jqisu ma tkunx***

***proporzjonata b'mod strett. L-awtoritajiet superviżorji skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 4 għandhom jinfurmaw immedjatament lill-partijiet bil-fatt li l-informazzjoni ġiet miżmuma. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha żżomm reġistri ta' kull aċċess għall-fajl tal-każ konġunt.***

***7. Fl-interess tal-effiċjenza tal-proċeduri, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jillimitaw it-tul tas-sottomissjonijiet mill-partijiet għal mhux aktar minn 50 paġna. Dawk l-awtoritajiet għandhom jistabbilixxu limiti ta' żmien raġonevoli u xierqa mhux iqsar minn tliet ġimgħat u mhux itwal minn sitt ġimgħat, sakemm ċirkostanzi eċċezzjonali ma jkunux jirrikjedu estensjoni raġonevoli. L-awtoritajiet superviżorji ma għandhomx ikunu obbligati jqisu l-fehmiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien.***

***8. L-awtorità superviżorja ewlenija tista' tgħaqqad u tissepara każijiet f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali, sakemm dan ma jimminax id-drittijiet tal-partijiet.***

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2c*** |
| | ***Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji*** |
| | ***1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha torganizza, tikkoordina u timmaniġġja l-każ b'mod effiċjenti u malajr, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ma' dan ir-Regolament u ma' kwalunkwe liġi proċedurali nazzjonali applikabbli.*** |

***2. Kwalunkwe awtorità superviżorja tista' tiddikjara li hija kkonċernata, filwaqt li tistabbilixxi r-raġunijiet għaliex hija tissodisfa d-definizzjoni ta' awtorità superviżorja kkonċernata skont l-Artikolu 4(22) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha żżomm lista ta' awtoritajiet superviżorji kkonċernati għal kull każ fil-fajl tal-każ konġunt.***

***Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tqis li awtorità superviżorja li għamlet dikjarazzjoni li hija kkonċernata skont dan il-paragrafu ma tissodisfax id-definizzjoni ta' awtorità superviżorja kkonċernata, hija għandha tinforma lill-awtorità bil-valutazzjoni tagħha. L-awtorità superviżorja li tkun iddikjarat li hija kkonċernata għandha, fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi dik il-valutazzjoni, jew tfassal id-dikjarazzjoni tagħha, jew tippreżenta opinjoni motivata li tistabbilixxi r-raġunijiet għaliex hija tqis li l-valutazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija hija inkorretta. Meta l-valutazzjonijiet diverġenti tal-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtorità superviżorja li tkun iddikjarat li hija kkonċernata ma jkunu jistgħu jiġu riżolti b'mod differenti, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha titlob determinazzjoni tal-Bord skont l-Artikolu 26a.***

***3. Kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata li tirċievi informazzjoni rilevanti għal każ għandha tipprovdiha lill-awtorità superviżorja ewlenija mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn ġimgħa wara l-jum meta tkun irċeviet tali informazzjoni.***

***4. Meta l-fehmiet diverġenti ma jkunux jistgħu jingħelbu jew fil-każ ta' inattività ta' awtorità superviżorja oħra, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jużaw is-setgħat maħsuba biex jiġu riżolti tali sitwazzjonijiet skont dan ir-Regolament u skont il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679.***

***5. Id-dokumenti kollha bil-miktub mill-awtoritajiet superviżorji għandhom jiġu pprovduti b'mezzi elettroniċi u f'għamla konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, permezz ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.***

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2d*** |
| | ***L-Użu tal-Lingwi u t-Traduzzjonijiet*** |
| | ***1. Il-Bord għandu jiddetermina lingwa waħda li għandha tiġi aċċettata mill-awtoritajiet superviżorji kollha matul il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ("lingwa ta' kooperazzjoni").*** |
| | ***2. Meta awtorità superviżorja taqsam informazzjoni rilevanti ma' awtorità superviżorja oħra, hija għandha tipprovdi traduzzjoni għal-lingwa ta' kooperazzjoni jew għal kwalunkwe lingwa oħra li taċċetta l-awtorità superviżorja riċeventi.*** |
| | ***3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi entrati fil-fajl tal-każ konġunt bil-lingwa oriġinali, u għandha tipprovdi traduzzjonijiet għal-lingwa ta' kooperazzjoni.*** |
| | ***4. Fi kwalunkwe interazzjoni diretta mal-partijiet, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jipprovdu lill-partijiet informazzjoni bil-lingwa oriġinali u, jekk ikun meħtieġ, jew traduzzjoni għal-lingwa tal-liġi proċedurali nazzjonali, jew għal kwalunkwe lingwa oħra li l-parti tifhem jew tuża fil-komunikazzjoni esterna ta' rutina tagħha.*** |
| | ***5. Awtorità superviżorja tista' tipprovdi traduzzjonijiet awtomatizzati, jekk issib li t-traduzzjoni awtomatizzata ma hijiex sostanzjalment differenti mill-*** |

***oriġinali.***

***6. Meta jitressaq rimedju ġudizzjarju kontra awtorità superviżorja, l-awtorità superviżorja għandha tipprovdi l-fajl tal-każ konġunt u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra b'lingwa aċċettata mill-ġudikatura tal-Istat Membru.***

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Ilment ***abbażi tar-Regolament (UE) 2016/679 li jirrigwarda l-ipproċessar transfruntier*** għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa ***fil-Formola***, kif stabbilit fl-Anness. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment ikun ammissibbli. | 1. Ilment ***soġġett għal dan ir-Regolament*** għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa ***fil-mudell***, kif stabbilit fl-Anness. |
| | Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment ikun ammissibbli. ***L-informazzjoni tista' tiġi pprovduta bi kwalunkwe mezz li l-awtorità taċċetta, inkluż billi ma jintużax il-mudell.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. L-ilmentatur ma għandux ikun meħtieġ jikkuntattja lill-parti investigata qabel ma jressaq ilment. Meta l-ilmentatur ikun għamel kuntatt mal-parti investigata qabel ma jressaq l-ilment relatat mal-istess kwistjoni, huwa għandu jissottometti l-komunikazzjoni relatata ma' dak il-kuntatt skont l-Anness.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq ilment għandha, fi żmien ġimagħtejn, tirrikonoxxi l-wasla u l-ammissibbiltà tal-ilment, jew, meta lment ma jissodisfax ir-rekwiżiti skont il-paragrafu 1, tiddikjara l-ilment inammissibbli u tinforma lill-ilmentatur dwar l-informazzjoni nieqsa.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. L-awtorità superviżorja għandha tattribwixxi numru tal-każ lill-ilment u tikkomunika din l-informazzjoni lill-ilmentatur. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-ilment skont il-paragrafu 2(c)(i).*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha ***tistabbilixxi jekk l-ilment huwiex relatat mal-ipproċessar transfruntier***. | 2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha***, fi żmien tliet ġimgħat wara li tkun irrikonoxxiet l-ammissibbiltà tal-ilment skont il-paragrafu 1b:*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a) tistabbilixxi, permezz ta' konklużjoni preliminari, jekk l-ilment huwiex relatat mal-ipproċessar transfruntier tad-data personali tal-ilmentatur, filwaqt li jitqies mill-anqas dan li ġej:*** |
| | ***(i) il-kontrollur jew il-proċessur rilevanti għall-ipproċessar inkwistjoni;*** |
| | ***(ii) l-għadd ta' stabbilimenti tal-kontrollur jew tal-proċessur fl-UE;*** |
| | ***(iii) il-post tal-istabbiliment ewlieni;*** |
| | ***(iv) l-attivitajiet ta' stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed;*** |
| | ***(v) l-effett sostanzjali jew l-effett sostanzjali probabbli fuq suġġetti tad-data f'aktar minn Stat Membru wieħed.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) tistabbilixxi liema awtorità superviżorja hija l-awtorità superviżorja ewlenija preżunta skont l-Artikolu 56(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, u jekk il-każ huwiex lokali fin-natura skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/679,*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(c) tieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(i) tibgħat l-ilment lill-awtorità superviżorja ewlenija preżunta skont l-Artikolu 56(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u tinforma lill-ilmentatur b'dan. Il-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-ilment mill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha tkun vinkolanti fuq l-awtorità superviżorja ewlenija; jew*** |
| | ***(ii) tittratta l-ilment skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi l-ilment immedjatament lill-parti investigata u titlob risposta mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn tliet ġimgħat mill-jum li fih il-parti investigata tkun ġiet infurmata mill-awtorità superviżorja ewlenija. F'każijiet kumplessi, u meta jkun mitlub u ġġustifikat kif xieraq mill-parti investigata, iż-żmien biex tingħata risposta jista' jiġi estiż mill-awtorità superviżorja ewlenija bi tliet ġimgħat oħra.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-partijiet jew l-awtorità superviżorja ewlenija preżunta għandhom iqajmu kwalunkwe oġġezzjoni b'rabta mal-kompetenza tal-awtorità superviżorja ewlenija preżunta jew mat-trattament ta' lment skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 fi żmien tliet ġimgħat minn meta tkun ġiet infurmata dwar l-azzjoni meħuda skont l-Artikolu 3(2), il-punt (c).*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2c. Meta tkun tqajmet oġġezzjoni skont il-paragrafu 2b, l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment tista' tirtira t-trażmissjoni tal-ilment u jew tassumi l-kompetenza tagħha stess skont l-Artikolu 55 jew 56 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew tittrasferiha lil awtorità superviżorja ewlenija preżunta fi żmien ġimagħtejn. Jekk ma tkun saret l-ebda waħda minn dawn l-azzjonijiet, jew meta valutazzjonijiet diverġenti tal-awtoritajiet superviżorji involuti ma jkunux jistgħu jiġu riżolti mod ieħor, l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment tista' titlob determinazzjoni mill-Bord skont l-Artikolu 26a. Hija għandha tipprovdi lill-Bord deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar rilevanti, tal-organizzazzjoni tal-kumpanija u deskrizzjoni ta' fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tiddetermina l-kompletezza tal-informazzjoni meħtieġa mill-Formola fi żmien xahar.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Mal-valutazzjoni tal-kompletezza tal-informazzjoni meħtieġa mill-Formola, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tibgħat l-ilment lill-awtorità superviżorja ewlenija.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta l-ilmentatur jitlob il-kunfidenzjalità meta jippreżenta lment, l-ilmentatur għandu jippreżenta wkoll verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. L-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat ilment għandha*** | ***imħassar*** |

***tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-ilment fi żmien ġimgħa. Dan ir-rikonoxximent għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-ilment skont il-paragrafu 3.***

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu II – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| II ***Sottomissjoni u trattament tal-ilmenti*** | II ***Ilmenti u proċeduri ex officio*** |

*(L-intestatura "Kapitolu II" titqiegħed wara l-Artikolu 3 u t-titolu tiegħu jinbidel).*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Investigazzjoni*** tal-ilmenti | ***Indirizzar*** tal-ilmenti |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Filwaqt li tivvaluta l-punt xieraq sa fejn għandu jiġi investigat ilment f'kull każ, l-awtorità superviżorja għandha ***tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi dawn kollha li ġejjin***: | *1.* Filwaqt li tivvaluta sa liema punt huwa xieraq li jiġi investigat ilment f'kull każ, l-awtorità superviżorja ***ewlenija*** għandha ***tagħmel ħilitha biex tiżgura dan li ġej***: |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***il-ħeffa fl-għoti*** ta' rimedju effettiv u f'waqtu lill-ilmentatur; | (a) ***l-għoti*** ta' rimedju effettiv u f'waqtu lill-ilmentatur; |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***il-gravità tal-ksur allegat***; | (b) ***l-investigazzjoni tal-elementi fattwali u legali rilevanti meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni konġunta dwar l-ilment u tinħareġ deċiżjoni skont l-Artikolu 60(7), (8) sa (9) tar-Regolament (UE) 2016/679***; |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***in-natura sistemika jew ripetittiva tal-ksur allegat***. | (c) ***l-investigazzjoni ta' kwalunkwe element ieħor meħtieġ għall-infurzar effettiv tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż l-eżerċitar tas-setgħat ex officio skont l-Artikolu 58(2), l-Artikolu 83 jew l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2016/679, speċjalment fil-każ ta' ksur sistemiku, gravi jew ripetittiv***. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. It-trattament ta' lment għandu dejjem iwassal għal deċiżjoni legalment*** |

| | |
|---|---|
| | ***vinkolanti li hija soġġetta għal rimedju legali effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha toħroġ abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn disa' xhur wara li tkun irċeviet l-ilment.*** |
| | ***Din l-iskadenza tista' tiġi estiża fuq bażi eċċezzjonali bi:*** |
| | ***(a) tmien ġimgħat meta jiġu ppreżentati kummenti skont l-Artikolu 9(3) fir-rigward ta' sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin jew sommarju aġġornat tal-kwistjonijiet ewlenin;*** |
| | ***(b) tmien ġimgħat meta l-awtorità superviżorja ewlenija jkun beħsiebha toħroġ multi jew penali oħra;*** |
| | ***(c) il-perjodu ta' żmien bejn referenza skont l-Artikolu 26a(1) jew (2) u d-deċiżjoni mill-Bord;*** |
| | ***(d) il-perjodu ta' kwalunkwe estensjoni permessa mill-Bord skont l-Artikolu 26a(3).*** |
| | ***Kull estensjoni skont il-punti (a) sa (d) tista' ssir darba biss.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1c. Il-paragrafu 1b ma għandux japplika ladarba każ ikun tressaq quddiem il-mekkaniżmu ta' konsistenza f'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Ilment jista' jiġi solvut b'soluzzjoni bonarja bejn l-ilmentatur u ***l-partijiet investigati. Meta*** l-awtorità superviżorja ***tqis li tkun instabet soluzzjoni bonarja għall-ilment, hija għandha tikkomunika s-soluzzjoni proposta lill-ilmentatur***. ***Jekk l-ilmentatur ma joġġezzjonax għas-soluzzjoni bonarja proposta mill-awtorità superviżorja fi żmien xahar, l-ilment għandu jitqies li ġie rtirat.*** | ***1.*** Ilment jista' jiġi solvut b'soluzzjoni bonarja bejn l-ilmentatur u ***l-parti investigata fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti.*** L-awtorità superviżorja ***li tirċievi l-ilment jew dik ewlenija tista' tħeġġeġ u tiffaċilita dak il-proċess volontarju***. |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Soluzzjoni bonarja bejn l-ilmentatur u l-parti investigata għandha titqies li tkun instabet meta jkun hemm qbil espliċitu. Meta tkun instabet soluzzjoni bonarja għall-ilment, il-partijiet għandhom, fi żmien xahar, jikkomunikaw is-soluzzjoni lill-awtorità superviżorja ewlenija u lill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tas-soluzzjoni bonarja skont il-paragrafu 1a, għandu jiġi ppreżentat l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 li jindika:*** |
| | ***(a) jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet ta' soluzzjoni bonarja skont l-paragrafu 1a; u*** |
| | ***(b) jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni ex officio skont il-paragrafu 1d.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Meta, fi żmien xahar, l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 1b jew il-Bord jikkonferma s-soluzzjoni bonarja fil-proċedura skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE)2016/679, l-ilment għandu jitqies bħala rtirat u s-soluzzjoni għandha ssir valida.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Soluzzjoni bonarja ma tipprevjenix lill-awtorità superviżorja ewlenija milli twettaq investigazzjoni ex officio bl-istess mod. Minflok, għandha tiftaħ investigazzjoni ex officio b'mod partikolari meta:*** |
| | ***(a) il-parti investigata hija reċidiva;*** |
| | ***(b) il-parti investigata kienet soġġetta għal għadd kbir ta' soluzzjonijiet bonarji oħra;*** |
| | ***(c) is-suġġett ġenerali tal-ilment jirrigwarda għadd kbir ta' soġġetti tad-data differenti mill-ilmentatur, huwa fit-tul, jew ta' natura serja; jew*** |
| | ***(d) ikun altrimenti meħtieġ l-eżerċitar tas-setgħat biex jiġi żgurat infurzar effettiv, proporzjonat u dissważiv tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***Talba għal proċedura ex officio*** |
| | ***1. Meta tqis li jista' jinkiser ir-Regolament (UE) 2016/679 u s-suġġetti tad-data fit-territorju tal-Istat Membru tagħha jiġu affettwati, kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata tista' titlob proċedura ex officio billi tippreżenta talba bil-miktub għal azzjoni diskrezzjonali skont il-paragrafu 2 lill-awtorità superviżorja ewlenija. Tali talba għandha tinkludi minn tal-anqas:*** |
| | ***(a) dikjarazzjoni li hija awtorità superviżorja kkonċernata, u*** |
| | ***(b) sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin*** |

***skont l-Artikolu 9.***

***2. Fi żmien tliet ġimgħat, l-awtorità superviżorja ewlenija preżunta għandha:***

***(a) tinforma lill-awtorità superviżorja kkonċernata li fetħet proċedura ex officio;***

***(b) tinforma lill-awtorità superviżorja kkonċernata li l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-każ u li f'konformità mal-Artikolu 56(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja ewlenija ma għandhiex l-intenzjoni li tittratta l-każ hija stess; jew***

***(c) tirrifjuta t-talba, jekk tkun tal-fehma li ma hijiex l-awtorità superviżorja ewlenija jew li ma hemm l-ebda ksur prima facie tar-Regolament (UE) 2016/679.***

***Fil-każ imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista' tressaq abbozz ta' deċiżjoni lill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) 2016/679.***

***Fil-każijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista' terġa' tippreżenta talba emendata għal proċedura ex officio, jew titlob determinazzjoni dwar il-ftuħ tal-proċedura mill-Bord f'konformità mal-Artikolu 26a(1).***

***3. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tiftaħ proċedura ex officio, hija għandha toħroġ abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament 2016/679 mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn disa' xhur wara li tkun irċeviet it-talba skont il-paragrafu 1. Din l-iskadenza tista' tiġi estiża b'mod eċċezzjonali bi:***

***(a) tmien ġimgħat meta jiġu sottomessi kummenti skont l-Artikolu 9(3) kontra sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin jew sommarju aġġornat tal-kwistjonijiet***

***ewlenin;***

***(b) tmien ġimgħat meta l-awtorità superviżorja ewlenija jkun beħsiebha toħroġ multi jew penali oħra;***

***(c) il-perjodu ta' żmien bejn referenza skont l-Artikolu 26a u d-deċiżjoni mill-Bord;***

***(d) il-perjodu ta' kwalunkwe estensjoni permessa mill-Bord skont l-Artikolu 26a(3).***

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 6* | ***imħassar*** |
| ***Traduzzjonijiet*** | |
| ***1. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tkun responsabbli għal:*** | |
| ***(a) traduzzjoni tal-ilmenti u l-fehmiet tal-ilmentaturi fil-lingwa użata mill-awtorità superviżorja ewlenija għall-finijiet tal-investigazzjoni;*** | |
| ***(b) traduzzjoni tad-dokumenti pprovduti mill-awtorità superviżorja ewlenija fil-lingwa użata għall-komunikazzjoni mal-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti lill-ilmentatur skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 2016/679.*** | |
| ***2. Fir-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Bord għandu jiddetermina l-proċedura għat-traduzzjoni ta' kummenti jew oġġezzjonijiet rilevanti u motivati espressi mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati b'lingwa oħra għajr il-lingwa użata mill-awtorità superviżorja ewlenija għall-finijiet tal-investigazzjoni.*** | |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kooperazzjoni skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679 | Kooperazzjoni skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679 ***u ma' awtoritajiet rilevanti oħra*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Id-dispożizzjonijiet f'din it-taqsima jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet superviżorji u ma humiex maħsuba biex jagħtu drittijiet lill-individwi jew lill-partijiet investigati.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha ***taġġorna regolarment lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati dwar l-investigazzjoni u*** tipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati***, mill-aktar fis possibbli, bl-informazzjoni*** rilevanti kollha ***ladarba tkun disponibbli***. | 1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati ***aċċess instantanju, mingħajr restrizzjonijiet u kontinwu mill-bogħod għall-fajl sħiħ tal-każ konġunt, u għandha tinkludi fil-fajl tal-każ konġunt l-informazzjoni*** rilevanti kollha***, b'mod partikolari dokumenti, sottomissjonijiet, memos, u informazzjoni oħra relatata mal-każ fi żmien ġimgħa minn meta tfassalhom jew tirċevihom.*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-informazzjoni*** rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 60(1) u (3) ***tar-Regolament*** (UE) 2016/679 għandha ***tinkludi***, fejn applikabbli: | 2. ***L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi b'mod attiv u tinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati u, meta meħtieġ għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, il-Bord, b'informazzjoni*** rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 60(1) u (3) ***ta' dak ir-Regolament*** (UE) 2016/679***, fi żmien ġimgħa minn meta tirċeviha jew tipproduċiha. Din l-informazzjoni għandha tkopri informazzjoni dwar il-passi ewlenin fil-proċedura***, ***inkluż*** fejn applikabbli: |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) informazzjoni dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni ***ta' ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679***; | (a) informazzjoni dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni ***ex officio jew ta' proċedura ta' lmenti***; |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***sommarju*** tal-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9; | (e) ***il-ħruġ jew l-aġġornament tas-sommarju*** tal-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9; |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) kwalunkwe kumment għal sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin f'konformità mal-Artikolu 9(3);*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) informazzjoni dwar passi li għandhom l-għan li jistabbilixxu ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 qabel it-tħejjija ta' sejbiet preliminari; | (f) informazzjoni dwar passi li għandhom l-għan li jistabbilixxu ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 qabel it-tħejjija ta' sejbiet preliminari ***u qabel it-tħejjija tal-abbozz ta' deċiżjoni***; |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-fehmiet tal-ilmentatur dwar ***is-sejbiet*** preliminari; | (i) il-fehmiet tal-ilmentatur dwar ***il-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet*** preliminari ***u, jekk applikabbli, aspetti oħra tal-investigazzjoni li fuqha jkunu saru sottomissjonijiet formali bil-miktub mill-ilmentatur***; |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Regolament (UE) 2016/679 jew abbozz ta' deċiżjoni rivedut f'konformità mal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679;*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt kb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(kb) kwalunkwe oġġezzjoni rilevanti u motivata f'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679;*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt kc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(kc) kwalunkwe rimedju ġudizzjarju mressaq matul proċedura skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew kontra deċiżjoni skont l-Artikolu 60(7) sa (9) tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Ladarba*** l-awtorità superviżorja ewlenija ***tkun ifformat opinjoni preliminari dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni, din*** għandha tabbozza sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin għall-fini ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. | 1. ***Fi żmien erba' ġimgħat minn meta tirċievi lment, jew talba biex tinfetaħ proċedura ex officio,*** l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tabbozza sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin ***li jista' jiġi preżunt li jeħtieġ li jiġu ddeterminati sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-każ,*** għall-fini ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) |

| | |
|---|---|
| | 2016/679***, u tipprovdi dan is-sommarju lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati***. ***Dan is-sommarju għandu jiġi abbozzat b'mod imparzjali, filwaqt li jitqies kwalunkwe fatt u argument diverġenti. Meta tittrasferixxi każ lill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 3(2), il-punt (c), is-sottopunt (i), l-awtorità superviżorja kkonċernata tista' tipprovdi abbozz ta' sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin, li ma jkunx vinkolanti fuq l-awtorità superviżorja ewlenija.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-fatti rilevanti ***ewlenin***; | (a) il-fatti rilevanti; |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-identifikazzjoni preliminari tal-ambitu tal-investigazzjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ikkonċernati mill-allegat ksur ***li se jiġi investigat***; | (b) l-identifikazzjoni preliminari tal-ambitu tal-investigazzjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ikkonċernati mill-allegat ksur***, u, meta applikabbli, indikazzjoni dwar jekk jidhrux li nkisru***; |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***l-identifikazzjoni ta' valutazzjonijiet legali u teknoloġiċi*** | (c) ***il-valutazzjonijiet*** preliminari ***fattwali jew legali, li jittrattaw il-fehmiet*** |

| | |
|---|---|
| ***kumplessi li huma rilevanti għall-orjentazzjoni*** preliminari ***tal-valutazzjoni tagħhom***; | ***rilevanti kollha kif espressi mill-partijiet meta jiġi abbozzat is-sommarju, u inkluża l-ġurisprudenza Ewropea rilevanti, kif ukoll linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki maħruġa mill-Bord***; |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin għandu jiġi aġġornat mill-awtorità superviżorja ewlenija mingħajr dewmien żejjed biex jirrifletti kwalunkwe bidla materjali jew legali li tirriżulta matul il-proċedura.*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jipprovdu kummenti dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. Dawn il-kummenti jridu jiġu pprovduti fi żmien 4 ġimgħat minn meta jirċievu s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. | 3. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jipprovdu kummenti ***fattwali jew legali*** dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. Dawn il-kummenti jridu jiġu pprovduti fi żmien 4 ġimgħat minn meta jirċievu s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin ***jew kwalunkwe aġġornament ta' dan, f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679***. |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-kummenti pprovduti skont il-paragrafu 3 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) il-lingwa użata tkun ċara biżżejjed u jkun fiha termini preċiżi li jippermettu lill-awtorità superviżorja ewlenija, u, skont il-każ, lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, iħejju l-pożizzjonijiet tagħhom;*** | |
| ***(b) l-argumenti legali huma stabbiliti fil-qosor u miġbura flimkien b'referenza għall-parti tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati magħhom;*** | |
| ***(c) il-kummenti tal-awtorità superviżorja kkonċernata jistgħu jiġu appoġġati minn dokumenti, li jistgħu jissupplimentaw il-kummenti dwar punti speċifiċi.*** | |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Bord jista' jispeċifika fir-regoli ta' proċedura tiegħu restrizzjonijiet fuq it-tul massimu ta' kummenti ppreżentati mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-każijiet fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma | 6. Il-każijiet fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma |

| | |
|---|---|
| pprovdiet kummenti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu bħala każijiet mhux kontenzjużi. F'każijiet bħal dawn, ***is-sejbiet preliminari msemmija fl-Artikolu 14 għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet investigati fi żmien 9 xhur mill-iskadenza prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***. | pprovdiet kummenti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***li jisfidaw is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin jew iqajmu mistoqsijiet fattwali jew legali oħra importanti*** għandhom jitqiesu bħala każijiet mhux kontenzjużi. F'każijiet bħal dawn, ***l-iskadenza biex jinħareġ abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 4(1b) għandha tkun ta' 3 xhur***. |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III – Taqsima 2 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Rifjut sħiħ jew parzjali tal-ilmenti*** | ***Kooperazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn*** |

*(L-intestatura "Taqsima II" titqiegħed wara l-Artikolu 9 u jinbidel it-titolu tagħha)*

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Awtorità superviżorja kkonċernata għandha tagħmel talba lill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 61 ***tar-Regolament (UE) 2016/679,*** l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2016/679, jew it-tnejn, fejn, wara l-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 9(3), awtorità superviżorja kkonċernata ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar: | 1. Awtorità superviżorja kkonċernata għandha tagħmel talba lill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 61 ***jew*** l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2016/679, jew it-tnejn, fejn, wara l-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 9(3), awtorità superviżorja kkonċernata ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar: |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***orjentazzjoni*** preliminari ***fir-rigward ta' valutazzjonijiet*** legali kumplessi identifikati mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 9(2), il-punt (c); | (b) ***valutazzjonijiet*** preliminari ***fattwali jew*** legali identifikati mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 9(2), il-punt (c); |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) orjentazzjoni preliminari fir-rigward ta' valutazzjonijiet teknoloġiċi kumplessi identifikati mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 9(2), il-punt (c).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-identifikazzjoni preliminari ta' miżura/miżuri korrettiva/korrettivi potenzjali skont l-Artikolu 9(2), il-punt (d).*** |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha timpenja ruħha mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati abbażi tal-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal- | 3. ***F'każijiet li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 9(6) ta' dan ir-Regolament,*** l-awtorità superviżorja ewlenija għandha ***tinvestiga l-fatti rilevanti għall-fehmiet*** |

| | |
|---|---|
| kwistjonijiet ewlenin, u, fejn applikabbli, bi tweġiba għal talbiet skont l-Artikoli 61 u 62 tar-Regolament (UE) 2016/679, fi sforz biex jintlaħaq kunsens. Il-kunsens għandu jintuża bħala bażi għall-awtorità superviżorja ewlenija biex tkompli l-investigazzjoni u tabbozza s-sejbiet preliminari ***jew, fejn applikabbli, tipprovdi lill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment bir-raġunament tagħha għall-finijiet tal-Artikolu 11(2)***. | ***diverġenti u*** timpenja ruħha***, filwaqt li tagħmel l-aħjar sforzi tagħha,*** mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati abbażi tal-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin, u, fejn applikabbli, bi tweġiba għal talbiet skont l-Artikoli 61 u 62 tar-Regolament (UE) 2016/679, fi sforz biex jintlaħaq kunsens. Il-kunsens għandu jintuża bħala bażi għall-awtorità superviżorja ewlenija biex tkompli l-investigazzjoni u tabbozza s-sejbiet preliminari. |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta, ***f'investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, ma jkun hemm l-ebda*** kunsens bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u awtorità superviżorja kkonċernata waħda jew aktar dwar ***il-kwistjoni*** msemmija fl-Artikolu 9(2)***, il-punt (b), ta' dan ir-Regolament***, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha titlob ***deċiżjoni vinkolanti urġenti*** tal-Bord skont l-Artikolu ***66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679***. ***F'dak il-każ, il-kundizzjonijiet għat-talba ta' deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiġu preżunti li ġew issodisfati.*** | 4. Meta, ***fi żmien erba' ġimgħat wara li jiskadu l-iskadenzi għall-kummenti, il-proċedura prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu tonqos milli tiġġenera*** kunsens bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u awtorità superviżorja kkonċernata waħda jew aktar dwar ***il-kwistjonijiet*** imsemmija fl-Artikolu 9(2), l-awtorità superviżorja ewlenija ***jew awtorità superviżorja kkonċernata*** għandha titlob ***determinazzjoni proċedurali*** tal-Bord skont l-Artikolu ***26a ta' dan ir-Regolament*** (UE) 2016/679. |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta titlob ***deċiżjoni vinkolanti urġenti*** tal-Bord skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità superviżorja | 5. Meta titlob ***determinazzjoni proċedurali*** tal-Bord skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità superviżorja |

| | |
|---|---|
| ***ewlenija*** għandha tipprovdi dan kollu li ġej: | ***rikjedenti*** għandha tipprovdi dan kollu li ġej: |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***id-dokumenti*** msemmija fl-Artikolu 9(2), ***il-punti (a) u (b)***; | (a) ***l-informazzjoni rilevanti*** msemmija fl-Artikolu 9(2), ***inkluż kwalunkwe aġġornament meta jseħħ***; |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kummenti ***tal-awtorità superviżorja kkonċernata*** li ma ***taqbilx*** mal-identifikazzjoni preliminari tal-awtorità superviżorja ewlenija tal-ambitu tal-investigazzjoni**.** | (b) il-kummenti ***tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati*** li ma ***jaqblux*** mal-identifikazzjoni preliminari tal-awtorità superviżorja ewlenija tal-ambitu tal-investigazzjoni ***jew tal-valutazzjoni fattwali jew legali tal-elementi tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin imsemmija fl-Artikolu 9(2);*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-aċċess għall-fajl tal-każ konġunt.*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a. Il-Bord jista' jitlob lill-awtoritajiet superviżorji jipprovdu dokumenti jew informazzjoni oħra, hekk iqis xieraq fil-każ partikolari.*** |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 6. Il-Bord għandu jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti dwar ***l-ambitu tal-investigazzjoni abbażi tal-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-pożizzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar dawk il-kummenti***. | 6. Il-Bord għandu jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti dwar ***is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin, filwaqt li jestendi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 4, f'konformità mal-Artikolu 26a, abbażi tad-dokumenti kollha li jaslu***. |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Kooperazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn*** |
| | ***L-awtoritajiet superviżorji għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkomunikaw l-informazzjoni mhux personali miksuba fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-Unjoni kompetenti fil-protezzjoni tad-data u f'oqsma oħra, inklużi l-awtoritajiet superviżorji tal-kompetizzjoni, tas-servizzi finanzjarji, tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni, tal-protezzjoni tal-konsumatur, tas-servizzi diġitali, jew tal-intelliġenza artifiċjali, meta l-informazzjoni titqies rilevanti għall-kompiti u d-dmirijiet ta' dawk l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***awtoritajiet, b'mod partikolari għall-ftuħ ta' proċeduri amministrattivi u investigazzjonijiet dwar ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom. L-informazzjoni tista' tintuża biss għall-finijiet li għalihom din tkun inġabret. Madankollu, dan ma jippreKludix lill-awtorità superviżorja milli tibda proċedimenti oħra abbażi ta' dik l-informazzjoni jew li taqsamha ma' awtoritajiet oħra għal dak l-għan.*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 11*** | ***imħassar*** |
| ***Smigħ tal-ilmentatur qabel ir-rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment*** | |
| ***1. Wara l-proċedura prevista fl-Artikoli 9 u 10, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment bir-raġunijiet għall-fehma preliminari tagħha li l-ilment għandu jiġi rrifjutat kompletament jew parzjalment.*** | |
| ***2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur bir-raġunijiet għar-rifjut sħiħ jew parzjali maħsub tal-ilment u tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-ilmentatur jista' jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa bil-miktub. Il-limitu ta' żmien ma għandux ikun anqas minn 3 ġimgħat. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas li jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa.*** | |
| ***3. Jekk l-ilmentatur jonqos milli jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa fiż-żmien stabbilit mill-awtorità superviżorja*** | |

***li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment, l-ilment għandu jitqies li jkun ġie rtirat.***

***4. L-ilmentatur jista' jitlob aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti li fuqhom ikun ibbażat ir-rifjut propost tal-ilment.***

***5. Jekk l-ilmentatur jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment u l-fehmiet ma jwasslux għal bidla fil-fehma preliminari li l-ilment għandu jiġi irrifjutat kompletament jew parzjalment, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tħejji l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679.***

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 12*** | ***imħassar*** |
| ***Abbozz rivedut ta' deċiżjoni li tirrifjuta lment kompletament jew parzjalment*** | |
| ***1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tikkunsidra li l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi li dwarhom l-ilmentatur għandu jkollu l-opportunità li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-ilmentatur bil-possibbiltà li jagħmel magħrufa l-fehmiet*** | |

***tiegħu dwar dawn l-elementi ġodda.***

***2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-ilmentatur jista' jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu.***

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 13*** | ***imħassar*** |
| ***Deċiżjoni li tirrifjuta lment kompletament jew parzjalment*** | |
| ***Meta tadotta deċiżjoni li tirrifjuta kompletament jew parzjalment ilment f'konformità mal-Artikolu 60(8) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur dwar ir-rimedju ġudizzjarju disponibbli għalih f'konformità mal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** | |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III – Taqsima 3 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Deċiżjonijiet indirizzati ***lill-kontrolluri u lill-proċessuri*** | Deċiżjonijiet indirizzati ***lill-partijiet investigati*** |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Sejbiet preliminari u ***tweġiba*** | Sejba preliminari u ***d-dritt li wieħed jinstema'*** |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha l-intenzjoni li tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn li jsibu ksur tar-Regolament (UE) 2016/679, din għandha tabbozza sejbiet preliminari. | 1. ***Wara l-konsultazzjonijiet u l-proċeduri skont l-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament,*** meta l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha l-intenzjoni li tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn li jsibu ksur tar-Regolament (UE) 2016/679, din għandha tabbozza sejbiet preliminari. |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Is-sejbiet preliminari għandhom jippreżentaw allegazzjonijiet imqajma b'mod eżawrjenti u ċar biżżejjed li jippermettu lill-partijiet investigati jieħdu konjizzjoni tal-imġiba investigata mill-awtorità superviżorja ewlenija. B'mod partikolari, ***iridu*** jistabbilixxu b'mod ċar il-fatti kollha u l-valutazzjoni legali sħiħa mqajma kontra l-partijiet investigati, sabiex ***ikunu*** jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-fatti u l-konklużjonijiet legali li l-awtorità superviżorja ewlenija beħsiebha tfassal fl-abbozz tad-deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, u telenka l-evidenza kollha | Is-sejbiet preliminari għandhom jippreżentaw allegazzjonijiet imqajma b'mod eżawrjenti u ċar biżżejjed li jippermettu lill-partijiet investigati jieħdu konjizzjoni tal-imġiba investigata mill-awtorità superviżorja ewlenija. B'mod partikolari, ***għandhom*** jistabbilixxu b'mod ċar il-fatti kollha***, inkluż li jelenkaw l-evidenza kollha li jkunu bbażaw ruħhom fuqha,*** u l-valutazzjoni legali sħiħa mqajma kontra l-partijiet investigati, sabiex ***jinstemgħu u jkunu*** jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-fatti u l-konklużjonijiet legali li l-awtorità superviżorja ewlenija beħsiebha tfassal fl- |

| | |
|---|---|
| li hija tibbaża fuqha. | abbozz tad-deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, u telenka l-evidenza kollha li hija tibbaża fuqha. |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-sejbiet preliminari għandhom jindikaw ***miżuri*** korrettivi li ***l-awtorità*** superviżorja ewlenija ***tkun beħsiebha tuża***. | Is-sejbiet preliminari għandhom jindikaw ***il-miżuri*** korrettivi li ***jitqiesu mill-awtorità*** superviżorja ewlenija. |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-awtorità superviżorja ewlenija ***tkun beħsiebha timponi*** multa, hija għandha telenka fis-sejbiet preliminari l-elementi rilevanti li fuqhom tibbaża ***filwaqt*** li tikkalkula l-multa. B'mod partikolari, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha telenka l-fatti u l-kwistjonijiet essenzjali tal-liġi li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni tal-multa u l-elementi elenkati fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti li se tqis. | Meta l-awtorità superviżorja ewlenija ***tqis li timponi*** multa, hija għandha telenka fis-sejbiet preliminari l-elementi rilevanti li fuqhom ***hija jkun beħsiebha*** tibbaża ***ruħha meta tiddeċiedi jekk għandhiex timponi multa amministrattiva u waqt*** li tikkalkula l-multa. B'mod partikolari, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha telenka l-fatti u l-kwistjonijiet essenzjali tal-liġi li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni tal-multa u l-elementi elenkati fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti li se tqis. |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinnotifika s-sejbiet preliminari lil kull waħda mill-partijiet investigati. | 3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinnotifika s-sejbiet preliminari lil kull waħda mill-partijiet investigati ***li tista' tkun soġġetta għall-eżerċitar ta' setgħa korrettiva, kif ukoll għall-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-ilmentatur.*** |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih dawn il-partijiet jistgħu jipprovdu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. L-awtorità superviżorja ewlenija ma għandhiex tkun obbligata tqis il-fehmiet bil-miktub riċevuti wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lil dawk il-partijiet aċċess għall-fajl amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 20.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-partijiet investigati jistgħu, fit-tweġiba bil-miktub tagħhom għal sejbiet preliminari, jistabbilixxu l-fatti u l-argumenti legali kollha magħrufa minnhom li huma rilevanti għad-difiża tagħhom kontra l-allegazzjonijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija. Huma għandhom jehmżu kwalunkwe dokument rilevanti bħala prova tal-fatti stabbiliti. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, fl-abbozz tad-deċiżjoni tagħha, tittratta biss allegazzjonijiet, inklużi l-fatti u l-valutazzjoni legali bbażati fuq dawk il-fatti, li fir-rigward tagħhom il-partijiet ***investigati*** jkunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. | 6. Il-partijiet investigati jistgħu, fit-tweġiba bil-miktub tagħhom għal sejbiet preliminari, jistabbilixxu l-fatti u l-argumenti legali kollha magħrufa minnhom li huma rilevanti għad-difiża tagħhom kontra l-allegazzjonijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija. Huma għandhom jehmżu kwalunkwe dokument rilevanti bħala prova tal-fatti stabbiliti. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, fl-abbozz tad-deċiżjoni tagħha, tittratta biss allegazzjonijiet, inklużi l-fatti u l-valutazzjoni legali bbażati fuq dawk il-fatti, li fir-rigward tagħhom il-partijiet ikunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 15*** | ***imħassar*** |
| ***Trażmissjoni tas-sejbiet preliminari lill-ilmentaturi*** | |
| ***1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija toħroġ sejbiet preliminari relatati ma' kwistjoni li fir-rigward tagħha tkun irċeviet ilment, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur b'verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari u tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-ilmentatur jista' jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa bil-miktub.*** | |

***2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll meta awtorità superviżorja, fejn xieraq, tittratta diversi lmenti b'mod konġunt, taqsam l-ilmenti f'diversi partijiet jew bi kwalunkwe mod ieħor teżerċita d-diskrezzjoni tagħha dwar l-ambitu tal-investigazzjoni kif stabbilit f'sejbiet preliminari.***

***3. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tikkunsidra li huwa neċessarju għall-ilmentatur li jiġi pprovdut bid-dokumenti inklużi fil-fajl amministrattiv sabiex l-ilmentatur ikun jista' jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu dwar is-sejbiet preliminari, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur b'verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dawk id-dokumenti meta tipprovdi s-sejbiet preliminari skont il-paragrafu 1.***

***4. L-ilmentatur għandu jiġi pprovdut bil-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari biss għall-fini tal-investigazzjoni konkreta li fiha jkunu nħarġu s-sejbiet preliminari.***

***5. Qabel ma jirċievi l-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari u kwalunkwe dokument ipprovdut skont il-paragrafu 3, l-ilmentatur għandu jibgħat lill-awtorità superviżorja ewlenija dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità, fejn l-ilmentatur jimpenja ruħu li ma jiddivulga l-ebda informazzjoni jew valutazzjoni magħmula fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari jew li ma jużax dawk is-sejbiet għal ebda skop għajr l-investigazzjoni konkreta li fiha nħarġu dawk is-sejbiet.***

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Adozzjoni tad-deċiżjoni finali | ***Sottomissjoni ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet, abbozzi ta' deċiżjonijiet riveduti u*** adozzjoni tad-deċiżjoni finali |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodi msemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tadotta u tinnotifika d-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-istabbiliment ewlieni jew lill-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur, skont il-każ, u tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u lill-Bord bid-deċiżjoni inkwistjoni, inkluż sommarju tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti. | Wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodi msemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha***, fi żmien erba' ġimgħat minn tmiem il-perjodi msemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tar-Regolament 2016/679,*** tadotta u tinnotifika d-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 60(7) ***u l-Artikolu 60(9)*** tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-istabbiliment ewlieni jew lill-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur, skont il-każ, u tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u lill-Bord bid-deċiżjoni inkwistjoni, inkluż sommarju tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti. |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Meta awtorità superviżorja kkonċernata tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodu msemmi*** |

| | |
|---|---|
| | ***fl-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, u l-awtorità superviżorja ewlenija jkun beħsiebha ssegwi dik l-oġġezzjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, fi żmien erba' ġimgħat, tissottometti abbozz ta' deċiżjoni rivedut skont l-Artikolu 60(5) ta' dak ir-Regolament.*** |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Meta awtorità superviżorja kkonċernata tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, u l-awtorità superviżorja ewlenija ma ssegwix l-oġġezzjoni rilevanti u mmotivata jew tkun tal-fehma li l-oġġezzjoni ma hijiex rilevanti jew raġunata, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, fi żmien erba' ġimgħat, tissottometti l-kwistjoni għall-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikolu 63, f'konformità mal-Artikolu 60(4) ta' dak ir-Regolament.*** |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti addizzjonali skont id-dritt nazzjonali, kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni jew deċiżjoni finali skont l-Artikolu 60(3), (5) jew (7) sa (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tinħareġ f'forma qasira, konċiża, trasparenti u intelliġibbli u b'lingwaġġ*** |

***ċar u sempliċi. Għandha tiġi abbozzata b'mod imparzjali, filwaqt li tqis kwalunkwe evidenza u fehma tal-partijiet, u għandha jkun fiha mill-anqas l-elementi li ġejjin:***

***(a) l-isem tal-awtorità superviżorja li ħarġet id-deċiżjoni;***

***(b) id-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni;***

***(c) sommarju imparzjali tal-fatti rilevanti tal-każ u s-sors tagħhom;***

***(d) ir-raġunijiet legali tad-deċiżjoni;***

***(e) is-setgħat korrettivi, il-penali jew miżuri oħrajn eżerċitati; u***

***(f) informazzjoni dwar id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679 u kwalunkwe liġi proċedurali nazzjonali applikabbli.***

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1d. F'każ li d-deċiżjoni legalment vinkolanti tkun trid tinħareġ mill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq ilment f'konformità mal-Artikolu 60(8) jew (9) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tiżgura li d-deċiżjoni jkun fiha l-elementi kollha meħtieġa skont il-liġi proċedurali nazzjonali applikabbli tal-awtorità superviżorja kkonċernata. L-awtorità superviżorja kkonċernata li quddiemha jkun tressaq ilment għandha tassisti lill-awtorità superviżorja ewlenija fl-abbozzar tad-deċiżjoni b'dan il-mod.*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1e. Kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni jew deċiżjoni finali għandhom jibbażaw biss fuq is-sejbiet fattwali li jsiru abbażi ta' dokumenti jew evidenza oħra, li fuqhom il-partijiet investigati kellhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa.*** |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1f. L-informazzjoni pprovduta lill-partijiet skont l-Artikolu 60(7) sa (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tinkludi kopja tad-deċiżjoni legalment vinkolanti, u informazzjoni dwar rimedju ġudizzjarju disponibbli f'konformità mal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1g (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1g. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jippubblikaw id-deċiżjonijiet legalment vinkolanti kollha li joħorġu mingħajr dewmien żejjed, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni tagħhom, sakemm id-deċiżjonijiet ġodda ma jitbiegħdux materjalment minn deċiżjonijiet ippubblikati qabel. F'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, l-awtoritajiet*** |

***superviżorji jistgħu jneħħu l-ismijiet tal-partijiet, kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tippermetti l-identifikazzjoni tal-partijiet, u informazzjoni oħra li tkun protetta skont il-liġi applikabbli.***

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 17*** | ***imħassar*** |
| ***Dritt ta' smigħ fir-rigward tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni*** | |
| ***1. Meta l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi li dwarhom il-partijiet investigati ma nstemgħux, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-partijiet investigati bil-possibbiltà li jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom dwar dawn l-elementi l-ġodda.*** | |
| ***2. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-partijiet investigati jistgħu jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom.*** | |

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ikunu bbażati esklużivament fuq elementi fattwali inklużi fl-abbozz tad-deċiżjoni; ***u*** | (a) ikunu bbażati fuq elementi fattwali inklużi fl-abbozz tad-deċiżjoni***, jew fuq l-evidenza inkluża fil-fajl tal-każ konġunt jew fuq kwalunkwe evidenza addizzjonali mressqa flimkien mal-oġġezzjoni rilevanti*** |

| | |
|---|---|
| | ***u motivata***; |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ma jbiddlux l-ambitu ***tal-allegazzjonijiet billi jqajmu punti li jammontaw għall-identifikazzjoni ta' allegazzjonijiet addizzjonali ta' ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 jew ibiddlu n-natura intrinsika tal-allegazzjonijiet imqajma.*** | (b) ma jbiddlux l-ambitu ***tal-każ kif definit permezz tal-aħħar verżjoni tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin; u*** |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jidentifikaw biċ-ċar l-elementi tal-abbozz tad-deċiżjoni li għandhom jinbidlu, inkluż, meta jkun possibbli, il-formulazzjoni preċiża tal-bidla proposta jew deskrizzjoni preċiża biżżejjed tal-bidla proposta għall-abbozz tad-deċiżjoni.*** |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) it-tul ta' kull oġġezzjoni rilevanti u motivata u l-pożizzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar kwalunkwe oġġezzjoni bħal din ma għandhomx jaqbżu t-tliet paġni u ma għandhomx jinkludu annessi. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet legali partikolarment*** | ***imħassar*** |

***kumplessi, it-tul massimu jista' jiżdied għal sitt paġni, ħlief jekk ċirkostanzi speċifiċi li jiġġustifikaw tul itwal jiġu aċċettati mill-Bord;***

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu IV**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Riferiment għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu ***65*** tar-Regolament (UE) 2016/679 | Riferiment għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu ***65(1), il-punt (a)*** tar-Regolament (UE) 2016/679 |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jekk l-awtorità superviżorja ewlenija ma tikkonformax mal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jew tkun tal-fehma li l-oġġezzjonijiet ma humiex rilevanti jew motivati, hija għandha tippreżenta s-suġġett lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679. | 1. Jekk l-awtorità superviżorja ewlenija ma tikkonformax mal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jew tkun tal-fehma li l-oġġezzjonijiet ma humiex rilevanti jew motivati, hija għandha tippreżenta s-suġġett lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679***, fi żmien erba' ġimgħat minn meta tirċievi l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati kollha jew minn meta tkun għalqet l-iskadenza skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-*** |

| | |
|---|---|
| | ***oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li jkunu waslu wara l-iskadenza ma għandhomx jitqiesu.*** |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta tirreferi s-suġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lill-Bord ***id-dokumenti kollha li ġejjin***: | 2. Meta tirreferi s-suġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lill-Bord ***dan kollu li ġej***: |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin;*** |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) sommarju tal-fatti rilevanti; | (b) sommarju tal-fatti rilevanti***, inklużi d-deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar, id-deskrizzjoni tal-organizzazzjoni tal-kontrollur u meta jittieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali***; |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***sottomissjoni*** bil-miktub mill-partijiet ***investigati, skont il-każ***, skont ***l-Artikoli 14 u 17***; | (d) ***sottomissjonijiet*** bil-miktub mill-partijiet, skont ***l-Artikolu 14***; |

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) sottomissjonijiet bil-miktub mill-ilmentaturi, skont il-każ, skont l-Artikoli 11, 12, u 15;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li ma kinux segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija; | (f) l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li ma kinux segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija***, u l-oġġezzjonijiet li l-awtorità superviżorja ewlenija rrifjutat bħala li ma humiex rilevanti jew motivati***; |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja ewlenija ma segwietx l-oġġezzjonijiet ***rilevanti u motivati*** jew ***qieset li*** l-oġġezzjonijiet ***ma kinux*** rilevanti jew motivati. | (g) ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja ewlenija ma segwietx l-oġġezzjonijiet jew ***irrifjutat*** l-oġġezzjonijiet ***bħala mhux*** rilevanti jew motivati; |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga)*** ***aċċess għall-fajl tal-każ konġunt.*** |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Bord għandu fi żmien ***4 ġimgħat*** minn meta jirċievi d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2 ***jidentifika l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma***. | 3. Il-Bord għandu ***jirreġistra s-sottomissjoni ta' suġġett għall-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim*** fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċievi d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2 ***jew għandu jitlob sottomissjoni mill-ġdid li tinkludi kwalunkwe informazzjoni nieqsa fi żmien ġimgħa oħra. Meta jirreġistra s-sottomissjoni, il-Bord għandu jelenka u jistruttura t-tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji li jiffurmaw l-ambitu tal-proċedura quddiem il-Bord, u jipprovdih immedjatament lill-awtoritajiet superviżorji***. |

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a.*** ***Ladarba tkun waslet l-informazzjoni kollha speċifikata fil-paragrafu 2, il-President tal-Bord jingħata s-setgħa li jitlob mill-awtorità superviżorja ewlenija jew mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati kwalunkwe informazzjoni, dokument jew kjarifika*** |

| | |
|---|---|
| | ***addizzjonali meħtieġa biex il-Bord jieħu deċiżjoni vinkolanti dwar il-kwistjonijiet kollha li huma s-soġġett tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati. L-awtoritajiet għandhom jipprovdu din l-informazzjoni addizzjonali mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkunu rċevew it-talba.*** |

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu, fi żmien ġimagħtejn wara li jkunu ġew ipprovduti s-sottomissjoni skont il-paragrafu 3, jissottomettu kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li jista' jkollhom dwar dak il-każ li ma kinitx inkluża fl-oġġezzjonijiet, inkluż iżda mhux limitata għal fatti u dokumentazzjoni relatati mal-oġġezzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Ir-"riferiment tas-suġġett" skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tfisser il-mument meta d-dokumenti kollha msemmija fl-Artikolu 22(2) ikunu disponibbli u tradotti f'konformità mal-Artikolu 2d.*** |

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 65(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 għall-awtoritajiet superviżorji li jadottaw deċiżjoni dwar is-suġġett sottomess lill-Bord matul il-perjodi msemmija fl-Artikolu 65(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tapplika wkoll matul il-perjodi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 23*** | ***imħassar*** |
| ***Reġistrazzjoni fir-rigward ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679*** | |
| ***Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment ta' suġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679 mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti kollha li ġejjin:*** | |
| ***(a) l-abbozz ta' deċiżjoni jew l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni soġġett għall-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati;*** | |
| ***(b) sommarju tal-fatti rilevanti;*** | |
| ***(c) sottomissjoni bil-miktub mill-partijiet investigati, skont il-każ, skont l-Artikoli 14 u 17;*** | |
| ***(d) sottomissjonijiet bil-miktub mill-ilmentaturi, skont il-każ, skont l-Artikoli 11, 12 u 15;*** | |
| ***(e) l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma;*** | |
| ***(f) ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja ewlenija ma*** | |

***segwietx l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma.***

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 24*** | ***imħassar*** |
| ***Dikjarazzjoni tar-raġunijiet qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679*** | |
| ***1. Qabel ma jadotta d-deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679, il-President tal-Bord għandu, permezz tal-awtorità superviżorja ewlenija, jipprovdi lill-partijiet investigati u/jew, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment, lill-ilmentatur, dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega r-raġunament li l-Bord beħsiebu jadotta fid-deċiżjoni tiegħu. Meta l-Bord ikollu l-ħsieb li jadotta deċiżjoni vinkolanti li tirrikjedi li l-awtorità superviżorja ewlenija temenda l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha jew l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni, il-Bord għandu jiddeċiedi jekk din id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandhiex tkun akkumpanjata mill-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma li abbażi tagħhom il-Bord ikun beħsiebu jadotta d-deċiżjoni tiegħu.*** | |
| ***2. Il-partijiet investigati u/jew, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment, l-ilmentatur, għandu jkollhom ġimgħa minn meta jirċievu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 biex jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa.*** | |
| ***3. L-iskadenza fil-paragrafu 2 għandha tiġi estiża b'ġimgħa meta l-Bord jestendi l-perjodu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni vinkolanti f'konformità mal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE)*** | |

***2016/679.***

***4. Il-perjodu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord previst fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 ma għandux jibqa' għaddej matul il-perjodi previsti fil-paragrafi 2 u 3.***

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 25*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura fir-rigward ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/679*** | |
| ***1. Meta tirreferi suġġett lill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (b), tar-Regolament 2016/679, l-awtorità superviżorja li tirreferi s-suġġett rigward il-kompetenza għall-istabbiliment ewlieni għandha tipprovdi lill-Bord bid-dokumenti kollha li ġejjin:*** | |
| ***(a) sommarju tal-fatti rilevanti;*** | |
| ***(b) il-valutazzjoni ta' dawn il-fatti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 56(1) tar-Regolament (UE) 2016/679;*** | |
| ***(c) il-fehmiet magħmula mill-kontrollur jew mill-proċessur li l-istabbiliment ewlieni tiegħu huwa s-suġġett tar-riferiment;*** | |
| ***(d) il-fehmiet ta' awtoritajiet superviżorji oħrajn ikkonċernati mir-riferiment;*** | |
| ***(e) kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra li l-awtorità superviżorja ta' referenza tqis rilevanti u meħtieġa sabiex issib riżoluzzjoni dwar is-suġġett.*** | |

***2. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1.***

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-fehmiet tal-awtorità superviżorja li jirreferu s-suġġett jew il-Kummissjoni dwar jekk, skont il-każ, kienx meħtieġ li awtorità superviżorja tikkomunika l-abbozz tad-deċiżjoni lill-Bord skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew awtorità superviżorja ma segwietx opinjoni tal-Bord maħruġa skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2016/679. | (c) il-fehmiet tal-awtorità superviżorja li jirreferu s-suġġett jew il-Kummissjoni dwar jekk, skont il-każ, kienx meħtieġ li awtorità superviżorja tikkomunika l-abbozz tad-deċiżjoni lill-Bord skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew awtorità superviżorja ma segwietx opinjoni tal-Bord maħruġa skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2016/679***, inkluża spjegazzjoni ta' liema punti ma ġewx segwiti u referenza għall-parti rilevanti tad-deċiżjoni adottata***. |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-President tal-Bord għandu jinforma lill-awtoritajiet superviżorji kollha bir-riferiment li jkun sar lill-Bord fil-paragrafu 1, sabiex l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.*** |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2. | 3. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti ***kollha*** msemmija fil-paragrafi 1 u 2. |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 26a*** |
| | ***Determinazzjonijiet proċedurali mill-Bord*** |
| | ***1. Skont l-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2016/679, awtorità superviżorja tista' titlob mill-Bord biex jieħu deċiżjoni vinkolanti urġenti fil-forma ta' determinazzjoni proċedurali dwar kwalunkwe tilwim proċedurali li jirriżulta bejn l-awtoritajiet superviżorji fil-każijiet previsti b'dan ir-Regolament.*** |
| | ***2. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tkun tal-fehma li ma tistax possibbilment tikkonforma mal-iskadenza mill-Artikolu 4(1b) jew l-Artikolu 5a(3), speċjalment minħabba l-ħtieġa ta' investigazzjonijiet fattwali eċċezzjonalment kumplessi, hija għandha titlob mill-Bord deċiżjoni vinkolanti urġenti skont il-paragrafu 1, rigward estensjoni tal-iskadenza ta' massimu ta' disa' xhur oħra. L-awtorità superviżorja għandha turi li minkejja l-konformità tagħha mal-Artikolu 2c(1), l-estensjoni mitluba hija inevitabbli.*** |
| | ***3. It-talbiet skont il-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fihom mill-anqas:*** |
| | ***(a) il-fatti invokati u kwalunkwe evidenza disponibbli għall-awtorità jew għall-parti;*** |

***(b) ir-raġunijiet legali għat-talba;***

***(c) id-determinazzjoni skont il-paragrafu 1 jew l-estensjoni tal-iskadenza skont il-paragrafu 2 li l-awtorità jew il-parti titlob mill-Bord;***

***4. Fi żmien ġimagħtejn, il-Bord għandu jiddetermina l-kwistjoni abbażi tal-informazzjoni li jkollu jew għandu jirrifjuta l-applikazzjoni. Id-determinazzjonijiet huma vinkolanti fuq l-awtoritajiet superviżorji.***

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 26b*** |
| | ***Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra awtorità superviżorja*** |
| | ***1. Mingħajr preġudizzju għal rimedji eżistenti skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679 u kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull parti fil-proċedura għandu jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv:*** |
| | ***(a) meta l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment ma tużax is-setgħat tagħha biex tiżgura li awtorità superviżorja oħra tmexxi 'l quddiem il-proċedura;*** |
| | ***(b) meta awtorità superviżorja ewlenija ma tikkonformax mal-iskadenza kif previsti mir-Regolament (UE) 2016/679 u dan ir-Regolament; jew*** |
| | ***(c) meta awtorità superviżorja ma tikkonformax ma' deċiżjoni vinkolanti tal-Bord.*** |
| | ***2. Kwalunkwe parti għall-proċedura jew korp mingħajr skop ta' qligħ skont l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE)*** |

| | |
|---|---|
| | ***2016/679 jista' jressaq azzjoni skont il-paragrafu 1, il-punt (c) jekk iqis li d-drittijiet ta' suġġett tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679 inkisru b'riżultat tal-ipproċessar.*** |
| | ***3. Meta qorti jew tribunal li jeżerċita r-rieżami skont il-paragrafu 1 isib li awtorità superviżorja ma ssodisfatx dmirijietha, huwa għandu jkollu s-setgħa li jordna lil dik l-awtorità superviżorja tieħu l-azzjoni meħtieġa.*** |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) sommarju tal-fatti rilevanti; | (a) sommarju tal-fatti rilevanti***, inkluża evidenza ta' ksur tar-Regolament UE 2016/679***; |

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deskrizzjoni tal-miżura provviżorja adottata fit-territorju ***tiegħu stess***, id-durata tagħha u r-raġunijiet għall-adozzjoni tagħha, inkluża l-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data; | (b) deskrizzjoni tal-miżura provviżorja adottata fit-territorju ***tal-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li titlob l-opinjoni***, id-durata tagħha u r-raġunijiet għall-adozzjoni tagħha, b'mod partikolari l-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data; |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti ***li jiġu adottati*** miżuri finali ***fit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità superviżorja rikjedenti***, inkluża spjegazzjoni tan-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jirrikjedu l-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati. | (c) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti ***ta'*** miżuri finali, inkluża spjegazzjoni tan-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jirrikjedu l-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati. |

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) meta l-awtorità rikjedenti ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, il-fehmiet tal-awtorità superviżorja ewlenija.*** |

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-opinjoni urġenti tal-Bord għandha tiġi indirizzata ***lill-awtorità superviżorja li ppreżentat it-talba***. Din għandha tkun simili għal opinjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandha tabilita ***lill-awtorità rikjedenti żżomm*** jew ***temenda l-miżura*** provviżorja ***tagħha*** f'konformità mal-obbligi tal-Artikolu 64(7) tar-Regolament (UE) 2016/679. | 2. L-opinjoni urġenti tal-Bord għandha tiġi indirizzata ***lill-awtoritajiet superviżorji kollha***. Din għandha tkun simili għal opinjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandha tabilita ***lill-awtoritajiet iżommu*** jew ***jemendaw il-miżura*** provviżorja ***tagħhom*** f'konformità mal-obbligi tal-Artikolu 64(7) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Deċiżjonijiet urġenti skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 | Deċiżjonijiet ***vinkolanti*** urġenti skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Talba għal deċiżjoni urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha ssir mhux aktar tard minn 3 ġimgħat ***qabel l-iskadenza*** tal-miżuri provviżorji adottati skont l-Artikoli 61(8), 62(7) jew 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Dik it-talba għandu jkollha l-elementi kollha li ġejjin: | 1. Talba għal deċiżjoni ***vinkolanti*** urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha ssir mhux aktar tard minn tliet ġimgħat ***wara l-adozzjoni*** tal-miżuri provviżorji adottati skont l-Artikoli 61(8), 62(7) jew 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Dik it-talba għandu jkollha l-elementi kollha li ġejjin: |

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) sommarju tal-fatti rilevanti; | (a) sommarju tal-fatti rilevanti***, inkluża evidenza ta' ksur tar-Regolament UE 2016/679***; |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-miżura provviżorja adottata fit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li titlob id-deċiżjoni, id-durata tagħha u r-raġunijiet għall-adozzjoni ***tal-*** | (b) il-miżura provviżorja adottata fit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li titlob id-deċiżjoni, id-durata tagħha u r-raġunijiet għall-adozzjoni |

***miżuri provviżorji***, b'mod partikolari l-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data;

***tagħha***, b'mod partikolari l-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data;

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) informazzjoni dwar kwalunkwe miżura investigattiva meħuda fit-territorju tiegħu stess u tweġibiet riċevuti ***mill-istabbiliment lokali tal-partijiet*** investigati jew kwalunkwe informazzjoni oħra fil-pussess tal-awtorità superviżorja rikjedenti; | (c) informazzjoni dwar kwalunkwe miżura investigattiva meħuda fit-territorju tiegħu stess u tweġibiet riċevuti ***mill-partijiet*** investigati jew kwalunkwe informazzjoni oħra fil-pussess tal-awtorità superviżorja rikjedenti; |

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri finali ***fit-territorju tal-awtorità superviżorja rikjedenti***, filwaqt li titqies in-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jirrikjedu l-adozzjoni tal-miżura finali, jew prova li awtorità superviżorja naqset milli twieġeb għal talba skont l-Artikolu ***61(3)*** jew 62(2) tar-Regolament (UE) 2016/679; | (d) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri finali, filwaqt li titqies in-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jirrikjedu l-adozzjoni tal-miżura finali, jew prova li awtorità superviżorja naqset milli ***tipprovdi l-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 61(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew naqset milli*** twieġeb għal talba skont l-Artikolu ***61(8)*** jew 62(2) tar-Regolament (UE) 2016/679; |

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) fejn ***applikabbli***, il-fehmiet ***tal-*** | (f) fejn ***disponibbli***, il-fehmiet tal- |

| | |
|---|---|
| ***istabbiliment lokali*** tal-partijiet investigati li kontrihom ittieħdu miżuri provviżorji skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. | partijiet***. F'każ li l-awtorità rikjedenti ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, l-awtorità rikjedenti għandha tagħti d-dritt li jinstemgħu lill-partijiet*** investigati li kontrihom ittieħdu miżuri provviżorji skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-deċiżjoni urġenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi indirizzata lill-awtorità superviżorja ***li tkun ippreżentat it-talba*** u għandha ***tippermetti lill-awtorità rikjedenti żżomm jew temenda l-miżura provviżorja tagħha***. | 2. Id-deċiżjoni ***vinkolanti*** urġenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi indirizzata lill-awtorità superviżorja ***ewlenija u lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati*** u għandha ***tispeċifika l-awtoritajiet superviżorji li jkunu jeħtieġu li jadottaw miżuri finali, jekk applikabbli, fid-dawl tal-opinjoni jew tad-deċiżjoni urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679***. |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta l-Bord jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti li tindika li għandhom jiġu adottati miżuri finali, l-awtorità superviżorja li ***lilha tkun indirizzata*** d-deċiżjoni ***għandha tadotta*** dawn il-miżuri qabel l-iskadenza tal-miżuri provviżorji adottati skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. | 3. Meta l-Bord jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti li tindika li għandhom jiġu adottati miżuri finali, l-awtorità superviżorja ***jew l-awtoritajiet superviżorji*** li ***lilhom ikunu indirizzati*** d-deċiżjonijiet ***għandhom jadottaw*** dawn il-miżuri qabel l-iskadenza tal-miżuri provviżorji adottati skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-awtorità*** superviżorja li ***tkun ippreżentat it-talba msemmija fil-paragrafu 1*** għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha dwar il-miżuri finali ***għall-istabbiliment tal-kontrollur jew tal-proċessur fit-territorju tal-Istat Membru tagħha*** u tinforma lill-Bord. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija ma tkunx l-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjedenti għandha tinforma ***lill-awtorità*** superviżorja ewlenija ***bil-miżura*** finali. | 4. ***Awtorità*** superviżorja li ***hija responsabbli biex tadotta miżuri finali*** għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha dwar il-miżuri finali ***lill-partijiet investigati*** u tinforma lill-Bord. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija ma tkunx l-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjedenti għandha tinforma ***lill-partijiet investigati li fil-konfront tagħhom ġew adottati l-miżuri provviżorji, dwar id-deċiżjoni tal-Bord u l-miżuri finali adottati mill-awtorità*** superviżorja ewlenija***. L-awtorità li tirċievi l-ilmenti għandha tinforma lill-ilmentatur dwar id-deċiżjoni tal-Bord u l-miżuri*** finali ***adottati mill-awtorità superviżorja ewlenija***. |

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 28a*** |
| | ***Rimedji kontra determinazzjonijiet proċedurali*** |
| | ***Rimedji kontra determinazzjonijiet proċedurali minn awtorità superviżorja skont il-liġi nazzjonali jistgħu jitressqu biss flimkien mar-rimedju wara d-deċiżjoni materjali finali. L-iskadenzi għar-rimedji kontra determinazzjonijiet proċedurali fil-liġi nazzjonali applikabbli jittawlu għad-durata tal-proċedura quddiem l-awtorità superviżorja.*** |

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 28b*** |
| | ***Statistika tal-Infurzar*** |
| | ***L-awtoritajiet superviżorji għandhom jirrapportaw in-numri li ġejjin fir-rapport ta' attività tagħhom fl-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2016/679:*** |
| | ***(a) l-għadd ta' investigazzjonijiet ex officio mibdijin mill-awtorità superviżorja;*** |
| | ***(b) l-għadd ta' investigazzjonijiet ex officio mibdijin minn awtoritajiet superviżorji oħra;*** |
| | ***(c) l-għadd ta' lmenti li jaslu, inkluż l-għadd li ġew irrifjutati, imwaqqgħin, irtirati, aċċettati parzjalment, aċċettati kompletament jew inkella magħluqa;*** |
| | ***(d) l-għadd ta' deċiżjonijiet legalment vinkolanti li bħalissa jinsabu fi stadju ta' appell;*** |
| | ***(e) l-għadd u d-durata medja ta' proċeduri miftuħa u deċiżi taħt (a) sa (d) s'issa;*** |
| | ***(f) l-għadd ta' kull tip ta' miżura meħuda f'konformità mal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew il-liġi nazzjonali applikabbli;*** |
| | ***(g) l-għadd u l-ammont ta' multi maħruġa u miġbura skont l-Artikoli 83 u 84 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew il-liġi nazzjonali rilevanti; u*** |
| | ***(h) il-baġit annwali u l-għadd ta' persunal, skont it-taħriġ, il-kompiti u l-unitajiet organizzattivi.*** |
| | ***2. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jippubblikaw ir-rapport ta' attività għas-sena li tkun għaddiet mingħajr dewmien żejjed, iżda mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju.*** |

| | |
|---|---|
| | ***3. Il-Bord għandu jagħmel l-informazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji kollha fil-paragrafu 1 disponibbli għall-pubbliku mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena għas-sena preċedenti.*** |

*(L-Artikolu 28b jitqiegħed fil-Kapitolu VII "Dispożizzjonijiet ġenerali u finali").*

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 29*** | ***imħassar*** |
| ***Bidu tal-perjodi ta' żmien u d-definizzjoni tal-jum tax-xogħol*** | |
| ***1. Il-limiti ta' żmien previsti fl-awtoritajiet superviżorji jew stabbiliti minnhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill[17].*** | |
| ***2. Il-perjodi ta' żmien għandhom jibdew fil-jum tax-xogħol wara l-avveniment li għalih tirreferi d-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679 jew dan ir-Regolament.*** | |
| ***[17] Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).*** | |

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kapitoli ***III*** u ***IV*** għandhom japplikaw għal investigazzjonijiet ex officio miftuħa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għal investigazzjonijiet ibbażati fuq l-ilmenti fejn l-ilment ikun ġie ppreżentat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | Il-Kapitoli ***I, II*** u ***III*** għandhom japplikaw għal investigazzjonijiet ex officio miftuħa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għal investigazzjonijiet ibbażati fuq l-ilmenti fejn l-ilment ikun ġie ppreżentat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kapitolu V għandu japplika*** għall-każijiet kollha sottomessi għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | ***Il-Kapitoli V u VI għandhom japplikaw*** għall-każijiet kollha sottomessi għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 ***u l-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 66(2) u (3)*** tar-Regolament (UE) 2016/679 wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa ... [sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, fuq talba, tipprovdi d-dokumenti kollha fil-fajl tagħha stess lil awtoritajiet superviżorji oħra b'mezzi elettroniċi oħra.*** |

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 30a*** |
| | ***Evalwazzjoni u rieżami*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tirrieżamina dan ir-Regolament bħala parti mir-rapporti tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 97 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dħul fis-seħħ | Dħul fis-seħħ ***u applikazzjoni*** |

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Huwa għandu japplika minn ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |
| | ***Madankollu, l-Artikolu 2b(1), il-punt (c), l-Artikolu 2b(3), l-aħħar sentenza, l-Artikolu 2c(2), l-aħħar sentenza, u (5), l-Artikolu 2d(3) u (6), l-Artikoli 8(1) u 18(1), il-punt (a) għandhom japplikaw minn ... [sitt xhur mid-data tad-dħul tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].*** |

**Emenda 209**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – Parti A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Identifikazzjoni tal-persuna jew tal-entità li tressaq l-ilment | 1. Identifikazzjoni tal-persuna jew tal-entità li tressaq l-ilment |
| ***Meta l-ilmentatur ikun persuna fiżika, ippreżenta formola ta' identifikazzjoni.[1a]*** | |
| Meta l-ilment jiġi ppreżentat minn korp ***imsemmi*** fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, ippreżenta evidenza li l-korp ***ġie kostitwit*** kif suppost skont il-liġi ta' Stat Membru. | Meta l-ilment jiġi ppreżentat minn korp***, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni imsemmija*** fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, ippreżenta evidenza li l-korp***, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni ġew kostitwiti*** kif suppost skont il-liġi ta' Stat Membru. |
| Meta l-ilment jiġi ppreżentat abbażi tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament 2016/679, ippreżenta evidenza li l-korp li ***jressaq*** l-ilment ***ikun*** qed ***jaġixxi*** abbażi tal-mandat tas-suġġett tad-data. | Meta l-ilment jiġi ppreżentat abbażi tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament 2016/679, ippreżenta evidenza li l-korp***, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni*** li ***jressqu l-ilment ikunu*** qed ***jaġixxu*** abbażi tal-mandat tas-suġġett tad-data. |
| **-------** | |
| ***[1a] Pereżempju, passaport, liċenzja tas-sewqan, ID nazzjonali.*** | |

**Emenda 210**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – Parti A – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dettalji ta' kuntatt [1a] | 2. Dettalji ta' kuntatt [1a] |
| Meta l-ilment jiġi ppreżentat b'mod elettroniku, l-indirizz tal-posta elettronika. | ***L-isem, l-indirizz u kwalunkwe dettall ta' kuntatt ieħor disponibbli tal-ilmentatur, inkluż,*** meta l-ilment jiġi ppreżentat b'mod elettroniku, l-indirizz tal-posta elettronika. |
| ***Meta l-ilment jiġi ppreżentat bil-posta, l-indirizz postali.*** | |
| ***Numru tat-telefown.*** | |
| ------------ | ----------- |
| [1a] Fil-każ li jitressaq ilment minn korp imsemmi fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li tiġi pprovduta l- | [1a] Fil-każ li jitressaq ilment minn korp imsemmi fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li tiġi pprovduta l- |

| | |
|---|---|
| informazzjoni kollha fil-punt 2. | informazzjoni kollha fil-punt 2. |

**Emenda 211**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – Parti A – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Entità li l-ipproċessar tad-data personali tiegħek minnha jikser ir-Regolament (UE) 2016/679 | 3. Entità li l-ipproċessar tad-data personali tiegħek minnha jikser ir-Regolament (UE) 2016/679 |
| Ipprovdi l-informazzjoni kollha fil-pussess tiegħek biex tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-entità li hija s-suġġett tal-ilment tiegħek. | Ipprovdi l-informazzjoni kollha fil-pussess tiegħek biex tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-entità li hija s-suġġett tal-ilment tiegħek***, inklużi l-isem, l-indirizz u kwalunkwe dettall ta' kuntatt ieħor ta' dik l-entità***. |

## NOTA SPJEGATTIVA

### Ġustifikazzjoni qasira

***Informazzjoni ġenerali***

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jfittex li jarmonizza l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom u li jiżgura l-fluss liberu tad-data personali bejn l-Istati Membri. Fil-passat il-Parlament esprima tħassib rigward "l-infurzar mhux ugwali u kultant ineżistenti tal-GDPR mid-DPAs [Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data] nazzjonali". Huwa jissottolinja li ***proċeduri twal jistgħu jipproduċu "effett negattiv fuq l-infurzar effettiv u fuq il-fiduċja taċ-ċittadini"***, u, b'mod partikolari għal ilmenti transfruntiera, issuġġerixxa li tiġi stabbilita "proċedura amministrattiva komuni biex jiġu ttrattati l-ilmenti" sabiex jissaħħaħ l-infuzar.[1] Din il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-Proċeduri ta' Infurzar tal-GDPR (GDPR-EPR) tissuġġerixxi li jiġu ffaċilitati b'mod partikolari l-każijiet transfruntiera. Din tindirizza wkoll it-talbiet tad-DPAs nazzjonali biex il-proċeduri transfruntiera jiġu ċċarati u ssimplifikati, kif spjegat fid-"Dikjarazzjoni ta' Vjenna"[2] tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Datata' April 2022, il-"Lista ta' Xewqat"[3] tal-EDPB ta' Ottubru 2022, il-kontribut tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) minn April 2023[4], u l-opinjoni konġunta EDPB-EDPS dwar il-proposta tal-Kummissjoni ta' Settembru 2023[5].

***Il-Pożizzjoni tar-Rapporteur***

- Il-**liġijiet proċedurali nazzjonali għandhom ikomplu japplikaw** sakemm ma jkunux f'kunflitt mal-GDPR-EPR, biex b'hekk jiġi żgurat li regoli aktar dettaljati bħal dwar smigħ orali jkomplu jkunu validi, filwaqt li l-istandards proċedurali nazzjonali ma jitbaxxewx.
- Ir-rapport jikkonsolida u jelabora fuq id-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli proċedurali ġenerali f'Taqsima 2 ġdida fil-Kapitolu I sabiex **id-dritt li wieħed jinstema', it-traduzzjonijiet, il-kunfidenzjalità, u l-kooperazzjoni leali tal-awtoritajiet japplikaw dejjem**, mhux biss fil-każ ta' lmenti jew għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-awtoritajiet.
- Id-**dritt li wieħed jinstema'** huwa simplifikat skont l-Artikolu 42(1) tal-Karta dwar amministrazzjoni tajba, u **japplika għall-partijiet kollha ta' każ b'mod ugwali**.
- Huwa introdott **fajl tal-każ konġunt**, li fih l-informazzjoni kollha dwar każ, u jagħmilha aċċessibbli għall-partijiet u għall-awtoritajiet superviżorji kollha, biex b'hekk jiġi evitat bgħit bla bżonn ta' dokument u jiġi żgurat li l-partijiet u l-awtoritajiet kollha jkollhom l-istess informazzjoni u l-aktar informazzjoni aġġornata, filwaqt li d-deliberazzjonijiet interni tal-awtoritajiet u l-informazzjoni kunfidenzjali jibqgħu protetti.

---

[1] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0111_MT.html
[2] https://edpb.europa.eu/system/files/2022-04/edpb_statement_20220428_on_enforcement_cooperation_en.pdf
[3] https://edpb.europa.eu/system/files/2022-10/edpb_letter_out2022-0069_to_the_eu_commission_on_procedural_aspects_en_0.pdf
[4] https://edps.europa.eu/system/files/2023-04/23-04-25_edps-contribution-procedural-rules-gdpr-enforcement_en.pdf
[5] https://edpb.europa.eu/system/files/2023-09/edpb_edps_jointopinion_202301_proceduralrules_ec_en.pdf

- F'każ li tiġi żvelata nformazzjoni jew ksur ġodda matul investigazzjoni, **l-ambitu ta' każ jista' jitwessa'**.
- **Is-soluzzjonijiet bonarji** huma limitati għal każijiet ta' drittijiet tas-suġġetti tad-data, li jirrikjedu qbil espliċitu tal-ilmentatur, filwaqt li **ma jipprevenux investigazzjonijiet ex officio** ta' awtorità superviżorja għal ksur tal-GDPR fuq skala akbar.
- **L-iskadenzi u r-rwoli u d-dmirijiet rispettivi** ta' awtorità ewlenija u awtoritajiet superviżorji oħrajn huma ċċarati, b'mod partikolari b'rabta ma' proċeduri biex tiġi abbozzata deċiżjoni, biex jintlaħaq kunsens, jew biex jiġi solvut tilwim, inkluż determinazzjonijiet proċedurali mill-EDPB.
- Qiegħed jiġi introdott dritt għal **rimedji ġudizzjarji f'każ li awtorità superviżorja kompetenti ma tieħux azzjoni**.
- Il-**perjodu tranżitorju ta' sena** għandu jagħti lok biex isiru l-bidliet meħtieġa lis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern użata mill-awtoritajiet, u r-Regoli ta' Proċedura tal-Bord, kif ukoll emendi possibbli tal-liġijiet nazzjonali.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** | |
|---|---|
| *Person (consented to having their name published)* | *Entity* |
| Chiara Manfredi | Access Now |
| Fernando Hortal Foronda | BEUC |
| Claudia Canelles Quaroni | CCIA |
| | DIGITALEUROPE |
| Francesco Bondi | DOT Europe |
| Diego Naranjo | EDRi |
| Enrico Girotto | FEDMA Federation of European Data and Marketing |
| Miglė Alenčikaitė (Blomeyer) | Google |
| Ines Talavera de la Esperanza | IAB Europe |
| Laura Pliauskaite | IAPP International Association of Privacy Professionals |
| Guillermo Ferrer Hernáez | Information Technology Industry Council (ITI) |
| Dr Johnny Ryan FRHistS | Irish Council for Civil Liberties |
| Max Schrems | NOYB None of Your Business |
| Clara Fecke | Rakuten |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

30.1.2024

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679
(COM(2023)0348 – C9-0231/2023 – 2023/0202(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ibán García Del Blanco

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta qed temenda l-GDPR fid-dawl tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-qafas tal-approċċ ta' "punt uniku ta' servizz". F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni pproponiet ċerti miżuri ta' armonizzazzjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, l-armonizzazzjoni ta' ċerti drittijiet proċedurali tal-partijiet investigati u l-ilmentatur, il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, u l-iskadenzi.

Ir-Rapporteur għal opinjoni jaqbel mal-objettiv ġenerali li tinkiseb armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-kwistjonijiet imsemmija abbażi tal-esperjenza empirika mal-GDPR attwali f'dak ir-rigward u abbażi tal-kontribut ta' varjetà sħiħa ta' atturi kif elenkat fil-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, tinnota, f'konformità mal-prinċipji istituzzjonali ta' tfassil aħjar tal-liġijiet, li ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni dwar suġġett daqshekk importanti.

Din l-opinjoni tiffoka fuq ċerti aspetti fejn jista' jinkiseb aktar titjib, jiġifieri l-kwistjoni tad-drittijiet tal-partijiet fil-proċedimenti fid-dawl ta' proċedimenti amministrattivi, bħad-dritt li jinstemgħu jew li jkollhom aċċess għall-fajl tal-każ. Kjarifika hija ugwalment meħtieġa dwar ir-rwol proċedurali tal-ilmentatur fl-UE kollha. Barra minn hekk, ġie introdott ċertu titjib fid-dritt ta' aċċess għal fajl, filwaqt li tqieset l-importanza ta' tali aċċess biex jiġu mifhuma d-deċiżjonijiet mill-partijiet affettwati fil-proċedimenti u biex tingħatalhom il-possibbiltà għal rieżami ġudizzjarju effettiv. Tqiesu wkoll diversi punti mqajma mill-EDPS u l-EDPB bħall-valutazzjoni tan-natura transfruntiera tal-każijiet jew regoli komuni fil-fażi ta' ammissibbiltà tal-proċedimenti. Ir-rapporteur għall-opinjoni introduċa wkoll xi skadenzi nieqsa fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni li huma importanti għaċ-ċertezza legali madwar l-UE.

## EMENDA

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Sabiex jiġi previst il-funzjonament bla xkiel u effettiv ***tal- kooperazzjoni*** u tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim kif previst fl-Artikoli 60 u 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-twettiq ta' proċedimenti mill-awtoritajiet superviżorji f'każijiet transfruntieri, u mill-Bord matul is-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż it-trattament ta' lmenti transfruntieri. Huwa meħtieġ ukoll li din ir-raġuni tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' smigħ mill-partijiet investigati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji u, skont il-każ, mill-Bord. | (2) ***Fi sforz biex jiġu modernizzati r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, inter alia, billi jiġu allinjati mal-Istrateġija Ewropea għad-Data, u*** sabiex jiġi previst il-funzjonament bla xkiel u effettiv ***tal-kooperazzjoni*** u tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim kif previst fl-Artikoli 60 u 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-twettiq ta' proċedimenti mill-awtoritajiet superviżorji f'każijiet transfruntieri, u mill-Bord matul is-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż it-trattament ta' lmenti transfruntieri. Huwa meħtieġ ukoll li din ir-raġuni tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' smigħ mill-partijiet investigati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji u, skont il-każ, mill-Bord. ***B'hekk dan ir-Regolament għandu l-għan li jipproteġi d-dritt għal amministrazzjoni tajba kif imnaqqax fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Biex jilħqu dan l-għan, meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kollha tal-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jaġixxu b'mod imparzjali u indipendenti u f'konformità mal-istat tad-dritt, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Dan ir-Regolament u l-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679 jirregolaw biss ċerti elementi tal-proċedura ta' kooperazzjoni, meta jipparteċipaw fil-proċedura l-awtoritajiet superviżorji ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Dan ir-Regolament ma japplikax meta parti tressaq ilment direttament quddiem awtorità superviżorja ewlenija fi Stat Membru ieħor.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) L-awtoritajiet superviżorji għandhom jagħmlu użu mill-għażliet kollha skont il-liġi nazzjonali applikabbli biex jippermettu lill-partijiet fi Stat Membru ieħor jipparteċipaw fi proċeduri. Dan jista' jinkludi parteċipazzjoni bil-vidjo remota, jew mezzi ta' komunikazzjoni ġeneralment disponibbli.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) Il-liġi proċedurali ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tapplika għall-awtoritajiet superviżorji sakemm dan ir-Regolament ma jarmonizzax kwistjoni. F'konformità mal-primazija tad-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma japplikawx il-liġi proċedurali nazzjonali meta din tkun f'kunflitt ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament*** |

***(UE) 2016/679. Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma tkunx limitata minħabba differenzi fil-liġi proċedurali nazzjonali.***

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-ilmenti huma sors essenzjali ta' informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja minbarra dik li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment. | (3) L-ilmenti huma sors essenzjali ta' informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja minbarra dik li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment. ***Għal dan l-għan, huwa rrakkomandat li jinħoloq mekkaniżmu effiċjenti għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni rapida u sigura tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġu solvuti l-ilmenti f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex ikun ammissibbli, ilment jenħtieġ li jkun fih ċerta informazzjoni speċifikata. Għalhekk, sabiex l-ilmentaturi jiġu megħjuna jissottomettu l-fatti meħtieġa lill-awtoritajiet superviżorji, jenħtieġ li ***tiġi pprovduta formola*** tal-ilmenti. ***Jenħtieġ li l-informazzjoni speċifikata fil-formola tkun meħtieġa biss f'każijiet ta' pproċessar transfruntier fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679,*** | (4) Sabiex ikun ammissibbli, ilment jenħtieġ li jkun fih ċerta informazzjoni speċifikata ***dwar l-allegat ksur, kemm jekk għadu għaddej kif ukoll jekk seħħ fil-passat***. Għalhekk, sabiex l-ilmentaturi jiġu megħjuna jissottomettu l-fatti meħtieġa lill-awtoritajiet superviżorji, jenħtieġ li ***jiġi pprovdut mudell*** tal-ilmenti. ***Meta lment ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi, l-awtorità superviżorja jenħtieġ li tirrikjedi*** |

| | |
|---|---|
| ***għalkemm il-formola tista' tintuża mill-awtoritajiet superviżorji għal każijiet li*** ma ***jirrigwardawx l-ipproċessar transfruntier***. ***Il-formola tista' tiġi sottomessa b'mod elettroniku jew bil-posta. Is-sottomissjoni tal-informazzjoni elenkata f'dik il-formola*** jenħtieġ li ***tkun kundizzjoni biex ilment relatat mal-ipproċessar transfruntier jiġi ttrattat bħala lment kif imsemmi fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** Jenħtieġ li l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tkun meħtieġa biex ilment jitqies ammissibbli. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet superviżorji li jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' lmenti f'format elettroniku faċli għall-utent filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità***, sakemm l-informazzjoni meħtieġa mill-ilmentatur tikkorrispondi mal-informazzjoni meħtieġa mill-formola u ma tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment jinstab ammissibbli***. | ***li l-ilmentatur jerġa' jissottometti lment komplut f'perjodu ta' żmien raġonevoli.*** Jenħtieġ li l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tkun meħtieġa biex ilment jitqies ammissibbli***. L-ilment jista' jiġi sottomess bil-miktub, b'mod elettroniku jew bil-posta. B'mod partikolari, l-ilmentaturi*** jenħtieġ li ***ma jkunux meħtieġa jużaw ID elettronika nazzjonali jew sistema ta' gvern elettroniku*** biex ***iressqu l-ilment***. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet superviżorji li jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' lmenti f'format elettroniku faċli għall-utent filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-awtoritajiet superviżorji huma obbligati jiddeċiedu dwar l-ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli. X'inhu perjodu ta' żmien raġonevoli jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, il-kuntest tiegħu, id-diversi passi proċedurali segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija, l-imġiba tal-partijiet matul il-proċedura u l-kumplessità tal-każ. | (5) L-awtoritajiet superviżorji huma obbligati jiddeċiedu dwar l-ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli. X'inhu perjodu ta' żmien raġonevoli jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, il-kuntest tiegħu, id-diversi passi proċedurali segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija, l-imġiba tal-partijiet matul il-proċedura u l-kumplessità tal-każ***, inklużi r-rimedji ġudizzjarji fl-ambitu tal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679. Dan ir-Regolament jipprevedi skadenzi speċifiċi biex jipprevedi proċedura prevedibbli f'konformità mar-rekwiżit taċ-ċertezza legali bħala parti mid-dritt għal amministrazzjoni tajba minqux fl-Artikolu 41 tal-Karta tal-UE u*** |

| | |
|---|---|
| | ***fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Il-proċeduri quddiem l-awtoritajiet superviżorji tipikament jenħtieġ li ma jiħdux aktar minn disa' xhur, sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi eċċezzjonali. Dan ir-Regolament jipprevedi estensjonijiet għal dewmien jew tfixkil li ma humiex fil-kontroll tal-awtorità superviżorja ewlenija. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati finanzjament u persunal suffiċjenti sabiex jiġi ggarantit trattament f'waqtu u effiċjenti tal-każijiet li ma jaffettwax id-dritt għal amministrazzjoni tajba.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-interazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri u l-partijiet hija rregolata mil-liġi proċedurali nazzjonali, sakemm ir-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jew id-dritt tal-Unjoni ma jiħdux il-primazija. F'każ ta' interazzjoni indiretta ta' awtorità superviżorja ewlenija ma' parti permezz ta' awtorità superviżorja oħra, jenħtieġ li tapplika l-liġi proċedurali ta' din l-awtorità għal kwalunkwe interazzjoni diretta mal-parti. F'konformità mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament 2016/679, ilmentatur għandu d-dritt li jikkomunika biss mal-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment. Dan ma jwaqqafx lill-ilmentatur milli jikkomunika direttament ma' awtorità superviżorja oħra, inkluża l-awtorità superviżorja ewlenija, li tista' tkun aktar effiċjenti.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) L-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta jirrikjedu li proċeduri ġusti jkunu pubbliċi. L-Artikolu 42 tal-Karta u l-liġi ta' ħafna Stati Membri jipprevedu d-dritt ta' aċċess għal dokumenti pubbliċi u t-trasparenza tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li, f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali applikabbli għall-awtorità superviżorja li l-parti tkun qed tinteraġixxi magħha direttament, jiġu applikati limitazzjonijiet strettament meħtieġa u proporzjonati b'rabta mad-divulgazzjoni jew mal-użu ulterjuri ta' informazzjoni protetta legalment, bħal data personali jew sigrieti kummerċjali protetti skont id-Direttiva (UE) 2016/943. Dan jista' jinkludi d-deliberazzjonijiet interni u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtorità. Jenħtieġ li jiġu applikati l-miżuri l-inqas intrużivi, bħal-limitazzjoni tal-użu ta' informazzjoni jew l-ingassar ta' informazzjoni. Il-partijiet jenħtieġ li dejjem ikunu infurmati li ma tħallewx jaraw xi informazzjoni, u għalxiex.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5c) L-awtorità superviżorja ewlenija timmaniġġja l-każ f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2016/679 u l-liġi proċedurali nazzjonali, filwaqt li tikkoopera bis-sħiħ ma' awtoritajiet superviżorji oħrajn. L-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti u l-opinjonijiet tagħhom lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***awtorità superviżorja ewlenija. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li torganizza l-każ b'mod effiċjenti u veloċi filwaqt li tqis il-fehmiet tal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Kull ilment ittrattat minn awtorità superviżorja skont l-Artikolu 57(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi investigat bid-diliġenza dovuta kollha sa fejn ikun xieraq filwaqt li jitqies li kull użu tas-setgħat mill-awtorità superviżorja jrid ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat ***bil-għan*** li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. ***Huwa fid-diskrezzjoni ta' kull awtorità kompetenti*** li ***tiddeċiedi*** sa liema punt ***jenħtieġ li jiġi investigat ilment.*** Filwaqt li jivvalutaw ***il-punt xieraq ta'*** investigazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprovdu riżoluzzjoni sodisfaċenti lill-ilmentatur, li ***mhux neċessarjament tkun*** tirrikjedi investigazzjoni ***eżawrjenti*** tal-elementi legali u fattwali ***kollha possibbli*** li jirriżultaw mill-ilment, ***iżda*** li ***tipprovdi*** rimedju effettiv u rapidu lill-ilmentatur. Il-valutazzjoni tal-firxa tal-miżuri investigattivi meħtieġa tista' ssir abbażi tal-gravità tal-ksur allegat, tan-natura sistemika jew ripetittiva tiegħu, jew ***tal-fatt, skont il-każ, li l-ilmentatur ħa vantaġġ ukoll mid-drittijiet tiegħu*** skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/679. | (6) Kull ilment ittrattat minn awtorità superviżorja skont l-Artikolu 57(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi investigat bid-diliġenza dovuta kollha sa fejn ikun xieraq filwaqt li jitqies li kull użu tas-setgħat mill-awtorità superviżorja jrid ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat***, kif ukoll effettiv u dissważiv, bil-ħsieb*** li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Filwaqt li jivvalutaw sa liema punt ***huwa xieraq*** li ***ssir*** investigazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprovdu riżoluzzjoni sodisfaċenti lill-ilmentatur, li tirrikjedi investigazzjoni tal-elementi legali u fattwali ***rilevanti kollha*** li jirriżultaw mill-ilment, ***biex jiżguraw*** li ***tkun tista' tittieħed deċiżjoni b'mod konġunt u jkun jista' jingħata malajr*** rimedju effettiv u rapidu lill-ilmentatur. ***L-ippjanar tal-proċedura huwa importanti biex jiġi żgurat riżultat rapidu.*** Il-valutazzjoni tal-firxa tal-miżuri investigattivi meħtieġa tista' ssir abbażi tal-gravità tal-ksur allegat, tan-natura sistemika jew ripetittiva tiegħu, jew ***tar-raġuni tal-ilment. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li ma jirreferux għad-drittijiet*** skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/679 ***bħala raġuni biex jillimitaw l-investigazzjoni ta' lment. Sakemm ilment ma jiġix irtirat, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-ilmenti jingħalqu jew altrimenti jiġu tterminati mingħajr deċiżjoni li tista' tiġi sottomessa għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***rieżami ġudizzjarju.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi lill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-progress tal-investigazzjoni bil-għan li tipprovdi aġġornamenti lill-ilmentatur. | (7) L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li ***regolarment*** tipprovdi lill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment bl-informazzjoni ***kollha*** meħtieġa dwar il-progress tal-investigazzjoni ***mingħajr dewmien żejjed u*** bil-għan li tipprovdi aġġornamenti lill-ilmentatur. ***Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa wkoll peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja li ma tkunx dik li tkun irċeviet l-ilment.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-awtorità superviżorja kompetenti jenħtieġ li tipprovdi ***lill-ilmentatur*** b'aċċess għad-dokumenti li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja tkun waslet għal konklużjoni preliminari biex tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment. | (8) L-awtorità superviżorja kompetenti jenħtieġ li tipprovdi ***lill-partijiet*** b'aċċess għad-dokumenti li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja tkun waslet għal konklużjoni preliminari biex tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment. ***Tali aċċess jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' rimedju ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jtemmu malajr il-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 u jwasslu riżoluzzjoni rapida għall-ilmentaturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex isolvu l-ilmenti permezz ta' soluzzjoni bonarja. Il-fatt li lment individwali ġie solvut permezz ta' soluzzjoni bonarja ma jipprevjenix lill-awtorità superviżorja kompetenti milli ssegwi każ ex officio, pereżempju fil-każ ta' ksur sistemiku jew ripetittiv tar-Regolament (UE) 2016/679. | (9) Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jtemmu malajr il-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 u jwasslu riżoluzzjoni rapida għall-ilmentaturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji ***jkunu jistgħu*** jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex isolvu l-ilmenti permezz ta' soluzzjoni bonarja ***bejn il-partijiet. Is-soluzzjonijiet jenħtieġ li jkunu ta' natura volontarja, u jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu l-forma ta' kuntratt bejn il-partijiet. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li t-trattament ta' lment ma jagħmluhx jiddependi mill-parteċipazzjoni fi proċess ta' soluzzjoni bonarja***. Il-fatt li lment individwali ġie solvut permezz ta' soluzzjoni bonarja ma jipprevjenix lill-awtorità superviżorja kompetenti milli ssegwi każ ex officio, pereżempju fil-każ ta' ksur sistemiku jew ripetittiv tar-Regolament (UE) 2016/679. ***Madankollu, tali possibbiltà ex officio ma għandhiex tintuża ħażin biex jiġu differiti deċiżjonijiet dwar l-ilmenti.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) L-awtorità superviżorja ma hijiex marbuta bis-soluzzjoni bonarja. Jenħtieġ li b'mod partikolari hija tiftaħ investigazzjoni ex officio minflok, meta l-parti investigata tkun reċidiva jew kienet soġġetta għal għadd kbir ta' soluzzjonijiet bonarji oħra, meta s-suġġett wiesa' tal-ilment ikun jikkonċerna għadd kbir ta' suġġetti tad-data minbarra l-ilmentatur jew meta l-konsegwenza tal-ipproċessar li kien soġġett għall-ilment tkun ta' tul ta' żmien twil jew ta' natura serja.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar aspetti ewlenin ***tal-investigazzjoni*** kmieni kemm jista' jkun u ***qabel il-komunikazzjoni ta' allegazzjonijiet lill-partijiet investigati u*** l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679, biex b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' każijiet sottomessi għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-aħħar mill-aħħar tiġi żgurata s-soluzzjoni rapida ta' każijiet transfruntieri. | (11) Huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar aspetti ewlenin ***tal-każ*** kmieni kemm jista' jkun u ***tal-anqas qabel*** l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679, biex b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' każijiet sottomessi għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-aħħar mill-aħħar tiġi żgurata s-soluzzjoni rapida ta' każijiet transfruntieri. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Fl-interess ta' kooperazzjoni inklużiva effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji kollha kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija, il-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jenħtieġ li jkunu konċiżi u fformulati f'termini ċari u preċiżi biżżejjed biex jinftiehmu faċilment mill-awtoritajiet superviżorji kollha. L-argumenti legali jenħtieġ li jinġabru flimkien b'referenza għall-parti tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati magħhom. Il-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jiġu ssupplimentati b'dokumenti addizzjonali***. Madankollu, sempliċi referenza fil-kummenti ta' awtorità superviżorja kkonċernata għal dokumenti supplimentari ma tistax tpatti għan-nuqqas tal-argumenti essenzjali fil-*** | (13) Fl-interess ta' kooperazzjoni inklużiva effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji kollha kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija, il-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jenħtieġ li jkunu konċiżi u fformulati f'termini ċari u preċiżi biżżejjed biex jinftiehmu faċilment mill-awtoritajiet superviżorji kollha. ***Biex jiġi żgurat li jkunu koerenti u faċli li jinftehmu,*** l-argumenti legali jenħtieġ li jinġabru flimkien b'referenza għall-parti tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati magħhom. Il-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jiġu ssupplimentati b'dokumenti addizzjonali. Id-dettalji legali u fattwali bażiċi li wieħed jibbaża fuqhom f'dawn id-dokumenti jenħtieġ li jiġu indikati, tal- |

| | |
|---|---|
| ***liġi jew fil-fatt li jenħtieġ li jidhru fil-kummenti.*** Id-dettalji legali u fattwali bażiċi li wieħed jibbaża fuqhom f'dawn id-dokumenti jenħtieġ li jiġu indikati, tal-anqas f'forma fil-qosor, b'mod koerenti u li jinftiehem fil-kumment innifsu. | anqas f'forma fil-qosor, b'mod koerenti u li jinftiehem fil-kumment innifsu. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Każijiet li ma jqajmu l-ebda kwistjoni kontenzjuża ma jirrikjedux diskussjoni estensiva bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex jintlaħaq kunsens u, għalhekk, jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr. Meta l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tqajjem kummenti dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tikkomunika s-sejbiet preliminari previsti fl-Artikolu 14 fi żmien ***9*** xhur. | (14) Każijiet li ma jqajmu l-ebda kwistjoni kontenzjuża ***(każijiet mhux kontenzjużi)*** ma jirrikjedux diskussjoni estensiva bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex jintlaħaq kunsens u, għalhekk, jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr. Meta l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tqajjem kummenti dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tikkomunika s-sejbiet preliminari previsti fl-Artikolu 14 fi żmien ***tliet*** xhur ***wara l-iskadenza għal kummenti***. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jekk l-użu ta' dawk l-għodod ma jippermettix lill-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar l-ambitu ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, ***l-awtorità superviżorja ewlenija*** jenħtieġ li ***titlob*** deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. ***Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi preżunt ir-rekwiżit ta' urġenza.*** L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tasal għal konklużjonijiet xierqa mid- | (16) Jekk l-użu ta' dawk l-għodod ma jippermettix lill-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar l-ambitu ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, ***l-awtoritajiet superviżorji involuti*** jenħtieġ li ***jitolbu*** deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tasal għal konklużjonijiet xierqa mid-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord għall-finijiet ta' |

deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord għall-finijiet ta' sejbiet preliminari. ***Id-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord ma tistax tantiċipa l-eżitu tal-investigazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija jew l-effettività tad-drittijiet tal-partijiet investigati li jinstemgħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bord ma jestendix l-ambitu tal-investigazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess.***

sejbiet preliminari.

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Sabiex l-ilmentatur ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679***, l-awtorità superviżorja li tirrifjuta kompletament jew parzjalment ilment*** jenħtieġ li ***tagħmel dan permezz ta'*** deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata quddiem qorti nazzjonali. | (17) Sabiex l-ilmentatur ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679 ***u sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, it-trattament ta' kwalunkwe lment*** jenħtieġ li ***dejjem iwassal għal*** deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata quddiem qorti nazzjonali. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-ilmentaturi jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni li tolqothom b'mod negattiv. Għalhekk, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment f'każ transfruntier, l-ilmentatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa qabel is-sottomissjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(4) | (18) L-ilmentaturi ***bħala partijiet fil-proċedura*** jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom ***u d-dritt li jinstemgħu*** qabel ma tittieħed deċiżjoni li tolqothom b'mod negattiv. Għalhekk, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment f'każ transfruntier, l-ilmentatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa ***tal-anqas*** qabel is-sottomissjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament |

| | |
|---|---|
| tar-Regolament (UE) 2016/679 jew deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. L-ilmentatur jista' jitlob aċċess ***għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti*** li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni li tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment. | (UE) 2016/679, abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. L-ilmentatur jista' jitlob aċċess ***għad-dokumenti*** li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni li tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment***, b'tali mod li jippermettilu l-possibbiltà ta' rieżami ġudizzjarju effettiv***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment fil-każ ta' rifjut ta' lment f'każ transfruntier. Bħala l-punt ta' kuntatt għall-ilmentatur matul l-investigazzjoni, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment jenħtieġ li ***tikseb il-fehmiet tal-ilmentatur dwar ir-rifjut propost tal-ilment u jenħtieġ li*** tkun responsabbli għall-komunikazzjonijiet kollha mal-ilmentatur. Jenħtieġ li dawn il-komunikazzjonijiet kollha jiġu kondiviżi mal-awtorità superviżorja ewlenija. Billi skont l-Artikolu 60(8) u (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha r-responsabbiltà li tadotta d-deċiżjoni finali li tirrifjuta l-ilment, dik l-awtorità superviżorja jenħtieġ li ***jkollha*** wkoll ***ir-responsabbiltà li*** tħejji l-abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. | (19) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment fil-każ ta' rifjut ta' lment f'każ transfruntier. Bħala l-punt ta' kuntatt għall-ilmentatur matul l-investigazzjoni, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment jenħtieġ li tkun responsabbli għall-komunikazzjonijiet kollha mal-ilmentatur. Jenħtieġ li dawn il-komunikazzjonijiet kollha jiġu kondiviżi mal-awtorità superviżorja ewlenija. Billi skont l-Artikolu 60(8) u (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha r-responsabbiltà li tadotta d-deċiżjoni finali li tirrifjuta l-ilment, dik l-awtorità superviżorja jenħtieġ li ***tkun involuta*** wkoll ***mill-awtorità superviżorja ewlenija biex*** tħejji l-abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika f'konformità mal-Artikolu 60(3), (8) u (9) tal-GDPR.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet għad-difiża kif ***stabbiliti*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), inkluż id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv, huwa importanti li jiġu previsti regoli ċari dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. | (21) Sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet għad-difiża kif ***minquxa*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), inkluż id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv, huwa importanti li jiġu previsti regoli ċari dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ***għall-partijiet kollha involuti f'każ. Kull parti għandu jkollha d-dritt li tirrifjuta d-dritt li tinstema'.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva applikata mill-awtoritajiet superviżorji meta jinfurzaw ir-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jiżguraw li l-partijiet ***investigati jkollhom*** b'mod effettiv l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-verità u r-rilevanza tal-fatti, l-oġġezzjonijiet u ċ-ċirkostanzi mressqa mill-awtorità superviżorja matul il-proċedura kollha, u b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom. Is-sejbiet preliminari stabbilixxew il-pożizzjoni preliminari dwar l-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 wara investigazzjoni. B'hekk ***dawn*** jikkostitwixxu salvagwardja proċedurali essenzjali li tiżgura li jiġi osservat id-dritt għas-smigħ. Il-partijiet ***investigati*** jenħtieġ li jiġu pprovduti ***bid-dokumenti*** meħtieġa | (22) Ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva applikata mill-awtoritajiet superviżorji meta jinfurzaw ir-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jiżguraw li l-partijiet ***ikollhom*** b'mod effettiv ***id-dritt li jinstemgħu u*** l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-verità u r-rilevanza tal-fatti, l-oġġezzjonijiet u ċ-ċirkostanzi mressqa mill-awtorità superviżorja matul il-proċedura kollha, u b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom. Is-sejbiet preliminari stabbilixxew il-pożizzjoni preliminari dwar l-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 wara investigazzjoni. B'hekk jikkostitwixxu salvagwardja proċedurali essenzjali li tiżgura li jiġi osservat id-dritt għas-smigħ. Il-partijiet jenħtieġ li jiġu pprovduti ***d-dokumenti neċessarji kollha*** |

biex jiddefendu ***lilhom infushom*** b'mod effettiv u biex jikkummentaw dwar l-allegazzjonijiet magħmula ***kontrihom***, billi jirċievu aċċess għall-fajl ***amministrattiv***.

meħtieġa biex ***jippreżentaw u*** jiddefendu ***l-każ tagħhom*** b'mod effettiv u biex jikkummentaw dwar l-allegazzjonijiet magħmula, billi jirċievu aċċess għall-fajl ***tal-każ. Meta, fi kwalunkwe stadju ta' investigazzjoni, issir sottomissjoni lil awtorità superviżorja ewlenija, li materjalment tibdel il-fehma tal-awtorità superviżorja dwar każ, il-partijiet jenħtieġ li jingħataw opportunità biex iwieġbu għal din is-sottomissjoni qabel ma l-awtorità superviżorja ewlenija tieħu d-deċiżjoni finali tagħha.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) ***Is-sejbiet preliminari jiddefinixxu l-ambitu tal-investigazzjoni u għalhekk l-ambitu ta' kwalunkwe deċiżjoni finali futura (skont il-każ, jista' jittieħed abbażi ta' deċiżjoni vinkolanti maħruġa mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/679) li tista' tiġi indirizzata lill-kontrolluri jew lill-proċessuri.*** Is-sejbiet preliminari jenħtieġ li jiġu komposti f'termini li, anke jekk ikunu konċiżi, ikunu ċari biżżejjed biex jippermettu lill-partijiet ***investigati*** jidentifikaw kif xieraq in-natura tal-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679. L-obbligu li l-partijiet ***investigati*** jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa ***biex ikunu jistgħu jiddefendu lilhom infushom b'mod xieraq huwa ssodisfat*** jekk id-deċiżjoni finali ma tallegax li l-partijiet investigati wettqu ksur għajr dak imsemmi fis-sejbiet preliminari u tqis biss il-fatti li dwarhom il-partijiet ***investigati*** kellhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Madankollu, id-deċiżjoni finali tal-awtorità superviżorja ewlenija ma hijiex neċessarjament meħtieġa li tkun replika tas-sejbiet preliminari. L-awtorità superviżorja

*Emenda*

(23) Is-sejbiet preliminari jenħtieġ li jiġu komposti f'termini li, anke jekk ikunu konċiżi, ikunu ċari biżżejjed biex jippermettu lill-partijiet jidentifikaw kif xieraq in-natura tal-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679. L-obbligu li l-partijiet jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa ***għad-dritt tagħhom li jinstemgħu jkun issodisfat*** jekk id-deċiżjoni finali ma tallegax li l-partijiet investigati wettqu ksur għajr dak imsemmi fis-sejbiet preliminari u tqis biss il-fatti li dwarhom il-partijiet kellhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Madankollu, id-deċiżjoni finali tal-awtorità superviżorja ewlenija ma hijiex neċessarjament meħtieġa li tkun replika tas-sejbiet preliminari. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun permessa fid-deċiżjoni finali li tqis it-tweġibiet tal-partijiet għas-sejbiet preliminari, u, fejn applikabbli, l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, u ***d-deċiżjoni mill-Bord li ssolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet superviżorji skont*** l-Artikolu 65(1), il-punt (a) ***ta' dak ir-Regolament***. L-

ewlenija jenħtieġ li tkun permessa fid-deċiżjoni finali li tqis it-tweġibiet tal-partijiet ***investigati*** għas-sejbiet preliminari, u, fejn applikabbli, l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, u l-Artikolu 65(1), il-punt (a)***, id-deċiżjoni li ssolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet superviżorji***. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha stess tal-fatti u tal-kwalifiki legali mressqa mill-partijiet ***investigati*** sabiex jew tirrinunzja l-oġġezzjonijiet meta l-awtorità superviżorja ssib li dawn ***huma*** bla bażi jew tissupplimenta u tabbozza mill-ġdid l-argumenti tagħha, kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, b'appoġġ għall-oġġezzjonijiet li hija ssostni. ***Pereżempju, il-kunsiderazzjoni ta' argument imressaq minn parti investigata matul il-proċedura amministrattiva, mingħajr ma tkun ingħatat l-opportunità li tesprimi opinjoni f'dak ir-rigward qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, ma tistax fiha innifisha tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża.***

awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha stess tal-fatti u tal-kwalifiki legali mressqa mill-partijiet sabiex jew tirrinunzja l-oġġezzjonijiet meta l-awtorità superviżorja ssib li dawn ***ikunu*** bla bażi jew tissupplimenta u tabbozza mill-ġdid l-argumenti tagħha, kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, b'appoġġ għall-oġġezzjonijiet li hija ssostni.

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-partijiet ***investigati*** jenħtieġ li jingħataw id-dritt li jinstemgħu qabel is-sottomissjoni ta' abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. | (24) Il-partijiet jenħtieġ li jingħataw id-dritt li jinstemgħu qabel is-sottomissjoni ta' abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-ilmentaturi jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jkunu assoċjati mal-proċedimenti mibdija minn awtorità superviżorja bil-għan li jidentifikaw jew jiċċaraw kwistjonijiet relatati ma' ksur potenzjali tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-fatt li awtorità superviżorja tkun diġà bdiet investigazzjoni dwar is-suġġett tal-ilment jew se tittratta l-ilment f'investigazzjoni ex officio wara li tirċievi l-ilment ma jipprekludix il-kwalifika ta' suġġett tad-data bħala ilmentatur. ***Madankollu, investigazzjoni minn awtorità superviżorja ta' ksur possibbli tar-Regolament (UE) 2016/679 minn kontrollur jew proċessur ma tikkostitwixxix proċedura kontenzjuża bejn l-ilmentatur u l-partijiet investigati. Hija proċedura mibdija minn awtorità superviżorja, fuq inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' lment, fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-partijiet investigati u l-ilmentatur, għalhekk, ma humiex fl-istess sitwazzjoni proċedurali u dan tal-aħħar ma jistax jinvoka d-dritt għal smigħ ġust meta d-deċiżjoni ma taffettwax b'mod negattiv il-pożizzjoni legali tiegħu. L-involviment tal-ilmentatur fil-proċedura kontra l-partijiet investigati ma jistax jikkomprometti d-dritt ta' dawn il-partijiet li jinstemgħu.*** | (25) L-ilmentaturi jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jkunu assoċjati mal-proċedimenti mibdija minn awtorità superviżorja bil-għan li jidentifikaw jew jiċċaraw kwistjonijiet relatati ma' ksur potenzjali tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-fatt li awtorità superviżorja tkun diġà bdiet investigazzjoni dwar is-suġġett tal-ilment jew se tittratta l-ilment f'investigazzjoni ex officio wara li tirċievi l-ilment ma jipprekludix il-kwalifika ta' suġġett tad-data bħala ilmentatur. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-ilmentaturi jingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw bil-miktub fehmiet dwar is-sejbiet preliminari. | (26) Jenħtieġ li l-ilmentaturi jingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw bil-miktub fehmiet dwar is-sejbiet preliminari. |

Madankollu, jenħtieġ li ma jkollhomx aċċess għas-sigrieti kummerċjali jew għal informazzjoni kunfidenzjali oħra li tappartjeni għal partijiet oħrajn involuti fil-proċedimenti. L-ilmentaturi jenħtieġ li ma jkunux intitolati li jkollhom aċċess ġeneralizzat għall-fajl ***amministrattiv***.

Madankollu, jenħtieġ li ma jkollhomx aċċess għas-sigrieti kummerċjali jew għal informazzjoni kunfidenzjali oħra li tappartjeni għal partijiet oħrajn involuti fil-proċedimenti. L-ilmentaturi jenħtieġ li ma jkunux intitolati li jkollhom aċċess ġeneralizzat għall-fajl ***tal-każ, fid-dawl tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u l-integrità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv***.

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Meta jistabbilixxu skadenzi ***għall-partijiet investigati u għall-ilmentaturi*** biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar sejbiet preliminari, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jqisu l-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma fis-sejbiet preliminari, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ***investigati u l-ilmentaturi jkollhom*** opportunità suffiċjenti biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom b'mod sinifikanti dwar il-kwistjonijiet imqajma. | (27) Meta jistabbilixxu skadenzi ***u jillimitaw it-tul tas-sottomissjonijiet għall-partijiet*** biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar sejbiet preliminari, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jqisu l-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma fis-sejbiet preliminari ***kif ukoll il-kapaċità tal-partijiet investigati u l-ilmentaturi li jwieġbu***, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ***ikollhom*** opportunità suffiċjenti biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom b'mod sinifikanti dwar il-kwistjonijiet imqajma. ***Madankollu, dan jenħtieġ li ma jwassalx għal proċeduri twal iżżejjed.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) L-iskambju ta' fehmiet qabel l-adozzjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni jinvolvi djalogu miftuħ u skambju estensiv ta' fehmiet fejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu ħilithom kollha biex | (28) L-iskambju ta' fehmiet qabel l-adozzjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni jinvolvi djalogu miftuħ u skambju estensiv ta' fehmiet fejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu ħilithom kollha biex |

isibu kunsens dwar it-triq ’il quddiem f’investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta’ qbil espress f’oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, li jżidu l-potenzjal ta’ soluzzjoni tat-tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u ***jittradjaw*** l-adozzjoni ta’ deċiżjoni finali mill-awtorità superviżorja kompetenti, jenħtieġ li jseħħ fil-każ eċċezzjonali ta’ nuqqas tal-awtoritajiet superviżorji li jilħqu kunsens u fejn meħtieġ biex tkun żgurata l-interpretazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679. Dawn l-oġġezzjonijiet jenħtieġ li jintużaw meta vera hemm bżonnhom, meta jkunu involuti kwistjonijiet ta’ infurzar konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679, peress li kull użu ta’ oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jipposponi r-rimedju għas-suġġett tad-data. ***Peress li l-ambitu tal-investigazzjoni u l-fatti rilevanti jenħtieġ li jiġu deċiżi qabel il-komunikazzjoni tas-sejbiet preliminari, dawn il-kwistjonijiet jenħtieġ li ma jitqajmux mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati f’oġġezzjonijiet rilevanti u motivati. Madankollu, dawn jistgħu jitqajmu mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati fil-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin skont l-Artikolu 9(3), qabel ma jiġu kkomunikati s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati.***

isibu kunsens dwar it-triq ’il quddiem f’investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta’ qbil espress f’oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, li jżidu l-potenzjal ta’ soluzzjoni tat-tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u ***jittardjaw*** l-adozzjoni ta’ deċiżjoni finali mill-awtorità superviżorja kompetenti, jenħtieġ li jseħħ fil-każ eċċezzjonali ta’ nuqqas tal-awtoritajiet superviżorji li jilħqu kunsens u fejn meħtieġ biex tkun żgurata l-interpretazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679. Dawn l-oġġezzjonijiet jenħtieġ li jintużaw meta vera hemm bżonnhom, meta jkunu involuti kwistjonijiet ta’ infurzar konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679, peress li kull użu ta’ oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jipposponi r-rimedju għas-suġġett tad-data.

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Fl-interess tal-konklużjoni effiċjenti u inklużiva tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, fejn l-awtoritajiet superviżorji kollha jenħtieġ li jkunu f’pożizzjoni li jikkontribwixxu l-fehmiet tagħhom u filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet ta’

*Emenda*

(29) Fl-interess tal-konklużjoni effiċjenti u inklużiva tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, fejn l-awtoritajiet superviżorji kollha jenħtieġ li jkunu f’pożizzjoni li jikkontribwixxu l-fehmiet tagħhom u filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet ta’

| | |
|---|---|
| żmien matul is-soluzzjoni tat-tilwim, il-forma u l-istruttura tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jissodisfaw ċerti rekwiżiti. Għalhekk, l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jkunu limitati għal tul preskritt**,** jenħtieġ li jidentifikaw b'mod ċar in-nuqqas ta' qbil mal-abbozz tad-deċiżjoni u jenħtieġ li jiġu fformulati f'termini ċari, koerenti u preċiżi biżżejjed. | żmien matul is-soluzzjoni tat-tilwim, il-forma u l-istruttura tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jissodisfaw ċerti rekwiżiti. Għalhekk, l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jenħtieġ li jkunu limitati għal tul preskritt ***filwaqt li titqies il-kumplessità tal-każijiet u r-rilevanza tal-kontribuzzjonijiet minn awtoritajiet superviżorji oħra;*** jenħtieġ li jidentifikaw b'mod ċar in-nuqqas ta' qbil mal-abbozz tad-deċiżjoni u jenħtieġ li jiġu fformulati f'termini ċari, koerenti u preċiżi biżżejjed. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jillimita t-tul ta' kontribuzzjonijiet bil-miktub li awtoritajiet superviżorji oħra jistgħu jagħmlu (sa ammont speċifiku ta' paġni), mingħajr ma titqies il-kumplessità differenti tal-każijiet.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) L-aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** huwa previst bħala parti mid-drittijiet għad-difiża u d-dritt għal amministrazzjoni tajba mnaqqxa fil-Karta. Jenħtieġ li jiġi pprovdut aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** lill-partijiet investigati meta jiġu nnotifikati bis-sejbiet preliminari u jenħtieġ li tiġi stabbilita l-iskadenza biex jissottomettu t-tweġiba bil-miktub tagħhom għas-sejbiet preliminari. | (30) L-aċċess għall-fajl ***tal-każ*** huwa previst bħala parti mid-drittijiet għad-difiża***, għar-rimedju ġudizzjarju effettiv*** u d-dritt għal amministrazzjoni tajba mnaqqxa fil-Karta. Jenħtieġ li jiġi pprovdut aċċess għall-fajl ***tal-każ*** lill-partijiet investigati ***sa mhux aktar tard minn*** meta jiġu nnotifikati bis-sejbiet preliminari u jenħtieġ li tiġi stabbilita l-iskadenza biex jissottomettu t-tweġiba bil-miktub tagħhom għas-sejbiet preliminari. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Meta jagħtu aċċess għall-fajl | (31) Meta jagħtu aċċess għall-fajl ***tal-*** |

| | |
|---|---|
| ***amministrattiv***, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra. Il-kategorija ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra tinkludi informazzjoni għajr sigrieti kummerċjali, li tista' titqies bħala kunfidenzjali, sa fejn id-divulgazzjoni tagħha tkun ta' dannu sinifikanti għal kontrollur, proċessur jew persuna fiżika. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li l-partijiet investigati li jissottomettu jew li ssottomettew dokumenti jew dikjarazzjonijiet, jidentifikaw informazzjoni kunfidenzjali. | ***każ***, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra ***li tkun protetta legalment***. Il-kategorija ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra tinkludi informazzjoni għajr sigrieti kummerċjali, li tista' titqies bħala kunfidenzjali, sa fejn id-divulgazzjoni tagħha tkun ta' dannu sinifikanti għal kontrollur, proċessur jew persuna fiżika ***jew ġuridika***. L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li l-partijiet investigati li jissottomettu jew li ssottomettew dokumenti jew dikjarazzjonijiet, jidentifikaw informazzjoni kunfidenzjali. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1)(a), tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li tikkonċerna esklużivament kwistjonijiet li wasslu għall-iskattar tas-soluzzjoni tat-tilwim u tkun abbozzata ***b'mod*** li jippermetti lill-awtorità superviżorja ewlenija tadotta d-deċiżjoni finali tagħha abbażi tad-deċiżjoni tal-Bord ***filwaqt li żżomm id-diskrezzjoni tagħha***. | (34) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1)***, il-punt*** (a), tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li tikkonċerna esklużivament kwistjonijiet li wasslu għall-iskattar tas-soluzzjoni tat-tilwim u tkun abbozzata ***f'lingwaġġ ċar u preċiż,*** li jippermetti lill-awtorità superviżorja ewlenija tadotta d-deċiżjoni finali tagħha abbażi tad-deċiżjoni tal-Bord. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37a) Sabiex tissaħħaħ id-dispożizzjoni għall-funzjonament bla xkiel u effettiv tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u soluzzjoni tat-tilwim f'każijiet transfruntiera, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jenħtieġ li jingħataw dejjem aktar kompetenzi u rwol aktar prominenti fil-koordinazzjoni għat-trawwim tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Suġġett | Suġġett ***u kamp ta' applikazzjoni*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli proċedurali għat-trattament tal-ilmenti u t-twettiq ta' investigazzjonijiet f'każijiet ibbażati fuq l-ilmenti u ex officio mill-awtoritajiet superviżorji ***fl-infurzar*** transfruntier tar-Regolament (UE) 2016/679. | ***1.*** Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli proċedurali għat-trattament tal-ilmenti u t-twettiq ta' investigazzjonijiet f'każijiet ibbażati fuq l-ilmenti u ex officio mill-awtoritajiet superviżorji ***relatati mal-ipproċessar*** transfruntier ***skont it-tifsira*** tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Dan ir-Regolament japplika għal każijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/679 relatati ma' tali pproċessar transfruntier, kull meta l-awtoritajiet superviżorji ta' aktar minn Stat Membru wieħed ikunu qed jipparteċipaw f'każ, kif ukoll rimedji ġudizzjarji relatati.*** |

***Dan ir-Regolament ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jispeċifikaw kwistjonijiet proċedurali mhux irregolati minn dan ir-Regolament jew mir-Regolament (UE) 2016/679.***

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "partijiet investigati" tfisser il-kontrollur(i) u/jew il-proċessur(i) investigati għall-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 relatat mal-ipproċessar transfruntier; | (1) "partijiet investigati" tfisser il-kontrollur(i) u/jew il-proċessur(i) investigati għall-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 relatat mal-ipproċessar transfruntier ***kif ukoll ir-rappreżentant(i) tagħhom***; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "ilmentatur" tfisser is-suġġett tad-data jew il-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li jkunu ressqu lment skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2016/679 u għalhekk jitqiesu bħala parti fil-proċedura;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) "parti" tfisser il-parti jew il-partijiet investigati, l-ilmentatur(i) u kwalunkwe parti terza għall-każ kif definit*** |

| | |
|---|---|
| | ***fil-liġi nazzjonali;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) "verżjoni kunfidenzjali tad-dokumenti" tfisser dokumenti li jkun fihom informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva li tista' tkun legalment privileġġata skont il-liġijiet applikabbli u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) "verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti" tfisser verżjoni ta' dokumenti li minnhom tkun ġiet redatta informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva u li tista' tiġi pprovduta lill-ilmentatur mingħajr ma tikser il-liġijiet jew ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Standards proċedurali minimi komuni*** |
| | ***(1) Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet addizzjonali taħt il-liġi nazzjonali, kull parti fil-proċedura għandu jkollha mill-anqas id-drittijiet li ġejjin:*** |

| | |
|---|---|
| | ***(a) il-każ tagħha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust, u li tiġi ttrattata b'mod ugwali, anke jekk f'ġuriżdizzjonijiet differenti ("proċedura ġusta u opportunitajiet ugwali għall-partijiet");*** |
| | ***(b) tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura li taffettwa ħażin lill-parti, inkluż qabel tiġi adottata deċiżjoni li tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment ("id-dritt li wieħed jinstema'");*** |
| | ***(c) ikollha aċċess għall-fajl tal-każ ("trasparenza proċedurali").*** |
| | ***(2) Id-drittijiet fil-paragrafu (1) għandhom jiġu applikati kif previst f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2016/679, u, fejn applikabbli, fil-liġi nazzjonali.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ilment ***abbażi tar-Regolament (UE) 2016/679*** li jirrigwarda ***l-ipproċessar transfruntier għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-Formola, kif stabbilit fl-Anness. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment ikun ammissibbli.*** | 1. Ilment li jirrigwarda ***l-kooperazzjoni u l-konsistenza transfruntiera f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu tal-anqas jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:*** |
| | ***(a) l-isem, l-indirizz u kwalunkwe dettall ta' kuntatt ieħor disponibbli tal-ilmentatur;*** |
| | ***(b) jekk magħrufa, l-isem, l-indirizz u kwalunkwe dettall ta' kuntatt ieħor disponibbli tal-parti investigata;*** |
| | ***(c) il-fatti tal-każ u kwalunkwe evidenza disponibbli li għandu l-ilmentatur;*** |
| | ***(d) il-miżuri li l-ilmentatur jeżiġi mill-awtorità superviżorja.*** |
| | ***Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda*** |

***informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment ikun ammissibbli.***

***L-ilment jista' jiġi sottomess bil-miktub, b'mod elettroniku jew bil-posta.***

***Biex tiġi ffaċilitata l-proċedura tal-ilmenti, formola mudell hija mehmuża fl-Anness.***

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-ilmentatur ma għandux ikun meħtieġ jikkuntattja lill-parti investigata qabel iressaq ilment biex l-ilment ikun ammissibbli.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat ilment għandha tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-ilment fi żmien ġimgħa. Dan ir-rikonoxximent għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-ilment skont il-paragrafu 3.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha | 2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha |

| | |
|---|---|
| tistabbilixxi jekk l-ilment huwiex relatat mal-ipproċessar transfruntier. | tistabbilixxi jekk l-ilment huwiex relatat mal-ipproċessar transfruntier. |
| | ***F'dak ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat tal-anqas dan li ġej:*** |
| | ***- il-kontrollur jew il-proċessur rilevanti għall-ipproċessar inkwistjoni;*** |
| | ***- l-għadd ta' stabbilimenti tal-kontrollur jew tal-proċessur fl-UE;*** |
| | ***- il-post tal-istabbiliment ewlieni;*** |
| | ***- l-attivitajiet ta' stabbilimenti f'iktar minn Stat Membru wieħed;*** |
| | ***- l-effett sostanzjali jew l-effett sostanzjali probabbli fuq suġġetti tad-data f'aktar minn Stat Membru wieħed.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tiddetermina l-kompletezza tal-informazzjoni meħtieġa ***mill-Formola*** fi żmien ***xahar***. | 3. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tiddetermina ***l-ammissibbiltà tal-ilment, inkluża*** l-kompletezza tal-informazzjoni meħtieġa***, u tibgħatha lill-awtorità superviżorja ewlenija*** fi żmien ***tliet ġimgħat minn meta tirċievi l-ilment***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Mal-valutazzjoni tal-kompletezza tal-informazzjoni meħtieġa mill-Formola, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tibgħat l-ilment lill-awtorità superviżorja ewlenija.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta l-ilmentatur jitlob il-kunfidenzjalità meta jippreżenta lment, l-ilmentatur għandu ***jippreżenta*** wkoll verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. | 5. Meta l-ilmentatur jitlob il-kunfidenzjalità meta jippreżenta lment, l-ilmentatur għandu ***jipprovdi*** wkoll verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment***, flimkien mal-verżjoni kunfidenzjali. L-awtorità superviżorja għandha tiddivulgah biss jekk tali żvelar ikun meħtieġ għall-partijiet investigati biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom b'mod effiċjenti.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. L-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat ilment għandha tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-ilment fi żmien ġimgħa. Dan ir-rikonoxximent għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-ilment skont il-paragrafu 3.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Filwaqt li tivvaluta l-punt xieraq sa fejn għandu jiġi investigat ilment f'kull każ, l-awtorità superviżorja għandha tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi dawn kollha li ġejjin: | Filwaqt li tivvaluta l-punt xieraq sa fejn għandu jiġi investigat ilment f'kull każ, l-awtorità superviżorja ***ewlenija*** għandha tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi dawn kollha li ġejjin: |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***il-ħeffa fl-għoti*** ta' rimedju effettiv u f'waqtu lill-ilmentatur; | (a) ***l-għoti*** ta' rimedju effettiv u f'waqtu lill-ilmentatur***, inkluż il-kunsiderazzjoni ta' dak li huwa f'riskju għall-ilmentatur***; |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-użu mill-ilmentatur tal-mekkaniżmu tal-ilmenti (CM) intern ipprovdut mill-partijiet investigati.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) It-trattament ta' lment għandu dejjem iwassal għal deċiżjoni legalment vinkolanti li hija soġġetta għal rimedju legali effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ilment jista' jiġi solvut b'soluzzjoni bonarja bejn l-ilmentatur u l-partijiet | ***1.*** Ilment jista' jiġi solvut b'soluzzjoni bonarja bejn l-ilmentatur u l-partijiet |

investigati*.* ***Meta*** l-awtorità superviżorja ***tqis li tkun instabet soluzzjoni bonarja għall-ilment, hija għandha tikkomunika s-soluzzjoni proposta*** lill-ilmentatur. ***Jekk l-ilmentatur ma joġġezzjonax għas-soluzzjoni*** bonarja ***proposta mill-awtorità superviżorja fi żmien xahar, l-ilment għandu jitqies li ġie rtirat***.

investigati ***fi kwalunkwe stadju tal-investigazzjoni. L-awtorità superviżorja tista' tħeġġeġ u tiffaċilita tali proċess volontarju. Is-soluzzjonijiet bonarji ma jistgħux jintlaħqu abbażi ta' pagamenti lill-ilmentatur. Riżoluzzjoni tat-tilwim minn soluzzjoni bonarja hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-ilmentatur jitlob kumpens skont l-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/679.***

***(1a) Soluzzjoni bonarja bejn l-ilmentatur u l-parti investigata għandha titqies li tkun instabet meta jkun hemm qbil espliċitu.***

***(1b) L-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq ilment tista' tiffaċilita tali soluzzjoni bonarja fil-fażi ta' tħejjija; l-awtorità superviżorja ewlenija tista' tiffaċilitaha ladarba jkun intbagħatilha l-ilment. L-awtorità superviżorja tista' tħeġġeġ u tiffaċilita soluzzjonijiet bonarji meta dan ikun rilevanti.***

***(1c) Fejn tkun instabet soluzzjoni bonarja għall-ilment, il-partijiet għandhom jikkomunikaw is-soluzzjoni lill-awtorità superviżorja, u l-ilment għandu jitqies bħala rtirat.***

***(1d) Japplika l-Artikolu 60(3) u (4) tar-Regolament 2016/679 jekk tkun ntlaħqet is-soluzzjoni bonarja mill-awtorità superviżorja ewlenija.***

***(1e) L-awtoritajiet superviżorji mhumiex marbuta mis-soluzzjoni bonarja fid-dawl ta' investigazzjoni ex officio ulterjuri.***

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***Talba għal proċedura ex officio*** |

***1. L-awtorità superviżorja ewlenija tista' tiftaħ proċedura ex officio fi kwalunkwe ħin.***

***2. Meta tqis li jista' jinkiser ir-Regolament (UE) 2016/679, kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata tista' titlob proċedura ex officio billi tippreżenta talba bil-miktub lill-awtorità superviżorja ewlenija. Tali talba għandha tinkludi minn tal-anqas:***

***(a) dikjarazzjoni li hija awtorità superviżorja kkonċernata;***

***(b) kwalunkwe evidenza tal-ksur;***

***(c) sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin skont l-Artikolu 9.***

***3. Fi żmien tliet ġimgħat, l-awtorità superviżorja ewlenija preżunta għandha:***

***(a) tinforma lill-awtorità superviżorja kkonċernata li fetħet proċedura ex officio;***

***(b) tinforma lill-awtorità superviżorja kkonċernata li l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-każ u li f'konformità mal-Artikolu 56(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja ewlenija ma għandhiex l-intenzjoni li tittratta l-każ hija stess; jew***

***(c) tirrifjuta t-talba, jekk tkun tal-fehma li ma hijiex l-awtorità superviżorja ewlenija jew li ma hemmx ksur tar-Regolament (UE) 2016/679.***

***Fil-każ imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista' tressaq abbozz ta' deċiżjoni lill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) 2016/679.***

***Fil-każ imsemmi fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista' terġa' tippreżenta talba emendata għal proċedura ex officio, jew titlob determinazzjoni dwar il-ftuħ tal-proċedura mill-Bord.***

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) traduzzjoni tal-ilmenti u l-fehmiet tal-ilmentaturi fil-lingwa użata mill-awtorità superviżorja ewlenija għall-finijiet tal-investigazzjoni; | (a) traduzzjoni tal-ilmenti u l-fehmiet tal-ilmentaturi fil-lingwa użata mill-awtorità superviżorja ewlenija għall-finijiet tal-investigazzjoni***, jew fil-lingwa ta' ħidma miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, għall-finijiet tal-investigazzjoni***; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) traduzzjoni tad-dokumenti pprovduti mill-awtorità superviżorja ewlenija fil-lingwa użata għall-komunikazzjoni mal-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti lill-ilmentatur skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 2016/679. | (b) traduzzjoni tad-dokumenti pprovduti mill-awtorità superviżorja ewlenija fil-lingwa użata ***jew li ntlaħaq qbil dwarha*** għall-komunikazzjoni mal-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti lill-ilmentatur skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Awtorità superviżorja tista' tipprovdi traduzzjonijiet awtomatizzati u traduzzjonijiet mhux uffiċjali.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha taġġorna regolarment lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati dwar l-investigazzjoni u ***tipprovdi*** lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati, ***mill-aktar fis possibbli***, ***bl-informazzjoni*** rilevanti kollha ladarba tkun disponibbli. | 1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha taġġorna regolarment lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati dwar l-investigazzjoni u lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati ***tipprovdilhom***, ***mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard minn ġimgħa***, ***l-informazzjoni*** rilevanti kollha ladarba tkun disponibbli. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Ladarba l-awtorità superviżorja ewlenija tkun ifformat opinjoni preliminari dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni, din għandha tabbozza sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin għall-fini ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. | 1. Ladarba l-awtorità superviżorja ewlenija tkun ifformat opinjoni preliminari dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni, din għandha tabbozza sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin ***kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn disa' xhur*** għall-fini ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(aa) it-tweġiba tal-partijiet investigati;*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) ħarsa ġenerali kemm tat-tweġibiet tal-partijiet kollha investigati kif ukoll tal-fehmiet tal-ilmentatur dwar is-sejbiet preliminari;*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jipprovdu kummenti dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. Dawn il-kummenti jridu jiġu pprovduti fi żmien 4 ġimgħat minn meta jirċievu s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. | 3. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jipprovdu kummenti dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. Dawn il-kummenti jridu jiġu pprovduti fi żmien 4 ġimgħat minn meta jirċievu s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin***, f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679***. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Bord jista' jispeċifika fir-regoli ta' proċedura tiegħu restrizzjonijiet fuq it-tul massimu ta' kummenti ppreżentati mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Il-każijiet fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma pprovdiet kummenti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu bħala każijiet*** mhux kontenzjużi. ***F'każijiet bħal dawn***, is-sejbiet preliminari msemmija fl-Artikolu 14 għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet investigati fi żmien ***9*** xhur mill-iskadenza prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. | 6. ***F'każijiet*** mhux kontenzjużi, is-sejbiet preliminari msemmija fl-Artikolu 14 għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet investigati fi żmien ***tliet*** xhur mill-iskadenza prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-miżuri korrettivi potenzjali.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta***, f'investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti,*** ma jkun hemm l-ebda kunsens bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u awtorità superviżorja kkonċernata waħda jew aktar dwar ***il-kwistjoni msemmija*** fl-Artikolu 9(2), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, l-awtorità superviżorja ewlenija ***għandha titlob deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. F'dak il-każ, il-kundizzjonijiet għat-talba ta' deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiġu preżunti li ġew issodisfati.*** | 4. Meta ma jkun hemm l-ebda kunsens bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u awtorità superviżorja kkonċernata waħda jew aktar dwar ***il-kwistjonijiet imsemmija*** fl-Artikolu 9(2), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, l-awtorità superviżorja ewlenija ***jew l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jitolbu*** deċiżjoni vinkolanti urġenti ***tal-Bord*** skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***id-dokumenti*** msemmija fl-Artikolu 9(2***), il-punti (a) u (b***); | (a) ***l-informazzjoni rilevanti*** msemmija fl-Artikolu 9(2); |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) dokumenti jew informazzjoni oħra, kif il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jqis xieraq fil-każ partikolari.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Bord għandu jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti ***dwar l-ambitu*** tal-investigazzjoni abbażi tal-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-pożizzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar dawk il-kummenti. | 6. Il-Bord għandu jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti ***limitata għall-ambitu*** tal-investigazzjoni abbażi tal-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-pożizzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar dawk il-kummenti. |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ilmentatur jista' jitlob aċċess ***għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti*** li fuqhom ikun ibbażat ir-rifjut | 4. L-ilmentatur jista' jitlob aċċess ***għad-dokumenti*** li fuqhom ikun ibbażat ir-rifjut propost tal-ilment ***bl-użu mutatis*** |

| | |
|---|---|
| propost tal-ilment. | ***mutandis tal-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jekk l-ilmentatur jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment u l-fehmiet ma jwasslux għal bidla fil-fehma preliminari li l-ilment għandu jiġi irrifjutat kompletament jew parzjalment, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tħejji l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. | 5. Jekk l-ilmentatur jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment u l-fehmiet ma jwasslux għal bidla fil-fehma preliminari li l-ilment għandu jiġi irrifjutat kompletament jew parzjalment ***skont l-Artikolu 60(8) jew l-Artikolu 60(9) tar-Regolament (UE) 2016/679, kif applikabbli***, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tħejji l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta ***l-awtorità superviżorja ewlenija tikkunsidra*** li l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi li dwarhom l-ilmentatur għandu jkollu l-opportunità li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) | 1. Meta l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi li dwarhom l-ilmentatur għandu jkollu l-opportunità li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi |

| | |
|---|---|
| tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-ilmentatur bil-possibbiltà li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu dwar dawn l-elementi ġodda. | lill-ilmentatur bil-possibbiltà li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu dwar dawn l-elementi ġodda. ***Il-limitu ta' żmien stabbilit m'għandux ikun anqas minn ġimagħtejn.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun ċar li l-kunsiderazzjoni li ilmentatur għandu jerġa' jinstema' mhijiex setgħa arbitrarja iżda għandha sseħħ jekk ikun hemm bidliet essenzjali fl-abbozz. Fl-istess ħin, għandu jkun hemm livell minimu ta' żmien għal tweġiba bħal fl-Artikolu 11(2) tar-regolament propost. Il-limitu ġie stabbilit għal ġimagħtejn b'analoġija għall-Artikolu 60(5) tal-GDPR. Il-paragrafu 2 ingħaqad mal-paragrafu 1.*

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-ilmentatur jista' jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sejbiet*** preliminari u ***tweġiba*** | ***Sejba*** preliminari u ***d-dritt li jinstemgħu minn partijiet investigati*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-sejbiet preliminari għandhom | Is-sejbiet preliminari għandhom |

| | |
|---|---|
| jippreżentaw allegazzjonijiet imqajma b'mod eżawrjenti u ċar biżżejjed li jippermettu lill-partijiet investigati jieħdu konjizzjoni tal-imġiba investigata mill-awtorità superviżorja ewlenija. B'mod partikolari, ***iridu*** jistabbilixxu b'mod ċar il-fatti kollha u l-valutazzjoni legali sħiħa mqajma kontra l-partijiet investigati, sabiex ***ikunu*** jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-fatti u l-konklużjonijiet legali li l-awtorità superviżorja ewlenija beħsiebha tfassal fl-abbozz tad-deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, u telenka l-evidenza kollha li hija tibbaża fuqha. | jippreżentaw allegazzjonijiet imqajma b'mod eżawrjenti u ċar biżżejjed li jippermettu lill-partijiet investigati jieħdu konjizzjoni tal-imġiba investigata mill-awtorità superviżorja ewlenija. B'mod partikolari, ***għandhom*** jistabbilixxu b'mod ċar il-fatti kollha u l-valutazzjoni legali sħiħa mqajma kontra l-partijiet investigati, sabiex ***il-partijiet jkunu jistgħu jinstemgħu u jkunu*** jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-fatti u l-konklużjonijiet legali li l-awtorità superviżorja ewlenija beħsiebha tfassal fl-abbozz tad-deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, u telenka l-evidenza kollha li hija tibbaża fuqha. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih dawn il-partijiet jistgħu jipprovdu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. L-awtorità superviżorja ewlenija ***ma għandhiex tkun obbligata tqis il-fehmiet*** bil-miktub ***riċevuti*** wara ***l-iskadenza ta' dak*** il-limitu ta' żmien. | 4. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih dawn il-partijiet jistgħu jipprovdu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. ***Dak il-limitu ta' żmien irid ikun raġonevoli u proporzjonat u jqis ir-riżultati tal-investigazzjonijiet, u ma għandux ikun inqas minn tliet ġimgħat.*** L-awtorità superviżorja ewlenija ***tista' tirċievi fehmiet*** bil-miktub ***addizzjonali mill-partijiet investigati*** wara ***li jiskadi dan*** il-limitu ta' żmien ***iżda ma għandhiex tkun obbligata tqisu***. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lil dawk il-partijiet aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** f'konformità ***mal-Artikolu 20***. | 5. Meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tipprovdi lil dawk il-partijiet aċċess għall-fajl ***tal-każ*** f'konformità ***mal-Kapitolu IV***. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija toħroġ sejbiet preliminari relatati ma' kwistjoni li fir-rigward tagħha tkun irċeviet ilment, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur ***b'verżjoni*** mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari u tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-ilmentatur jista' jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa bil-miktub. | 1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija toħroġ sejbiet preliminari relatati ma' kwistjoni li fir-rigward tagħha tkun irċeviet ilment, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur ***verżjoni*** mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari ***fi żmien 30 jum wara li tirċievi s-sejbiet preliminari*** u tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-ilmentatur jista' jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa bil-miktub. ***Il-limitu ta' żmien għandu jkun proporzjonat biex l-ilmentaturi jkollhom żmien adegwat biex iwieġbu u m'għandux ikun inqas minn 3 ġimgħat.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tikkunsidra li huwa neċessarju għall-ilmentatur li jiġi pprovdut ***bid-dokumenti*** inklużi fil-fajl ***amministrattiv*** sabiex l-ilmentatur ikun jista' jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu dwar is-sejbiet | 3. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tikkunsidra li huwa neċessarju għall-ilmentatur li jiġi pprovdut ***id-dokumenti*** inklużi fil-fajl ***tal-każ*** sabiex l-ilmentatur ikun jista' jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu dwar is-sejbiet preliminari, |

| | |
|---|---|
| preliminari, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur ***b'verżjoni*** mhux kunfidenzjali ta' dawk id-dokumenti meta tipprovdi s-sejbiet preliminari skont il-paragrafu 1. | l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur ***verżjoni*** mhux kunfidenzjali ta' dawk id-dokumenti meta tipprovdi s-sejbiet preliminari skont il-paragrafu 1***, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet għal rimedju effettiv***. |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ilmentatur għandu jiġi pprovdut ***bil-verżjoni*** mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari ***biss*** għall-fini tal-investigazzjoni ***konkreta*** li fiha jkunu nħarġu s-sejbiet preliminari. | 4. L-ilmentatur għandu jiġi pprovdut ***il-verżjoni*** mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari għall-fini tal-investigazzjoni ***li tikkonċerna l-ilment speċifiku tiegħu*** li fiha jkunu nħarġu s-sejbiet preliminari. ***Il-verżjoni mhux kunfidenzjali għandha tiġi pprovduta sabiex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-ilmentatur fil-proċedura ta' investigazzjoni u biex tippermettilu jressaq il-fehmiet u l-argumenti tiegħu b'mod adegwat fi ħdan dik l-investigazzjoni.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Qabel ma ***jirċievi*** l-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari u kwalunkwe dokument ipprovdut skont il-paragrafu 3, ***l-ilmentatur għandu jibgħat lill-awtorità superviżorja ewlenija*** dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità, fejn l-ilmentatur jimpenja ruħu li ma jiddivulga l-ebda informazzjoni jew valutazzjoni magħmula fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari jew li ma jużа dawk is-sejbiet għal ebda skop għajr l- | 5. Qabel ma ***jipprovdi*** l-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari u kwalunkwe dokument ipprovdut skont il-paragrafu 3, ***l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha titlob lill-ilmentatur jiffirma*** dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità, fejn l-ilmentatur jimpenja ruħu li ma jiddivulga l-ebda informazzjoni jew valutazzjoni magħmula fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sejbiet preliminari jew li ma jużа dawk is-sejbiet |

| | |
|---|---|
| investigazzjoni konkreta li fiha nħarġu dawk is-sejbiet. | għal ebda skop għajr ***biex issir sottomissjoni dwar*** l-investigazzjoni konkreta li fiha nħarġu dawk is-sejbiet. ***Għandhom jiġu speċifikati l-konsegwenzi legali ta' meta wieħed jirrifjuta li jiffirma jew li jikkonforma mad-dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodi msemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tadotta u tinnotifika d-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-istabbiliment ewlieni jew lill-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur, skont il-każ, u tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u lill-Bord bid-deċiżjoni inkwistjoni, inkluż sommarju tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti. | Wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodi msemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha***, fi żmien erba' ġimgħat,*** tadotta u tinnotifika d-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 60(7***) u l-Artikolu 60(9***) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-istabbiliment ewlieni jew lill-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur, skont il-każ, u tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u lill-Bord bid-deċiżjoni inkwistjoni, inkluż sommarju tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti. |
| | ***F'tali każ, l-awtorità superviżorja għandha tipprovdi wkoll lill-kontrollur jew lill-proċessur informazzjoni dwar rimedju ġudizzjarju disponibbli f'konformità mal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' żmien ċar fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 60(7) tal-GDPR ladarba l-proċeduri kollha dwar opinjonijiet motivati jew mekkaniżmu ta' konsistenza jkunu lesti. Ara wkoll l-opinjoni konġunta 1/2023 tal-EDPS u l-EDPB.*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi li dwarhom il-partijiet investigati ma nstemgħux, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-partijiet investigati ***bil-possibbiltà*** li jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom dwar dawn l-elementi l-ġodda. | 1. Meta l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi li dwarhom il-partijiet investigati ma nstemgħux, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-partijiet investigati ***l-possibbiltà*** li ***jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu u*** jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom dwar dawn l-elementi l-ġodda. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-partijiet investigati jistgħu jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom. | 2. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-partijiet investigati jistgħu jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom. ***Dak il-limitu ta' żmien irid ikun raġonevoli u proporzjonat u jqis ir-riżultati tal-investigazzjonijiet, u ma għandux ikun inqas minn ġimagħtejn.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***it-tul ta' kull oġġezzjoni rilevanti u*** | (a) ***l-oġġezzjoni*** motivata ***għandha*** |

| | |
|---|---|
| motivata ***u l-pożizzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija dwar kwalunkwe oġġezzjoni bħal din ma għandhomx jaqbżu t-tliet paġni u ma għandhomx jinkludu annessi. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet legali partikolarment kumplessi***, ***it-tul massimu jista' jiżdied għal sitt paġni***, ***ħlief jekk ċirkostanzi speċifiċi li jiġġustifikaw tul itwal jiġu aċċettati mill-Bord***; | ***tkun konċiża***, ***trasparenti, intelliġibbli u pprovduta f'forma aċċessibbli faċilment***, ***bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni hija formalistika wisq u ma tqisx id-diversità tal-każijiet possibbli. Id-dmir huwa li jkun hemm dokumenti konċiżi iżda mhux fil-forma ta' numru speċifiku ta' paġni.*

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu IV – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** u trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali | Aċċess għall-fajl ***tal-każ*** u trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kontenut tal-fajl ***amministrattiv*** | Kontenut tal-fajl ***tal-każ*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fajl ***amministrattiv*** f'investigazzjoni dwar ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 jikkonsisti fid- | 1. Il-fajl ***tal-każ*** f'investigazzjoni dwar ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 jikkonsisti fid-dokumenti kollha |

| | |
|---|---|
| dokumenti kollha li nkisbu, ġew prodotti u/jew immuntati mill-awtorità superviżorja ewlenija matul l-investigazzjoni. | li nkisbu, ġew prodotti u/jew immuntati mill-awtorità superviżorja ewlenija matul l-investigazzjoni. |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Matul l-investigazzjoni ta' ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija ***tista'*** tirritorna lill-parti li mingħandha jkunu nkisbu, dokumenti li wara eżami aktar dettaljat jirriżulta li ma jkunux relatati mas-suġġett tal-investigazzjoni. Mar-ritorn, dawn id-dokumenti ma għandhomx jibqgħu jikkostitwixxu parti mill-fajl ***amministrattiv***. | 2. Matul l-investigazzjoni ta' ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija ***għandha*** tirritorna lill-parti li mingħandha jkunu nkisbu, dokumenti li wara eżami aktar dettaljat jirriżulta li ma jkunux relatati mas-suġġett tal-investigazzjoni. Mar-ritorn, dawn id-dokumenti ma għandhomx jibqgħu jikkostitwixxu parti mill-fajl ***tal-każ***. |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl amministrattiv ma għandux jestendi għall-korrispondenza u għall-iskambju ta' fehmiet bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati. L-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet superviżorji għall-finijiet tal-investigazzjoni ta' każ individwali hija dokumenti interni u ma għandhiex tkun aċċessibbli għall-partijiet investigati jew għall-ilmentatur.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** u użu tad-dokumenti | Aċċess għall-fajl ***tal-każ*** u użu tad-dokumenti |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tagħti aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** lill-partijiet ***investigati***, biex b'hekk tippermettilhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu. L-aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** għandu jingħata wara li l-awtorità superviżorja ewlenija tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet ***investigati***. | 1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tagħti aċċess għall-fajl ***tal-każ*** lill-partijiet, biex b'hekk tippermettilhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu ***u d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv***. L-aċċess għall-fajl ***tal-każ*** għandu jingħata ***mhux aktar tard minn*** wara li l-awtorità superviżorja ewlenija tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet. |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Il-fajl ***amministrattiv*** għandu jinkludi d-dokumenti kollha, inkriminanti u li jiskaġunaw, inklużi l-fatti u d-dokumenti ***li huma magħrufa mill-partijiet*** investigati. | 2. Il-fajl ***tal-każ*** għandu jinkludi d-dokumenti kollha, inkriminanti u li jiskaġunaw, inklużi l-fatti u d-dokumenti ***rigward il-partijiet*** investigati. |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Il-konklużjonijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija fl-abbozz tad- | 3. Il-konklużjonijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija fl-abbozz tad- |

| | |
|---|---|
| deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 jistgħu jiddependu biss fuq id-dokumenti ċitati fis-sejbiet preliminari jew li fuqhom il-partijiet ***investigati*** kellhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa. | deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 jistgħu jiddependu biss fuq id-dokumenti ċitati fis-sejbiet preliminari jew li fuqhom il-partijiet kellhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa. |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Id-dokumenti miksuba permezz tal-aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** skont dan l-Artikolu għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 fil-każ speċifiku li għalih ikunu ġew ipprovduti dawn id-dokumenti. | 4. Id-dokumenti miksuba permezz tal-aċċess għall-fajl ***tal-każ*** skont dan l-Artikolu għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 fil-każ speċifiku li għalih ikunu ġew ipprovduti dawn id-dokumenti ***lill-partijiet***. |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kwalunkwe informazzjoni miġbura jew miksuba minn awtorità superviżorja f'każijiet transfruntieri fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kwalunkwe dokument li jkun fih din l-informazzjoni, ***hija*** eskluża mit-talbiet għal aċċess fl-ambitu tal-liġijiet dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali sakemm il-proċedimenti jkunu għadhom għaddejjin. | 2. ***F'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-UE applikabbli dwar l-aċċess għal dokumenti*** kwalunkwe informazzjoni miġbura jew miksuba minn awtorità superviżorja f'każijiet transfruntieri fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kwalunkwe dokument li jkun fih din l-informazzjoni, ***tista' tiġi*** eskluża mit-talbiet għal aċċess fl-ambitu tal-liġijiet dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali sakemm il-proċedimenti jkunu għadhom għaddejjin. ***L-istess esklużjoni tapplika għas-sigrieti kummerċjali u għal informazzjoni kunfidenzjali oħra.*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jikkomunikaw is-sejbiet preliminari lill-partijiet ***investigati*** u jipprovdu aċċess għall-fajl ***amministrattiv*** abbażi tal-Artikolu 20, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tiżgura li l-partijiet ***investigati*** li għalihom qed jingħata aċċess għal informazzjoni li jkun fiha sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra jittrattaw din l-informazzjoni bl-akbar rispett għall-kunfidenzjalità tagħha u li din l-informazzjoni ma tintużax għad-detriment tal-fornitur tal-informazzjoni. Skont il-grad ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tadotta arranġamenti xierqa biex tagħti effett sħiħ lid-drittijiet ***tad-difiża*** tal-partijiet ***investigati*** b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. | 3. Meta jikkomunikaw is-sejbiet preliminari lill-partijiet u jipprovdu aċċess għall-fajl ***tal-każ*** abbażi tal-Artikolu 20, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tiżgura li l-partijiet li għalihom qed jingħata aċċess għal informazzjoni li jkun fiha sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra jittrattaw din l-informazzjoni bl-akbar rispett għall-kunfidenzjalità tagħha u li din l-informazzjoni ma tintużax għad-detriment tal-fornitur tal-informazzjoni. Skont il-grad ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tadotta arranġamenti xierqa biex tagħti effett sħiħ lid-drittijiet tal-partijiet b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. ***Il-valutazzjoni finali dwar jekk l-informazzjoni hijiex kunfidenzjali tinsab fi ħdan l-awtorità superviżorja ewlenija.*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtorità superviżorja ewlenija tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien għall-partijiet investigati u kwalunkwe parti oħra li tqajjem talba għall-kunfidenzjalità biex: | 6. L-awtorità superviżorja ewlenija tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien ***proporzjonat u raġonevoli*** għall-partijiet investigati u kwalunkwe parti oħra li tqajjem talba għall-kunfidenzjalità biex: |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Riferiment għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 | Riferiment għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65***(1)(a)*** tar-Regolament (UE) 2016/679 |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jekk l-awtorità superviżorja ewlenija ma tikkonformax mal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jew tkun tal-fehma li l-oġġezzjonijiet ma humiex rilevanti jew motivati, hija għandha tippreżenta s-suġġett lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679. | 1. Jekk l-awtorità superviżorja ewlenija ma tikkonformax mal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jew tkun tal-fehma li l-oġġezzjonijiet ma humiex rilevanti jew motivati, hija għandha tippreżenta s-suġġett lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679***, fi żmien erba' ġimgħat minn meta tirċievi l-oġġezzjonijiet rilevanti u mmotivati kollha***. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) (aa) is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin;*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) sommarju tal-fatti rilevanti; | (b) sommarju tal-fatti rilevanti***, inkluż id-deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar, id-deskrizzjoni tal-organizzazzjoni tal-kumpanija u d-deskrizzjoni ta' fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet***; |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li ma kinux segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija; | (f) l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li ma kinux segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija***, u l-oġġezzjonijiet li l-awtorità superviżorja ewlenija irrifjutat bħala li ma humiex la rilevanti u lanqas immotivati***; |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja ewlenija ma segwietx l-oġġezzjonijiet ***rilevanti u motivati*** jew qieset li l-oġġezzjonijiet ma kinux rilevanti jew motivati. | (g) ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja ewlenija ma segwietx l-oġġezzjonijiet jew qieset li l-oġġezzjonijiet ma kinux rilevanti jew motivati. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) aċċess għall-fajl tal-każ konġunt.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Bord għandu fi żmien ***4 ġimgħat*** minn meta jirċievi d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2 ***jidentifika l-oġġezzjonijiet rilevanti*** u ***motivati miżmuma***. | 3. Il-Bord għandu ***jirreġistra s-sottomissjoni ta' suġġett għall-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim*** fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċievi d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2 ***jew għandu jitlob sottomissjoni mill-ġdid li tinkludi kwalunkwe informazzjoni nieqsa fi żmien ġimgħa oħra. Meta jirreġistra s-sottomissjoni, il-Bord għandu jelenka u jistruttura t-tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji li jiffurmaw l-ambitu tal-proċedura quddiem il-Bord,*** u ***jipprovdih immedjatament lill-awtoritajiet superviżorji***. |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu, fi żmien ġimagħtejn wara li jkunu ġew ipprovduti s-sottomissjoni skont il-paragrafu 3, jissottomettu kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jista' jkollhom dwar dak il-każ, inkluż iżda mhux limitata għal fatti u dokumentazzjoni li fuqhom tkun imsejsa l-oġġezzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3b. Ir-"riferiment tas-suġġett" skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tfisser il-mument meta d-dokumenti kollha msemmija fl-Artikolu 2(2) ikunu disponibbli u tradotti.*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3c. Il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 65(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 għall-awtoritajiet superviżorji li jadottaw deċiżjoni dwar is-suġġett sottomess lill-Bord matul il-perjodi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 65(3) ta' dak ir-Regolament għandha tapplika wkoll matul il-perjodi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ir-"riferiment tas-suġġett" skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tfisser il-mument meta d-dokumenti kollha msemmija fl-Artikoli 22(2) u 23 ikunu disponibbli u tradotti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Talba mill-opinjoni 1/2023 tal-EDPB u l-EDPS.*

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-fehmiet bil-miktub mill-partijiet investigati kif ukoll mill-ilmentaturi;*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ***fejn applikabbli,*** il-fehmiet tal-istabbiliment lokali tal-partijiet investigati li kontrihom ittieħdu miżuri provviżorji skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. | (f) il-fehmiet tal-istabbiliment lokali tal-partijiet investigati li kontrihom ittieħdu miżuri provviżorji skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta l-Bord jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti li tindika li għandhom jiġu adottati miżuri finali, huwa għandu jitlob valutazzjoni konġunta li ssir minn tal-anqas ħames esperti mir-"Riżerva ta' Appoġġ ta' Esperti" tal-EDPB. Din il-valutazzjoni konġunta għandha tiġi ppubblikata flimkien mad-deċiżjoni vinkolanti urġenti.*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-perjodi ta' żmien għandhom*** | ***imħassar*** |

***jibdew fil-jum tax-xogħol wara l-avveniment li għalih tirreferi d-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679 jew dan ir-Regolament.***

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li r-Regolament Nru 1182/71 japplika bis-sħiħ, dan it-test addizzjonali mhuwiex meħtieġ.*

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 30a*** |
| | ***Evalwazzjoni u rieżami*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tirrieżamina dan ir-Regolament bħala parti mir-rapporti tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 97 tar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dħul fis-seħħ | Dħul fis-seħħ ***u applikazzjoni*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Huwa għandu japplika minn ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |

*Ġustifikazzjoni*

*EDPB paragrafu 192 – perjodu tranżitorju għall-aġġustamenti meħtieġa fis-segretarjat u l-għodod (IMI) tal-EDPB, fl-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data, u possibbilment fil-liġijiet nazzjonali.*

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Parti A - 3. Entità li l-ipproċessar tad-data personali tiegħek minnha jikser ir-Regolament (UE) 2016/679. Tipprovdi l-informazzjoni kollha fil-pussess tiegħek biex tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-entità li hija s-suġġett tal-ilment tiegħek, inkluż jekk ġejtx ikkuntattjat mill-entità qabel l-ilment tiegħek u tiddeskrivi r-riżultat ta' kwalunkwe tali azzjoni. Jekk possibbli, jekk jogħġbok ehmeż kwalunkwe korrispondenza rilevanti bejnek u l-entità. Min-naħa l-oħra, ħassar it-tieni paragrafu tat-Taqsima B.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Anness – Parti A – Punt 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-ilmentatur ikun persuna fiżika, ippreżenta formola ta' identifikazzjoni*[2]**. | ***imħassar*** |
| ___________________<br>[2] ***Pereżempju, passaport, liċenzja tas-sewqan, ID nazzjonali.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Proposta ta' tħassir mill-opinjoni konġunta 1/2023 tal-EDPS/EDPB.*

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Anness – Parti A – Punt 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Numru tat-telefon*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Proposta ta' tħassir mill-opinjoni konġunta 1/2023 tal-EDPS/EDPB.*

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Anness – Parti B – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Numru tat-telefon*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Proposta ta' żieda (taħt "Informazzjoni supplimentari") mill-opinjoni konġunta 1/2023 tal-EDPS/EDPB.*

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta’ regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679 |
| **Referenzi** | COM(2023)0348 – C9-0231/2023 – 2023/0202(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>13.7.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>13.7.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Ibán García Del Blanco<br>16.11.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 11.12.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Gunnar Beck, Jorge Buxadé Villalba, Ilana Cicurel, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Durand, Angelika Niebler, Nacho Sánchez Amor, Jana Toom |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Benoît Biteau, Christian Ehler, Witold Pahl |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 14 | + |
|---|---|
| ID | Gunnar Beck, Virginie Joron, Gilles Lebreton |
| NI | Sabrina Pignedoli |
| Renew | Ilana Cicurel, Jana Toom, Adrián Vázquez Lázara |
| S&D | Pascal Durand, Ibán García Del Blanco, Franco Roberti, Nacho Sánchez Amor, Tiemo Wölken |
| Verts/ALE | Benoît Biteau, Sergey Lagodinsky |

| 9 | - |
|---|---|
| ECR | Jorge Buxadé Villalba, Raffaele Stancanelli |
| PPE | Pascal Arimont, Christian Ehler, Angelika Niebler, Witold Pahl, Jiří Pospíšil, Axel Voss, Marion Walsmann |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679 | | | |
| **Referenzi** | COM(2023)0348 – C9-0231/2023 – 2023/0202(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 4.7.2023 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>13.7.2023 | | | |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>13.7.2023 | ITRE<br>13.7.2023 | IMCO<br>13.7.2023 | JURI<br>13.7.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | EMPL<br>18.7.2023 | ITRE<br>19.7.2023 | IMCO<br>18.7.2023 | |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Sergey Lagodinsky<br>18.7.2023 | | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 18.7.2023 | 28.11.2023 | | |
| **Data tal-adozzjoni** | 15.2.2024 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 32<br>24<br>4 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Malin Björk, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Patricia Chagnon, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Assita Kanko, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Diana Riba i Giner, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche | | | |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Beata Kempa, Dietmar Köster, Sergey Lagodinsky, Peter Pollák, Cristian Terheş, Róża Thun und Hohenstein, Axel Voss | | | |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Catherine Amalric, Pablo Arias Echeverría, François-Xavier Bellamy, Milan Brglez, Katalin Cseh, Frances Fitzgerald, Ibán García Del Blanco, Isabel García Muñoz, Eider Gardiazabal Rubial, Catherine Griset, Jan Huitema, Stelios Kympouropoulos, Marian-Jean Marinescu, Radka Maxová, Jozef Mihál, Sven Mikser, Andrey Novakov, Witold Pahl, Evelyn Regner, Maria Veronica Rossi, Eleni Stavrou, Rainer Wieland | | | |
| **Data tat-tressiq** | 20.2.2024 | | | |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 32 | + |
|---|---|
| Renew | Abir Al-Sahlani, Catherine Amalric, Katalin Cseh, Jan Huitema, Sophia in 't Veld, Jozef Mihál, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom |
| S&D | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Milan Brglez, Ibán García Del Blanco, Isabel García Muñoz, Eider Gardiazabal Rubial, Dietmar Köster, Juan Fernando López Aguilar, Radka Maxová, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Evelyn Regner |
| The Left | Malin Björk, Clare Daly, Cornelia Ernst |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Sergey Lagodinsky, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik |

| 24 | - |
|---|---|
| ECR | Assita Kanko, Beata Kempa, Cristian Terheş |
| ID | Patricia Chagnon, Catherine Griset |
| NI | Milan Uhrík |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Alexander Alexandrov Yordanov, Pablo Arias Echeverría, François-Xavier Bellamy, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Frances Fitzgerald, Stelios Kympouropoulos, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Marian-Jean Marinescu, Andrey Novakov, Witold Pahl, Peter Pollák, Emil Radev, Eleni Stavrou, Axel Voss, Rainer Wieland |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ID | Maria Veronica Rossi, Tom Vandendriessche |
| S&D | Maria Grapini, Evin Incir |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni